Aktar minn
64 paġna

rezz jiġi kkalkulat
skond il-każ

joni, huwa dis-
zzjoni u Avviżi),
bbonamenti se-

ejju 2004, l-isti-
llha bil-Malti u
'mod separat.
fl-għoxrin ling-

al Uffiċjali ming-
*ċjali ta' l-Unjoni*

ħna mad-dinja

:)

T EWROPEJ

MT

# Il-Ġurnal Uffiċjali
## ta' l-Unjoni Ewropea

Edizzjoni bil-Malti

## Informazzjoni u Avviżi

Avviż Nru — Werrej

I *Tagħrif*

**Il-Qorti ta' l-Awdituri**


Rapport dwar il-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fu
għas-sena finanzjarja 2003 flimkien mar-risposti ta' l-Aġenzija. . . . . . . . . . . . . . . . . .

Rapport dwar il-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà fl-Avjazzjoni g
2003 flimkien mar-risposti ta' l-Aġenzija. . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . .

Rapport fuq il-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima għas-s
flimkien mar-risposti ta' l-Awtorità . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . .

Rapport fuq il-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija ta' l-Ambjent Ewropew għas-sena finan
mar-risposti ta' l-Aġenzija . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . .

Rapport dwar il-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija Ewropea għall-Valutazzjoni tal
għas-sena finanzjarja 2003 flimkien mar-risposti ta' l-Aġenzija. . . . . . . . . . . . . . . . . .

Rapport fuq il-kontijiet annwali ta' l-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà fl-Ikel għas-se
flimkien mar-risposti ta' l-Awtorità . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . .

Rapport fuq il-kontijiet annwali taċ-Ċentru ta' Traduzzjoni għall-Entitajiet ta' l-Unjon
finanzjarja 2003 flimkien mar-risposti taċ-Ċentru . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . .

Rapport dwar il-kontijiet annwali taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Pro
finanzjarja 2003 flimkien mar-risposti taċ-Ċentru . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . .


Dan il-ĠU jannulla u jieħu post il-ĠU C 324 ta' l-30 ta' Diċembru 2004

MT

**Prezz:**
**22,00 EUR**

* Din il-Ħarġa Speċjali bil-Malti hija ppubblikata bil-lingwi Uffiċjali ta' l-istituzzjonijiet ta' l-U
fil-ĠU C 324 Ħarġa Speċjali

Rapport fuq il-kontijiet annwali ta' l-Eurojust għas-sena finanzjarja 20
l-Eurojust . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . .

Rapport dwar il-kontijiet annwali tal-Fondazzjoni ta' Taħriġ Ewropea għas-s
mar-risposti tal-Fondazzjoni . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . .

Rapport dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji tal-Fondazzjoni Ewropea għ
tal-Ħajja u tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2003 flimkien mar-risposti ta

Rapport dwar il-kontijiet annwali taċ-Ċentru Ewropew tal-Monitoraġġ għad
għas-sena finanzjarja 2003 flimkien mar-risposti taċ-Ċentru . . . . . . . . . . . .

Rapport dwar il-kontijiet annwali taċ-Ċentru Ewropew tal-Monitoraġġ
Ksenofobi għas-sena finanzjarja 2003 flimkien mar-risposti taċ-Ċentru . . .

Rapport fuq il-kontijiet annwali ta' l-Uffiċċju tal-Komunità għall-Varjetajiet t
2003 flimkien mar-risposti ta' l-Uffiċċju. . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . .

Rapport fuq il-kontijiet annwali ta' l-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Su
2003 flimkien mar-risposti ta' l-Uffiċċju. . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . .

MT

I

*(Tagħrif)*

# IL-QORTI TA' L-AWDITURI

## RAPPORT

**dwar il-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-post tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2003 flimkien mar-risposti ta' l-Aġenzija**

**WERREJ**


| | *Paragrafi* | *Paġna* |
|---|---|---|
| INTRODUZZJONI | 1 | 2 |
| OPINJONI TAL-QORTI | 2-5 | 2 |
| OSSERVAZZJONIJIET | 6-11 | 2 |
| Tabelli 1 sa 4 | | 4 |
| **Ir-risposti ta' l-Aġenzija** | | 8 |

## INTRODUZZJONI

1. L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-post tax-Xogħol (minn hawn 'il quddiem imsejjħa bħala "l-Aġenzija") kienet imwaqqfa mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2062/94 tat-18 ta' Lulju 1994 ([1]). Il-kompitu ta' l-Aġenzija huwa li tiġbor u tqassam informazzjoni dwar prioritajiet nazzjonali u tal-Komunità fis-settur tas-sigurtà u saħħa fuq il-post tax-xogħol, li tagħti sostenn lil organizzazzjonijiet nazzjonali u tal-Komunità involuti fil-formulazzjoni u l-implimentazzjoni ta' politika u sabiex tipprovdi informazzjoni dwar miżuri preventivi. *Tabella 1* fiha sommarju tar-responsabbiltajiet u l-attivitajiet ta' l-Aġenzija bbażati fuq informazzjoni mogħtija mill-Aġenzija.

## OPINJONI TAL-QORTI

2. Din l-opinjoni hija indirizzata lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, skond l-Artikolu 185 (2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ([2]).

3. Il-Qorti eżaminat il-kontijiet annwali għall-esekuzzjoni tal-baġit ta' l-Aġenzija għas-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2003. Skond l-Artikolu 14 (1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2062/94, il-baġit ġie implimentat fuq ir-responsabbiltà tad-Direttur. Din ir-responsabbiltà tinkludi l-abbozzar u l-preżentazzjoni tal-kontijiet annwali ([3]), skond id-dispożizzjonijiet finanzjarji interni adottati fuq il-bażi ta' l-Artikolu 15 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2062/94. Il-Qorti ta' l-Awdituri hija mistennija taħt l-Artikolu 248 tat-Trattat li jistabilixxi l-Komunita' Ewropea sabiex teżamina dawn il-kontijiet.

4. Il-Qorti għamlet il-verifika skond il-politika tal-verifiki u standards tagħha, li huma adottati minn standards internazzjonali sabiex jirriflettu l-kuntest tal-Komunita'. Hija eżaminat id-dokumenti tal-kontijiet u applikat il-proċeduri tal-verifika li kkunsidrat neċessarji f'dan il kuntest.

5. Għaldaqshekk il-Qorti kisbet assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet annwali għas-sena li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2003 huma dipendibbli u li l-operazzjonijiet ta' warajhom, fit-totalità tagħhom, huma legali u regolari. Il-kontenut ta' l-osservazzjonijiet li ġejjin ma jmorrux kontra l-opinjoni tal-Qorti espressa f'dan ir-rapport.

## OSSERVAZZJONIJIET

6. L-implimentazzjoni ta' l-approprjazzjonijiet għas-sena finanzjarja 2003 u ta' l-approprjazzjonijiet trasferiti mis-sena finanzjarja ta' qabel tidher f'*Tabella 2*. Il-kont tad-dħul u n-nefqa u l-karta ta' bilanċ imtella' mill-Aġenzija għall-2003 jidhru sommarjament f'*Tabella 3 u 4*.

7. It-trasferimenti ta' approprjazzjonijiet jikkonċernaw prinċipalment Titolu III tal-baġit u, għalkemm kien hemm tnaqqis sostanzjali, jirrappreżentaw aktar minn 45 % ta' l-impenji kostitwiti. Il-Qorti għal darba oħra tiġbed l-attenzjoni ta' l-Aġenzija għan-neċessita' ta' titjib tas-superviżjoni ta' l-attivitajiet tagħha.

8. Għas-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2003 l-Aġenzija bdiet tapplika prinċipji tal-verifika msemmija fir-Regolament finanzjarju l-ġdid. Xorta waħda, l-informazzjoni rigward is-sena finanzjarja 2002 ma ġietx proċessata mill-ġdid, għalhekk mhux possibbli li s-sentejn finanzjarji jkunu mqabbla.

9. Fir-rapport tagħha rigward is-sena finanzjarja 2002 ([4]), il-Qorti tat każ ta' nuqqasijiet fil-kontroll ta' programm ta' sussidji għall-elaborazzjoni u d-disseminazzjoni ta' prattiċi tajba sabiex jitnaqqsu r-riskji għas-saħħa u s-sigurtà f'intrapriżi żgħar u ta' daqs medju. Fl-2003 l-Aġenzija ħallset 3,1 miljun euro fuq bażi ta' analiżi tar-rapporti ta' l-attività u r-rapporti finanzjarji rigward 53 proġett taħt dan il-programm. Id-dikjarazzjonijiet ta' nefqa ta' 20 minn dawn il-proġetti kienu verifikati mill-Qorti. Kif id-data tat-tmiem tal-programm resqet, l-Aġenzija naqqset it-talbiet tagħha f'termini ta' dokumentazzjoni finanzjarja b'sostenn ta' talbiet għal ħlas finali. Ir-riżultat kien li, fil-każ ta' ħamsa mill-20 fajl eżaminat, ħlasijiet ġew magħmula sa l-ammont ta' 348 000 euro fuq il-bażi ta' xejn aktar minn dikjarazzjoni ta' nefqa, mingħajr dokumenti ta' sostenn adegwati u f'ċerti każijiet mingħajr l-ebda dokument ta' sostenn ([5]). Fir-risposta tagħha għar-rapport tal-Qorti rigward is-sena finanzjarja 2002 ([6]), l-Aġenzija kienet qed teżamina l-possibilità li twettaq kontrolli fuq livell ta' min qed jieħu ħsieb il-proġett. L-ebda kontroll ta' dan it-tip ma ġie mwettaq fl-2003.

10. Hekk kif il-Qorti rrimarkat fl-opinjoni tagħha dwar is-sena finanzjarja 2002 ([7]), il-verifika tal-kontijiet tal-baġit reġgħu wrew nuqqasijiet fid-definizzjoni ta' kontrolli finanzjarji *ex ante* u l-proċeduri formali relevanti.

---

([1]) ĠU L 216, ta' l-20.8.1994, p. 1. Ir-Regolament kien amendat mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1654/2003 tat-18 ta' Ġunju 2003 (ĠU L 245, tad-29.9.2003, p. 38).

([2]) ĠU L 248, tas-16.9.2002, p. 1.

([3]) Skond l-Artikolu 14 (3) tar-Regolament finanzjarju ta' l-Aġenzija, il-kontijiet aħharija għas-sena finanzjarja 2003 kienu mlestija fis-27 ta' Lulju 2004 u mibgħuta lill-Qorti ta' l-Awdituri, li rċeviethom fl-24 ta' Settembru 2004. Verżjoni mqassra tal-kontijiet hija ppreżentata fit-tabelli annessi ma' dan ir-rapport.

([4]) Ara paragrafu 12 tar-rapport rigward is-sena finanzjarja 2002 (ĠU C 319, tat-30.12.2003, p. 10).

([5]) F'erba' każijiet, l-ebda dokument ta' sostenn ma kien anness mat-talba u f'każ wieħed id-dokumenti ta' sostenn koprew parti biss mill-ammont mitlub.

([6]) Ara paragrafu 13 tar-rapport rigward is-sena finanzjarja 2002 (ĠU C 319, tat-30.12.2003, p. 14).

([7]) Ara paragrafu 9 tar-rapport rigward is-sena finanzjarja 2002 (ĠU C 319, tat-30.12.2003, p. 9).

# RAPPORT

## dwar il-kontijiet annwali ta' l'Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-post tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2003 flimkien mar-risposti ta' l-Aġenzija

(2004/C 324/01)

### WERREJ


| | *Paragrafi* | *Paġna* |
|---|---|---|
| INTRODUZZJONI | 1 | |
| OPINJONI TAL-QORTI | 2–5 | 4 |
| OSSERVAZZJONIJIET | 6–11 | |
| Tabelli 1 sa 4 | | |
| **Risposti ta' l-Aġenzija** | | 5 |

**OPINJONI TAL-QORTI**

2. Din l-opinjoni hija indirizzata lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, skond l-Artikolu 185 (2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ([1]).

3. Il-Qorti eżaminat il-kontijiet annwali għall-eżekuzzjoni tal-*budget* ta' l-Aġenzija għas-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2003. Skond l-Artikolu 14 (1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2062/94, il-*budget* ġie implimentat fuq ir-responsabbiltà tad-Direttur. Din ir-responsabbiltà tinkludi l-abbozzar u l-preżentazzjoni tal-kontijiet annwali ([2]), skond id-dispożizzjonijiet finanzjarji interni adottati fuq il-bażi ta' l-Artikolu 15 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2062/94. Il-Qorti ta' l-Awdituri hija mistennija taħt l-Artikolu 248 tat-Trattat li jistabilixxi l-Komunita' Ewropea sabiex teżamina dawn il-kontijiet.

4. Il-Qorti għamlet il-verifika skond il-politika tal-verifiki u stàndards tagħha, li huma adottati minn stàndards internazzjonali sabiex jirriflettu l-kuntest tal-Komunita'. Hija eżaminat id-dokumenti tal-kontijiet u applikat il-proċeduri tal-verifika li kkunsidrat neċessarji f'dan il kuntest.

5. Għaldaqshekk il-Qorti kisbet assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet annwali għas-sena li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2003 huma dipendibbli u li l-operazzjonijiet ta' warajhom, fit-totalità tagħhom, huma legali u regolari. Il-kontenut ta' l-osservazzjonijiet li ġejjin ma jmorrux kontra l-opinjoni tal-Qorti espressa f'dan ir-rapport.

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Qorti ta' l-Awdituri fil-Lussemburgu fil-laqgħat ta' 29 u 30 Settembru 2004.

*Għall-Qorti ta' l-Awdituri*
Juan Manuel FABRA VALLÉS
*President*

---

([1]) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

([2]) Kif meħtieġ taħt l-Artikolu 83 (3) tar-regolament finanzjarju ta' l-Aġenzija, il-kontijiet aħħarija għas-sena finanzjarja 2003 kienu mlestija fit-27 ta' Lulju 2004 u mibgħuta lill-Qorti ta' l-Awdituri, li rċeviethom fl-24 ta' Settembru 2004. Verżjoni mqassra tal-kontijiet hija ppreżentata fit-tabelli annessi ma' dan ir-rapport.

## RISPOSTI TA' L-AĠENZIJA

7. L-Aġenzija tixtieq tikkonferma l-impenn kontinwu tagħha lejn it-tnaqqis ta' l-ammont trasferit għas-sena finanzjarja ta' wara skond il-prinċipju ta' annwalità tal-*budget*. Meta pparagunat ma' l-2002, l-Aġenzija naqqset b'mod sinifikanti l-ammonti trasferiti għas-sena finanzjarja ta' wara fl-2003 (minn 60 għal 45 %). Bħal fl-2002 l-ammonti trasferiti għas-sena finanzjarja ta' wara huma fil-biċċa l-kbira tagħhom dovuti għall-implimentazzjoni tajba ta' l-iskema ta' fondi għal SMEs, li għandha ċiklu ċar ta' implimentazzjoni ta' sentejn.

8. Wara varji laqgħat bejn il-Kummissjoni u l-Kontabili ta' l-Aġenziji kollha, ġie deċiż li l-irtirar ta' krediti miġjuba 'l quddiem fl-aħħar tas-sena, kien jeħtieġ l-użu ta' għajnuniet speċifiċi ta' l-IT, li ma kienux disponibbli iżda li qegħdin issa jiġu żviluppati mill-Aġenzija.

9. Fir-rigward tal-proġetti tal-programm għal SMEs, l-Aġenzija ma ħallsitx l-għotja shiħa lil iktar minn nofs it-titolari tal-proġett u nħarġu sitt ordnijiet għal irkupru, wara l-istima interna ta' l-attività u tar-rapporti finanzjarji mill-personal ta' l-Aġenzija u wara d-dokumenti ta' sostenn ipprovduti minn 53 benefiċjarju. Id-differenza bejn l-ammont totali previst u l-ammont totali ta' l-għotja mħallsa kienet ta' € 382 377. L-Aġenzija tenfasizza li l-informazzjoni addizzjonali pprovduta minn erbgħa minn ħames titolari tal-proġett imsemmija mill-Qorti, fuq it-talba ta' l-Aġenzija wara ż-żjara ta' l-awdituri, ikkonfermat l-informazzjoni pprovduta qabel fid-dikjarazzjoni finanzjarja, u ebda aġġustament ma kien meħtieġ. Il-ħames titolari tal-proġett ipprovdu ftit mill-informazzjoni mitluba biex b'hekk kien ġustifikat il-ħlas totali ta' € 11 000. Fl-2004, l-Aġenzija ordnat lil kuntrattur sabiex iwettaq ħames verifiki finanzjarji *ex-post* - inklużi ispezzjonijiet fuq il-post tal-kontijiet tat-titolari tal-proġetti tal-SMEs. Ir-rapporti finali għandhom jitlestew f' Ottubru ta' l-2004, u barra minn hekk, valutazzjoni indipendenti ta' l-ewwel żewġ skemi ta' l-SMEs wasslet għal konklużjoni li proġetti li ngħataw premju huma sostenibbli u ta' valur miżjud kif ukoll dwar l-ġestjoni tajba ta' l-iskemi.

10. L-Aġenzija tieħu nota tal-kummenti tal-Qorti ta' l-Awdituri. Fl-aħħar ta' l-2003, ir-ristrutturazzjoni interna taċ-Ċentru tar-Riżorsi u tas-Servizzi tlestiet- l-operazzjonijiet kollha huma issa soġġetti għal kontroll ta' verifika *ex ante* (aspetti operazzjonali u finanzjarji).

11. L-Aġenzija tixtieq tinforma li, sabiex jiġi rrinforzat il-kontroll ta' l-ispejjeż, il-kuntratti kollha ffirmati minn Settembru 2003 'il quddiem maċ-Ċentri Tematiċi jinkludu klawżola li permezz tagħha l-benefiċjarju jwettaq verifika esterna ta' l-użu tal-fondi magħmula disponibbli mill-ftehim dwar l-għoti ta' flus. L-Awdituri għandhom jagħtu l-opinjoni professjonali tagħhom, waqt li l-iskop tal-verifika jkun li jiġi ċċertifikat li d-dokumenti finanzjarji ppreżentati lill-Aġenzija mill-benefiċjarju jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet finanzjarji tal-ftehim, li l-ispejjeż dikjarati huma l-ispejjeż attwali u li l-irċevuti kollha ġew dikjarati.

# RAPPORT

## dwar il-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà fl-Avjazzjoni għas-sena finanzjarja 2003 flimkien mar-risposti ta' l-Aġenzija

(2004/C 324/02)

### WERREJ


| | *Paragrafi* | *Paġna* |
|---|---|---|
| INTRODUZZJONI | 1 | |
| OPINJONI TAL-QORTI | 2–5 | 7 |
| OSSERVAZZJONIJIET | 6–10 | |
| Tabelli 1 sa 4 | | |
| **Risposti ta' l-Aġenzija** | | 8 |

**OPINJONI TAL-QORTI**

2. Din l-opinjoni hija indirizzata lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, skond l-Artikolu 185 (2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ([1]).

3. Il-Qorti eżaminat il-kontijiet annwali għall-eżekuzzjoni tal-*budget* ta' l-Aġenzija għas-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2003. Skond l-Artikolu 49 (1) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1592/2002 tal-15 ta' Lulju 2002, il-*budget* ġie implimentat fuq ir-responsabbiltà tad-Direttur Eżekuttiv. Din ir-responsabbiltà tinkludi l-abbozzar u l-preżentazzjoni tal-kontijiet annwali ([2]) skond id-dispożizzjonijiet finanzjarji interni adottati fuq il-bażi ta' l-Artikolu 52 ta' l-istess regolament. Il-Qorti ta' l-Awdituri hija mistennija taħt l-Artikolu 248 tat-Trattat li jistabilixxi l-Komunita' Ewropea sabiex teżamina dawn il-kontijiet.

4. Il-Qorti għamlet il-verifika skond il-politika tal-verifiki u stàndards tagħha, li huma adottati minn stàndards internazzjonali sabiex jirriflettu l-kuntest tal-Komunita'. Hija eżaminat id-dokumenti tal-kontijiet u applikat il-proċeduri tal-verifika li kkunsidrat neċessarji f'dan il kuntest.

5. Għaldaqshekk il-Qorti kisbet assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet annwali għas-sena li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2003 huma dipendibbli u li l-operazzjonijiet ta' warajhom, fit-totalità tagħhom, huma legali u regolari. Il-kontenut ta' l-osservazzjonijiet li ġejjin ma jmorrux kontra l-opinjoni tal-Qorti espressa f'dan ir-rapport.

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Qorti ta' l-Awdituri fil-Lussemburgu fil-laqgħat ta' 29 u 30 Settembru 2004.

*Għall-Qorti ta' l-Awdituri*
Juan Manuel FABRA VALLÉS
*President*

---

([1]) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

([2]) Kif meħtieġ taħt l-Artikolu 83 (3) tar-regolament finanzjarju l-Aġenzija, il-kontijiet aħħarija għas-sena finanzjarja 2003 kienu mlestija fil-31 ta' Marzu 2004 u mibgħuta lill-Qorti ta' l-Awdituri, li rċevithom fl-20 ta' Settembru 2004. Verżjoni mqassra tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji hija ppreżentata fit-tabelli annessi ma' dan ir-rapport.

## THE AGENCY'S REPLIES

7. Until the end of 2003, the Executive Director was the Agency's only temporary staff member. In practice, he signed banking transactions alongside the accountant. Other temporary staff have been hired during the second half of 2004, eliminating this incompatibility.

8. The financial systems were validated by the accountant at the beginning of February 2004. A computer system for managing fixed assets, to be implemented by the authorising officer, is currently being acquired and will be validated at a later stage.

9. The shortcomings identified by the Court are related to the fact that the Agency was in its start-up phase. A Human Resources department with a special recruitment unit was set up in February 2004. It has already implemented procedures and tools. The Agency is considering setting up a computerised recruitment management system as of January 2005.

10. The fact that the Agency is based on the premises of the Commission has had a major impact on its IT environment. The Agency will move to its new premises in Cologne in November 2004, which will lead to a considerable improvement in its IT environment and the implementation of a new computer architecture.

# RAPPORT

## dwar il-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà fl-Avjazzjoni għas-sena finanzjarja 2003 flimkien mar-risposti ta' l-Aġenzija

### WERREJ


| | *Paragrafi* | *Paġna* |
|---|---|---|
| INTRODUZZJONI | 1 | 10 |
| OPINJONI TAL-QORTI | 2-5 | 10 |
| OSSERVAZZJONIJIET | 6-10 | 10 |
| Tabelli 1 sa 4 | | 11 |
| **Ir-risposti ta' l-Aġenzija** | | 15 |

## INTRODUZZJONI

1. L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà fl-Avjazzjoni (minn hawn 'il quddiem "l- Aġenzija") kienet imwaqqfa mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1592/2002 tal-15 ta' Lulju 2002 ([1]). Is-sena finanzjarja 2003 kienet l-ewwel li fiha l-Aġenzija attwalment bdiet twettaq l-attivitajiet ta' xogħol tagħha. Il-kompiti ta' l-Aġenzija huma sabiex iżżomm livell għoli ta' sigurtà fl-avjazzjoni ċivili, sabiex tassigura l-funzjoni u żvilupp tajjeb tas-sigurtà fl-avjazzjoni ċivili, sabiex twaqqaf speċifikazzjoni ta' ċertifikazzjoni u tipprovdi ċertifikazzjoni ta' prodotti aeronawtiki. *Tabella 1* tagħti sommarju tal-poteri u l-attivitajiet ta' l-Aġenzija bbażati fuq informazzjoni mogħtija minnha.

## OPINJONI TAL-QORTI

2. Din l-opinjoni hija indirizzata lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, skond l-Artikolu 185 (2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ([2]).

3. Il-Qorti eżaminat il-kontijiet annwali għall-esekuzzjoni tal-baġit ta' l-Aġenzija għas-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2003. Skond l-Artikolu 49 (1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1592/2002 tal-15 ta' Lulju 2002, il-baġit ġie implimentat fuq ir-responsabbiltà tad-Direttur Eżekuttiv. Din ir-responsabbiltà tinkludi l-abbozzar u l-preżentazzjoni tal-kontijiet annwali ([3]) skond id-dispożizzjonijiet finanzjarji interni adottati fuq il-bażi ta' l-Artikolu 52 ta' l-istess regolament. Il-Qorti ta' l-Awdituri hija mistennija taħt l-Artikolu 248 tat-Trattat li jistabilixxi l-Komunita' Ewropea sabiex teżamina dawn il-kontijiet.

4. Il-Qorti għamlet il-verifika skond il-politika tal-verifiki u standards tagħha, li huma adottati minn standards internazzjonali sabiex jirriflettu l-kuntest tal-Komunita'. Hija eżaminat id-dokumenti tal-kontijiet u applikat il-proċeduri tal-verifika li kkunsidrat neċessarji f'dan il kuntest.

5. Għaldaqshekk il-Qorti kisbet assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet annwali għas-sena li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2003 huma dipendibbli u li l-operazzjonijiet ta' warajhom, fit-totalità tagħhom, huma legali u regolari. Il-kontenut ta' l-osservazzjonijiet li ġejjin ma jmorrux kontra l-opinjoni tal-Qorti espressa f'dan ir-rapport.

## OSSERVAZZJONIJIET

6. L-implimentazzjoni ta' l-approprjazzjonijiet għas-sena finanzjarja 2003 tidher f'*Tabella 2*. Il-kont tad-dħul u n-nefqa u l-karta ta' bilanċ ta' l-Agenzija għas-sena finanzjarja 2003 jidhru sommarjament f'*Tabelli 3 u 4*.

7. Id-Direttur Esekuttiv, li huwa l-uffiċjali ta' awtorizzazzjoni, għandu wkoll is-saħħa li jiffirma struzzjonijiet bankarji. Dan huwa kontra l-Artikolu 37 tar-Regolament finanzjarju ta' l-Aġenzija.

8. L-Artikolu 43(1)(e) tar-Regolament finanzjarju ta' l-Aġenzija jgħid li l-uffiċjal ta' kontabilita' għandu jivvalida s-sistemi mniżżla mill-uffiċjal ta' awtorizzazzjoni sabiex jissupplixxi jew jiġġustifika informazzjoni dwar kontabilita'. Din il-validazzjoni ma ssirx matul is-sena.

9. Eżaminazzjoni tal-fajls ta' reklutaġġ urew li kien fihom nuqqasijiet formali u li xi dokumenti kienu nieqsa. B'idea ta' l-ammont tar-reklutġġ imbassar bejn issa u l-2006 (bejn wieħed u ieħor 300 persuna), passi jridu jittieħdu sabiex tiġi assigurata konformita' mtejjba mad-dispożizzjonijiet regolatorji.

10. Analiżi ta' l-ambjent ta' kontroll tas-sistema tal-kompjuter uriet li hija għandha bżonn tisħiħ minn qabel iż-żieda mbassra fl-attivitajiet ta' l-Aġenzija.

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Qorti ta' l-Awdituri fil-Lussemburgu fil-laqgħat tagħha tad-29 u tat-30 ta' Settembru 2004.

*Mill-Qorti ta' l-Awdituri*
Juan Manuel FABRA VALLÉS
*President*

---

([1]) ĠU L 240, tas-7.9.2002, p. 1.

([2]) ĠU L 248, tas-16.9.2002, p. 1.

([3]) Skond l-Artikolu 83 (3) tar-Regolament finanzjarju l-Aġenzija, il-kontijiet aħharija għas-sena finanzjarja 2003 kienu mlestija fil-31 ta' Marzu 2004 u mibgħuta lill-Qorti ta' l-Awdituri, li rċeviethom fl-20 ta' Settembru 2004. Verżjoni mqassra tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji hija ppreżentata fit-tabelli annessi ma' dan ir-rapport.

*Tabella 1*

**Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà fl-Avjazzjoni (kwartieri ġenerali fi Brussell, rilokazzjoni pjanata għal Cologne)**

| Oqsma ta' kompetenza Komunitarja li joħorġu mit-Trattat | Kompetenza ta' l-Aġenzija (Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1592/2002 tal-15 ta' Lulju 2002) | | Awtorita' | Riżorsi disponsibbli għall-Aġenzija fl-2003 | Prodotti u servizzi mogħtija matul is-sena finanzjarja 2003 |
|---|---|---|---|---|---|
| **Politika ta' trasport komuni** | **Miri** | **Kompiti** | 1 **Bord ta' Tmexxija** | ***Baġit* finali** | **Numru ta' kompiti mogħtija:** 2 |
| "Il-Kunsill, b'maġġoranza kwalifikata, jista' jiddeċiedi jekk safejn u b'liema proċedura disposizzjonijiet opportuni jistgħux jiġu addottati għat-traffiku fil-baħar u bl-ajru."<br><br>*(Artikolu 80 tat-Trattat)* | Sabiex iżżomm livell uniformi għoli ta' sigurtà fl-avjazzjoni ċivili fl-Ewropa<br><br>Sabiex tassigura l-funzjoni u l-iżvilupp tajjeb tas-sigurtà fl-avjazzjoni ċivili<br><br>Sabiex tiffaċilita l-moviment liberu ta' merkanzija, persuni u servizzi<br><br>Sabiex tippromwovi effiċjenza fl-infiq fil-proċessi ta' regolatorji u ta' ċertifikazzjoni u sabiex jiġi evitat duplikazzjoni fuq livell nazzjonali u Ewropew | — Sabiex toħroġ opinjonijiet indirizzati lill-Kummissjoni<br><br>— Sabiex toħroġ speċifikazzjonijiet ta' ċertifikazzjoni u kwalunkwe materjal ta' gwida għall-applikazzjoni tal-politika Komunitarja<br><br>— Sabiex tipprovdi ċertifikazzjoni ta' kwalita' fl-ajru u ambjentali ta' prodotti aeronawtiki<br><br>— Sabiex twettaq spezzjonijiet fil-Pajjiżi Membri rigward konformita' mar-regoli ta' sigurtà ta' l-avjazzjoni ċivili kif imniżżla mill-Aġenzija<br><br>— Sabiex twettaq l-investigazzjonijiet neċessarji fil-kumpaniji<br><br>— Sabiex twettaq, f'isem il-Pajjiżi Membri, funzjonijiet u kompiti mogħtija lilhom taħt Konvenzjonijiet internazzjonali applikabbli, b'mod partikolari il-Konvenzjoni ta' Chicago (Konvenzjoni dwar Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali, iffirmata fis-7 ta' Diċembru 1944) | *Kompożizzjoni*<br><br>Rappreżentant ta' kull Stat Membru u rappreżentant tal-Kummissjoni<br><br>*Dmirijiet*<br><br>— Sabiex jadottaw il-programm ta' xogħol u jaraw l-implimetazzjoni tiegħu<br><br>— Sabiex jadottaw linji ta' gwida għall-allokazzjoni ta' kompiti ta' ċertifikazzjoni lill-Istati Membri jew entitajiet kwalifikati<br><br>— Sabiex iwaqqfu korp ta' konsulta ta' partijiet interessati<br><br>2 **Direttur Esekuttiv**<br><br>Appuntat mill-Bord ta' Tmexxija fuq proposta mill-Kummissjoni.<br><br>3 **Bordijiet ta' Appell**<br><br>4 **Verifika esterna**<br><br>Il-Qorti Ewropea ta' l-Awdituri<br><br>5 **Awtorita' ta' Approvazzjoni**<br><br>Il-Parlament, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill | 4,75 miljun euro. Kontribuzzjoni Komunitarja: 100 %<br><br>**Persunal fil-31 ta' Diċembru 2003:**<br><br>Numru ta' postijiet fil-pjan ta' twaqqif: 80<br><br>Postijiet okkupati: 1<br><br>Persunal ieħor: 16 (kuntratti awżiljarji)<br><br>*Persunal totali:* 17<br><br>Assenjati lid-dmirijiet li ġejjin:<br><br>operattivi: 1<br><br>amministrattivi: 4<br><br>varji: 12 | **Numru ta' speċifikazzjonijiet u dokumenti ta' gwida:** 19<br><br>**Deċiżjonijiet ta' ċertifikazzjoni:** 2 132 (1 606 relatati ma' modifikazzjonijiet minuri)<br><br>**Spezzjonijiet:** xejn<br><br>**Investigazzjonijiet:** xejn |

*Source:* Informazzjoni mogħtija mill-Aġenzija.

# RAPPORT

## fuq il-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent għas-sena finanzjarja 2003 flimkien mar-risposti ta' l-Aġenzija

(2004/C 324/04)

### WERREJ


| | *Paragrafi* | *Paġna* |
|---|---|---|
| INTRODUZZJONI | 1 | |
| L-OPINJONI TAL-QORTI | 2–5 | 13 |
| OSSERVAZZJONIJIET | 6–8 | |
| Tabelli 1 sa 4 | | |
| **Risposti ta' l-Aġenzija** | | 14 |

**L-OPINJONI TAL-QORTI**

2. Din l-opinjoni hija indirizzata lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill skond l-Artikolu 185(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ([1]).

3. Il-Qorti eżaminat il-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija għas-sena finanzjarja li għalqet il-31 ta' Diċembru 2003. Skond l-Artikolu13 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1210/90, il-*budget* kien implimentat taħt ir-responsabbiltà tad-Direttur. Din ir-responsabbiltà tinkludi t-tfassil u l-preżentazzjoni tal-kontijiet ([2]), skond id-dispożizzjonijiet finanzjarji interni adottati fuq il-bażi ta' l-Artikolu 14 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1210/90. Il-Qorti ta' l-Awdituri hija meħtieġa teżamina dawn il-kontijiet taħt l-Artikolu 248 tat-Trattat li jistabblixxi l-Komunità Ewropea.

4. Il-Qorti wettqet il-verfika tagħha skond il-politika u l-istandards tal-verifika tagħha, li huma adattati minn standards internazzjonali tal-verifika ġeneralment aċċettati sabiex jirriflettu n-natura speċifika tal-kuntest tal-Komunità. Il-Qorti applikat testijiet bħal dawn fuq ir-reġistri tal-kontijiet u applikat proċeduri oħra bħal dawn li hija kkunsidrat neċċessarji fiċ-ċirkustanzi.

5. Għaldaqstant il-Qorti kisbet assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet annwali għas-sena li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2003 huma ta' min joqgħod fuqhom u li t-transazzjonijiet ta' bażi, fit-totalità tagħhom, huma legali u regolari. Il-kontenut ta' l-osservazzjonijiet li ġejjin ma jpoġġix f'diskussjoni l-opinjoni ta' verifika espressa mill-Qorti f'dan ir-Rapport.

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Qorti ta' l-Awdituri fil-Lussemburgu fil-laqgħat ta' 29 u 30 Settembru 2004.

*Għall-Qorti ta' l-Awdituri*
Juan Manuel FABRA VALLÉS
*President*

---

([1]) ĠU L 248, 16.9.2002, pġ. 1.

([2]) Kif meħtieġ taħt l-Artikolu 13(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1210/90, il-kontijiet finali tad-dħul u l-infiq kollu ta' l-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2003 tlestew fis-6 ta' Awissu 2004 u kienu mibgħuta lill-Qorti ta' l-Awdituri. Il-Qorti rċeviethom fit-22 ta' Settembru 2004. Veżjoni mqassra tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji hija ppreżentata fit-tabelli annessi ma' dan ir-rapport.

## RISPOSTI TA'AĠENZIJA

7. u 8. L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent tirrikonoxxi l-bżonn li tiġi rinforzata l-ġestjoni ta' l-irkupri u l-ħtieġa għal tqabbil regolari tal-kontijiet

Sabiex tpatti għall-limitazzjonijiet tar-riżorsi u biex jiżdiedu l-kapaċitajiet, ġie deċiż li jiġi rreklutat akkawntant fuq livell ta' amministratur skond il-pjan tat-twaqqif 2004.

Fi żmien qasir, se tiġi stabbilita forza ta' ħidma ta' l-EEA dwar l-kontabilità sabiex tassigura operazzjonijiet korretti u regolari matul is-sena, biex timplementa *accrual accounting* u biex tippre-para l-għeluq tal-kontijiet skond il-livelli u l-ħtiġijiet neċessarji.

# RAPPORT

## dwar il-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija Ewropea għall-Valutazzjoni tal-Prodotti Mediċinali għas-sena finanzjarja 2003 flimkien mar-risposti ta' l-Aġenzija

(2004/C 324/05)

### WERREJ


| | *Paragrafu* | *Oldal* |
|---|---|---|
| INTRODUZZJONI | 1 | |
| L-OPINJONI TAL-QORTI | 2–5 | 16 |
| OSSERVAZZJONIJIET | 6–14 | |
| Tabelli 1 sa 5 | | |
| **Risposti ta' l-Aġenzija** | | 17 |

# RAPPORT

## fuq il-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima għas-sena finanzjarja 2003 flimkien mar-risposti ta' l-Awtorità

### WERREJ


| | *Paragrafi* | *Paġna* |
|---|---|---|
| INTRODUZZJONI | 1 | 17 |
| L-OPINJONI TAL-QORTI | 2-5 | 17 |
| OSSERVAZZJONIJIET | 6-10 | 17 |
| Tabelli 1-4 | | 18 |
| **Ir-risposti ta' l-Aġenzija** | | 22 |

**INTRODUZZJONI**

1. L-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà Marittima (minn hawn 'il quddiem imsejjħa "l-Aġenzija") kienet imwaqqfa bir-Regolament (KE) Nru 1406/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 ([1]). Is-sena finanzjarja 2003 kienet l-ewwel sena li fiha l-Aġenzija bdiet twettaq l-attivitajiet tal-ħidma tagħha. Il-funzjonijiet ta' l-Aġenzija huma li tiżgura livell għoli ta' sigurtà marittima u l-prevenzjoni ta' tniġġis minn vapuri, li tipprovdi lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri b' għajnuna teknika, li twettaq monitoraġġ ta' l-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni relevanti tal-Komunità u li tagħmel stima ta' l-effettività tagħha. It-*Tabella 1* tiġbor fil-qosor il-poteri u l-attivitajiet ta' l-Aġenzija fuq il-bażi ta' l-informazzjoni mogħtija minnha.

**L-OPINJONI TAL-QORTI**

2. Din l-opinjoni hija indirizzata lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, skond l-Artikolu 185, paragrafu 2, tar-Regolament tal-Kunsill (KE, EURATOM) Nru 1605/2002 ([2]).

3. Il-Qorti eżaminat il-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija għas-sena finazjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2003. Skond l-Artikolu 19, paragrafu 1, tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1406/2002, il-baġit ġie implimentat taħt ir-responsabbiltà tad-Direttur. Din ir-responsabbiltà tinkludi t-tfassil u l-preżentazzjoni tal-kontijiet ([3]), skond id-dispożizzjonijiet finanzjarji interni fuq il-bażi ta' l-Artikolu 21 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1406/2002. Il-Qorti hija meħtieġa li teżamina dawn il-kontijiet skond l-Artikolu 248 tat-Trattat li jistabblixxi l-Komunità Ewropea.

4. Il-Qorti wettqet il-verifika tagħha skond il-politika u l-istandards ta' verifiki tagħha, li huma adattati minn standards internazzjonali ġeneralment aċċettati sabiex jirriflettu n-natura speċifika tal-kuntest tal-Komunità. Hija eżaminat id-dokumenti tal-kontijiet u applikat il-proċeduri tal-verifika li kkunsidrat neċessarji f'dan il-kuntest.

5. Għaldaqstant il-Qorti kisbet assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet annwali għas-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru huma ta' min joqgħod fuqhom u li t-transazzjonijiet ta' bażi fit-totalità tagħhom huma legali u regolari. Il-kontenut ta' l-osservazzjonijiet li ġejjin ma jpoġġix f'diskussjoni l-opinjoni li tesprimi l-Qorti f'dan ir-rapport.

**OSSERVAZZJONIJIET**

6. It- *Tabella 2* turi l-implimentazzjoni ta' l-approprijazzjonijiet għas-sena finanzjarja 2003. Il-kont tad-dħul u l-infiq ta' l-Aġenzija u l-karta tal-bilanċ għas-sena finanzjarja 2003 huma miġburin fil-qosor fit-*Tabelli 3 u 4*.

7. Id-Direttur Esekuttiv, li hu l-uffiċjal ta' awtorità, għandu wkoll il-poter li jiffirma istruzzjonijiet bankarji, li huwa kontra l-Artikolu 37 tar-Regolament Finanzjarju ta' l-Aġenzija.

8. Skond l-Artikolu 43(1)(e) tar-Regolament Finanzjarju ta' l-Aġenzija, l-uffiċjal tal-kontijiet għandu jivvalida s-sistemi mniżżla mill-uffiċjal ta' awtorità biex jipprovdi jew jiġġustifika l-informazzjoni fuq il-kontijiet. Din il-validazzjoni għadha mhiex iffornalizzata.

9. L-Aġenzija għandha twettaq kontrolli sistematiċi fuq il-pagament ta' salarju li jsiru lill-impjegati.

10. Analiżi ta' l-ambjent ta' kontroll fis-sistema tal-kompjuter uriet li għandha bżonn tiġi msaħħa minħabba ż-żieda mbassra fl-attivitajiet ta' l-Aġenzija.

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Qorti ta' l-Awdituri fil-Lussemburgu fil-laqgħa tad-29 u tat-30 ta' Settembru 2004.

*Għall-Qorti Ewropea ta' l-Awdituri*
Juan Manuel FABRA VALLÉS
*Il-President*

---

([1]) ĠU L 201, tal-31.7.2002, pġ. 8.
([2]) ĠU L 248, tas-16.9.2002, pġ. 1.
([3]) Kif meħtieġ taħt l-Artikolu 82 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2343/2002, il-kontijiet finali tad-dħul u l-infiq kollu ta' l-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2003 tlestew l-1 ta' Marzu 2004 u kienu mibgħuta lill-Qorti ta' l-Awdituri. Il-Qorti rċeviethom fl-24 ta' Settembru 2004. Verżjoni mqassra tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji hija ppreżentata fit-tabelli annessi ma' dan ir-rapport.

# RAPPORT

## dwar il-kontijiet annwali ta' l-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà fl-Ikel għas-sena 2003 flimkien mar-risposti ta' l-Awtorità

(2004/C 324/06)

WERREJ


| | *Paragrafi* | *Paġna* |
|---|---|---|
| INTRODUZZJONI | 1 | |
| OPINJONI TAL-QORTI | 2–5 | 19 |
| OSSERVAZZJONIJIET | 6–9 | |
| Tabelli 1 sa 4 | | |
| **Risposti ta' l-Awtorità** | | 20 |

**OPINJONI TAL-QORTI**

2. Din l-opinjoni hija indirizzata lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, skond l-artiklu 185 (2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) nru 1605/2002 ([1]).

3. Il-Qorti eżaminat il-kontijiet ta' l-Awtorità għas-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2003. Skond l-Artiklu 44 (1), tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill nru 178/2002 ([2]), il-*budget* ġie implimentat taħt ir-responsabbiltà tad-Direttur Eżekuttiv. Din ir-responsabbiltà tinkludi l-abbozzar u l-preżentazzjoni tal-kontijiet annwali ([3]), skond id-dispożizzjonijiet finanzjarji interni fuq il-bażi ta' l-Artiklu 44 (3), tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill nru 178/2002. Il-Qorti hija meħtieġa li teżamina dawn il-kontijiet skond l-Artiklu 248 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.

4. Il-Qorti wettqet il-verifika tagħha skond il-politika u l-istandards ta' verfiki tagħha, li huma adattati minn standards internazzjonali sabiex jirriflettu l-interessi tal-Komunità. Hija eżaminat id-dokumenti tal-kontijiet u applikat il-proċeduri tal-verifika li kkunisdrat neċessarji f'dan il-kuntest.

5. Għaldaqstant il-Qorti kisbet assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet annwali għas-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2003 huma ta' min joqgħod fuqhom u li t-transazzjonijiet ta' bażi, fit-totalità tagħhom huma legali u regolari. Il-kontenut tal-osservazzjonijiet li ġejjin ma jpoġġix f'diskussjoni l-opinjoni li tesprimi l-Qorti f'dan ir-rapport.

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Qorti ta' l-Awdituri fil-Lussemburgu fil-laqgħat ta' 29 u 30 Settembru 2004.

*Għall-Qorti ta' l-Awdituri*
Juan Manuel FABRA VALLÉS
*President*

---

([1]) ĠU L 248 ta' 16.9.2002, p. 1.

([2]) ĠU L 31 ta' 1.2.2002, p. 1.

([3]) Kif meħtieġ taħt l-Artiklu 83 (3) tar-regolament finanzjarju ta' l-Awtorità, il-kontijiet finali għas-sena finanzjarja 2003 kienu mlestija fl-14 ta' Settembru 2004 u mibgħuta lill-Qorti ta' l-Awdituri, li rċevietħom fis-17 ta' Settembru 2004. Verżjoni mqassra tad-dikjarazzjonijiet fianazjarji hija ppreżentata fit-tabelli annessi ma' dan ir-rapport.

## RISPOSTI TA' L-AWTORITÀ

7. Id-deskrizzjoni u l-validazzjoni tas-sistemi tal-kontabilità ser isiru matul is-sena finanzjarja 2004.

8. Wara l-osservazzjonijiet li saru u bħala riżultat tagħhom, il-verifikazzjoni tad-deċizjoni dwar il-gradi u l-istadji mogħtija lill-persunal li għadu kif ġie impjegat ġew validati u ddatati minn għand il-Kap tar-Riżorsi Umani.

9. Ir-rinforzar tas-sistema l-informatika beda f'Marzu 2004. L-għanijiet prinċipali huma:

1) li jassiguraw il-kredibilità ta' l-infrastruttura ta' l-informatika

2) li jagħtu dokumentazzjoni, joħolqu u jintroduċu proċeduri operazzjonali

3) li jirrazzjonalizzaw is-sistemi informatiċi, proċessi ta' ħidma u t-tqassim ta' l-informazzjoni.

Dawn l-isforzi għandhom jippermettu lill-Awtorità sabiex tibbenefika minn sistema informatika effettiva u adattata għall-attivitajiet tagħha li qegħdin kull ma jmur ji¿diedu.

# RAPPORT

## dwar il-kontijiet annwali taċ-Ċentru ta' Traduzzjoni tal-Korpi ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena 2003 flimkien mar-risposti taċ-Ċentru

(2004/C 324/07)

### WERREJ


| | *Paragrafi* | *Paġna* |
|---|---|---|
| INTRODUZZJONI . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . | 1 | |
| OPINJONI TAL-QORTI . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . | 2–5 | 22 |
| OSSERVAZZJONIJIET . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . | 6–8 | |
| Tabelli 1 sa 4 | | |
| **Risposti taċ-Ċentru** . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . | | 23 |

**OPINJONI TAL-QORTI**

2. Din l-opinjoni hija indirizzata lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, skond l-Artiklu 185 (2), tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) nru 1605/2002 (1).

3. Il-Qorti eżminat il-kontijiet annwali taċ-Ċentru tat-Traduzzjoni tal-Korpi ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja li għalqet 31 ta' Diċembru 2003. Skond l-Artiklu 14 (1), tar-Regolament tal-Kunsill (KE) nru 2965/94, il-*budget* ġie implimentat taħt ir-responsabbiltà tad-Direttur. Din ir-responsabbiltà tinkludi l-abbozzar u l-preżentazzjoni tal-kontjiet (2), skond id-dispożizzjonijiet finanzjarji interni fuq bażi ta' l-Artiklu15 ta' l-istess Regolament. Il-Qorti hija meħtieġa li teżamina dawn il-kontijiet skond l-Artiklu 248 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.

4. Il-Qorti wettqet il-verifika tagħha skond il-politika u l-istandards ta' verifiki tagħha, li huma adattati minn standards internazzjonali sabiex jirriflettu l-interessi tal-Komunità. Hija eżaminat id-dokumenti tal-kontijiet u applikat il-proċeduri tal-verifika li kkunsidrat neċessarji f'dan il-kuntest.

5. Għaldaqstant il-Qorti kisbet assikurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet annwali għas-sena finanzjarja li għalqet 31 ta' Diċembru 2003 huma ta' min joqgħod fuqhom u li t-transazzjonijiet ta' bażi, fit-totalità tagħhom huma legali u regolari. Il-kontenut ta' l-osservazzjonijiet li ġejjin ma jpoġġix f'diskussjoni l-opinjoni li tesprimi l-Qorti f'dan ir-rapport.

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Qorti ta' l-Awdituri fil-Lussemburgu fil-laqgħat ta' 29 u 30 Settembru 2004.

*Għall-Qorti ta' l-Awdituri*
Juan Manuel FABRA VALLÉS
*President*

---

(1) ĠU L 248 ta' 16.9.2002, p. 1.

(2) Kif meħtieġ taħt l-Artiklu 83 (3) tar-Regolament finanzjarju taċ-Ċentru, il-kontijiet finali għas-sena 2003 kienu mlestija fl-14 ta' Settembru 2004 u mibgħuta lill-Qorti ta' l-Awdituri, li rċeviethom fl-24 ta' Settembru 2004. Verżjoni mqassra tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji hija ppreżentata fit-tabelli annessi ma' dan ir-rapport.

# RAPPORT

## fuq il-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija ta' l-Ambjent Ewropew għas-sena finanzjarja 2003 flimkien mar-risposti ta' l-Aġenzija

### WERREJ


| | *Paragrafi* | *Paġna* |
|---|---|---|
| INTRODUZZJONI | 1 | 24 |
| L-OPINJONI TAL-QORTI | 2-5 | 24 |
| OSSERVAZZJONIJIET | 6-8 | 24 |
| Tabelli 1 sa 4 | | 25 |
| **Ir-risposti ta' l-Aġenzija** | | 29 |

# RAPPORT

## dwar il-kontijiet annwali taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp tal-Formazzjoni Professjonali għassena finanzjarja 2003 flimkien mar-risposti taċ-Ċentru

(2004/C 324/08)

### WERREJ


| | *Paragrafu* | *Paġna* |
|---|---|---|
| INTRODUZZJONI . . . . . . . . . . . . | 1 | |
| L-OPINJONI TAL-QORTI . . . . . . . . . . . . | 2–5 | 25 |
| OSSERVAZZJONIJIET . . . . . . . . . . . . | 6–12 | |
| Tabelli 1 sa 4 | | |
| **Risposti taċ-Ċentru** . . . . . . . . . . . . | | 26 |

**L-OPINJONI TAL-QORTI**

2. Din l-opinjoni hija indirizzata lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, skond l-Artikolu 185(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ([1]).

3. Il-Qorti eżaminat il-kontijiet taċ-Ċentru għas-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2003. Skond id-dispożizzjonjiet ta' l-Artikolu 12(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 337/75, il-*budget* taċ-Ċentru ġie implimentat taħt ir-responsabbiltà tad-Direttur taċ-Ċentru. Din ir-responsabbiltà tinkludi l-abbozzar u l-preżentazzjoni tal-kontijiet ([2]), skond id-dispożizzjonijiet finanzjarji interni fuq il-bażi ta' l-Artikolu 12 ta' l-istess Regolament tal-Kunsill. Il-Qorti ta' l-Awdituri hija meħtieġa li teżamina l-kontijiet taċ-Ċentru skond l-Artikolu 248 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.

4. Il-Qorti wettqet il-verifika tagħha skond il-politika u l-istandards tal-verifika tagħha. Dawn huma adottati minn standards internazzjonali li jirriflettu n-natura speċifika tal-kuntest tal-Komunità. Hija eżaminat id-dokumenti tal-kontabilità u applikat il-proċeduri tal-verifika li kkunsidrat neċessarji f'dan il-kuntest.

5. Għaldaqstant il-Qorti kisbet assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet annwali għas-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru huma dipendibbli u li, fit-totalità tagħhom, huma legali u regolari. Il-kontenut ta' dan l-osservazzjonijiet li ġejjin ma jsejjħux għad-diskussjoni l-opinjoni tal-verifika mogħtija mill-Qorti f' dan ir-rapport.

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Qorti ta' l-Awdituri fil-Lussemburgu fil-laqgħat ta' 29 u 30 Settembru 2004.

*Għall-Qorti ta' l-Awdituri*
Juan Manuel FABRA VALLÉS
*President*

---

([1]) ĠU L 248 tas-16.9.2002, p. 1.

([2]) Kif meħtieġ taħt l-Artikolu 63 tar-regolament finanzjarju taċ-Ċentru, il-kontijiet finali għas-sena finanzjarja 2003 kienu mlestija fl-1 ta' Settembru 2004 u mibgħuta lill-Qorti ta' l-Awdituri, li rċeviethom fis-17 ta' Settembru 2004. Verżjoni mqassra ta' dawn il-kontijiet hija ppreżentata fit-tabelli annessi ma' dan ir-rapport

## RISPOSTI TAĊ-ĊENTRU

7. Iċ-Ċentru jmissu fil-fatt iffinalizza l-irċevuta tal-fondi li għandhom x' jaqsmu mas-sussidju mill-pajjiżi li mhumiex membri u mal-kuntratt "Phare" permezz ta' budget supplementari u ta' emenda.

8. L-adattament finanzjarju li huwa neċessarju minħabba r-riforma finanzjarja beda fl-2003 u għandu jiġi kompletat fl-2005. Fir-rigward ta' l-adattament tas-sistema tal-kontabilità, iċ-Ċentru qed iwettaq il-bidliet neċessarji skond il-prijoritajiet stipulati.

9. Huwa fatt illi l-validità tas-sistema tal-kontabilità għadha ma ġietx ikkonfermata. Ir-raġuni għal dan hija li għad iridu jiġu mwettqa l-bidliet sabiex jimplimentaw b' mod sħiħ ir-riforma tal-kontabilità. Il-konferma tal-validità għandha tingħata matul l-2005.

10. Ir-Riforma u l-komplessità ta' kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-ġestjoni ta' akkwisti u ta' kuntratti flimkien mad-diffikultajiet ippreżentati minn *modus operandi* deċentralizzat saħħaħ il-bżonn għal sistema ċentralizzata ta' ġestjoni ta' operazzjonijiet ta' akkwisti u ta' kuntratti. F' dan ir-rigward, u wara d-Deċiżjoni tad-Direttur 2004/1, is-Servizz ta' Ġestjoni Legali u ta' Kuntratti (*Legal and Contract Management Service*) huwa unikament responsabbli għall-ġestjoni diretta u ċentralizzata ta' akkwisti u kuntratti f' Cedefop u b' din il-kompetenza jieħu ħsieb ta' u jwettaq transazzjonijiet fl-ambitu ta' kull kompitu formali, legali u amministrattiv li għandu x'jaqsmu ma' l-istadji u l-aspetti kollha ta' akkwisti f' Cedefop. Finalment, u kif muri mid-dokumentazzjoni pprovduta lill-Qorti ta' l-Awdituri, iċ-Ċentru jixtieq jenfasizza illi l-proċeduri li rriżultaw fl-għoti tal-kuntratti kollha kienu skond ir-regoli applikabbli.

11. Fir-rigward ta' kuntratti 2002/0117 (EUR 22 483), 2002/0143 (EUR 25 000) u 2003/0069 (EUR 32 257,50), Cedefop jixtieq jiġbed l-attenzjoni għall-fatt illi a) kuntratti 2002/0117 u 2002/0143 għandhom x' jaqsmu mas-sena 2002, b) kuntratti 2002/0117 u 2003/0069 ingħataw lill-istess kuntrattur, u c) il-kuntratti kollha in kwistjoni hawnhekk huma ta' valur baxx.

Il-listi ta' dawk kollha li ġew mitluba jippreżentaw l-offerti tagħhom li rriżultaw fl-għoti tat-tlett kuntratti msemmija hawn fuq kienu bbażati fuq il-kuntratturi potenzjali u kkwalifikati li rriżultaw mis-Sejħa għal Espressjonijiet ta' Interess Nru AMI/VET/2000-1 ta' Cedefop. Kif muri mid-*data* pprovduta lill-awdituri, dawn is-sejħiet għall-offerti kienu indirizzati lill-organizzazzjonijiet/persuni magħżula fuq bażi ta' kriterji oġġettivi u li ma jiddiskriminawx li huma speċifiċi għan-natura ta' kull kuntratt, kif previst fir-regoli applikabbli, u mhux lill-kuntratturi kollha msemmija fuq. Il-kuntratturi in kwistjoni hawnhekk, kif muri *jure et facto* mid-*data* pprovduta lill-Qorti ta' l-Awdituri, kienu aċċettati bħala kuntratturi potenzjali u kkwalifikati fil-qafas tas-Sejħa għal Espressjonijiet ta' Interess imsemmija qabel. Anki jekk l-ismijiet tagħhom ma dehrux fuq il-lista ppreżentata lill-awdituri (bħala riżultat tad-diffikultajiet li għandhom x' jaqsmu ma' l-operazzjonijiet deċentralizzati ta' dak iż-żmien), l-istatus tagħhom bħala kuntratturi potenzjali u kkwalifikati ma' jistax jiġi ddubitat. Iċ-Ċentru jixtieq jenfasizza illi l-proċeduri li rriżultaw fl-għoti tal-kuntratti in kwistjoni kienu skond ir-regoli applikabbli.

12. L-osservazzjonijiet se jiġu kkunsidrati meta jiġu mfassla jew adattati l-proċeduri interni mill-Amministrazzjoni.

# OSSERVAZZJONIJIET

## preliminari bi ħsieb għal rapport dwar il-kontijiet annwali tal-Eurojust għas-sena 2003. flimkien mar-risposti ta' l-Aġenzija

(2004/C 324/09)

### WERREJ


| | *Paragrafu* | *Paġna* |
|---|---|---|
| INTRODUZZJONI | 1 | |
| OPINJONI TAL-QORTI | 2–5 | 28 |
| OSSERVAZZJONIJIET | 6–9 | |
| Tabelli 1 sa 4 | | |
| **Risposti ta' l-Aġenzija** | | 29 |

**OPINJONI TAL-QORTI**

2. Din l-opinjoni hija indirizzata lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, skond l-Artiklu 36 tad-Deciżjoni tal-Kunsill nru 2002/187/JHA ([1]).

3. Il-Qorti eżaminat il-kontijiet annwali tal-Eurojust għas-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2003. Skond l-Artiklu 36 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill nru° 2002/187/JHA ([1]) tat-28 ta' Frar 2002, il-*budget* tal-Eurojust ġie implimentat taħt ir-responsabbiltà tad-Direttur Eżekuttiv. Din ir-responsabbiltà tinkludi l-abbozzar u l-preżentazzjoni tal-kontijiet ([2]), skond id-dispożizzjonijiet finanzjarji interni fuq il-bażi ta' l-Artiklu 37 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill. Il-Qorti hija meħtieġa li teżamina dawn il-kontijiet skond l-Artiklu 248 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.

4. Il-Qorti wettqet il-verifika tagħha skond il-politika u l-istandards ta' verifiki tagħha, li huma adottati minn standards internazzjonali sabiex jirriflettu l-interesssi tal-Komunità. Hija eżaminat id-dokumenti tal-kontijiet u applikat il-proċeduri tal-verifika li kkunsidrat neċessarji f'dan il-kuntest.

5. Għaldaqstant il-Qorti kisbet assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet annwali għas-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2003 huma ta' min joqgħod fuqhom u li t-transazzjonijiet ta' bażi fit-totalità tagħhom huma legali u regolari. Il-kontenut ta' l-osservazzjonijiet li ġejjin ma jpoġġix f'diskussjoni l-opinjoni li tesprimi l-Qorti f'dan ir-rapport.

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Qorti ta' l-Awdituri fil-Lussemburgu fil-laqgħat ta' 29 u 30 Settembru 2004.

*Għall-Qorti ta' l-Awdituri*
Juan Manuel FABRA VALLÉS
*President*

---

([1]) Deċiżjoni ta' 28 ta' Frar 2002 li waffqet il-Eurojust (ĠU L 63 ta' 6.3.2002, p. 1).

([2]) Kif meħtieġ mill-Artiklu 36 tad-Deċiżjoni li waqfet il-Eurojust, il-kontijiet finali għas-sena finanzjarja 2003 kienu mlestija fis-7 ta' Lulju 2004 u mibgħuta lill-Parlament, lill-Kummissjoni u lill-Qorti ta' l-Awdituri. Il-Qorti rċeviethom fl-24 ta' Settembru 2004. Verżjoni mqassra tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji hija ppreżentata fit-tabelli annessi ma' dan ir-rapport.

## RISOSTI TA' L-AĠENZIJA

7. Fil-11 ta' Novembru 2003, il-Kulleġġ ta' l-Eurojust adotta l-proposta għal Regolament Finanzjarju ġdid ippreżentata lilu mid-Direttur Amministrattiv u t-test ta' dan l-istess regolament intbagħad lill-Kummissjoni sabiex jiġi approvat.

L-Eurojust irreveda l-linji gwida tiegħu dwar ċirkuwiti finanzjarji u dwar is-separazzjoni ta' doveri u ffinalizza listi speċifiċi ta' verifika għal kull settur finanzjarju.

L-Eurojust iddeċieda li jiċċentralizza id-dokumenti kollha ta' sostenn fl-unità responsabbli għall-*Budget* u l-Finanzi u dan sabiex jiġi evitat li r-riskji assoċjati magħhom jiġu mxerrda fid-dipartimenti operazzjonali.

8. L-Uffiċjali tal-Kontabilità ta' l-Eurojust beda l-impieg tiegħu f' Settembru 2003. Iż-żmien li kien meħtieġ sabiex jintefa' fuq ix-xogħol tiegħu u jittestja s-sistemi ta' kontabilità fisser li l-validità ta' dawn ma setgħetx tiġi kkonfermata qabel l-2004.

9. L-esperjenza akkwiżita mill-ewwel sena finanzjarja 2003, li kienet l-ewwel sena finanzjarja sħiħa ta' l-Eurojust, esponiet ċerti debbulizzi fil-kontroll ta' transazzjonijiet li għandhom x' jaqsmu mal-*budget*. Minn dak iż-żmien is-sitwazzjoni ssaħħet sabiex tiġi evitata kwalunkwe ripetizzjoni tal-problemi nnutati mill-Qorti.

# RAPPORT

## dwar il-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija Ewropea għall-Valutazzjoni tal-Prodotti Mediċinali għas-sena finanzjarja 2003 flimkien mar-risposti ta' l-Aġenzija

### WERREJ


| | *Paragrafu* | *Paġna* |
|---|---|---|
| INTRODUZZJONI | 1 | 31 |
| L-OPINJONI TAL-QORTI | 2-5 | 31 |
| OSSERVAZZJONIJIET | 6-14 | 31 |
| Tabelli 1 sa 5 | | 33 |
| **Ir-risposti ta' l-Aġenzija** | | 38 |

**INTRODUZZJONI**

1. L-Aġenzija Ewropea għall-Valutazzjoni ta' Prodotti Mediċinali (minn hawn 'il quddiem imsejjħa "l-Aġenzija") kienet imwaqqfa mir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2309/93 tat-22 ta' Lulju 1993 (1). L-Aġenzija topera minn network u tikkordina r-riżorsi xjentifiċi li l-awtoritajiet nazzjonali jagħmlu disponibbli biex jiżguraw il-valutazzjoni u s-superviżjoni tal-prodotti mediċinali għall-użu tal-bniedem jew veterinarju. *Tabellal 1* tigbor fil-qosor il-poteri u r-responsabbiltajiet ta' l-Aġenzija fuq il-bażi ta' informazzjoni mogħtija minnha.

**L-OPINJONI TAL-QORTi**

2. Din l-opinjoni hija indirizzata lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, skond l-Artikolu 185 (2) tal-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (2).

3. Il-Qorti eżaminat il-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija għas-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2003. Skond l-Artikolu 57(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2309/93, il-baġit ġie implimentat taħt ir-responsabbiltà tad-Direttur Esekuttiv. Din ir-responsabbiltà tinkludi l-abbozzar u l-preżentazzjoni tal-kontijiet annwali (3) skond id-dispożizzjonijiet finanzjarji interni fuq il-bażi ta' l-Artikolu 57(11) tar-Regolament tal-Kunsill. Il-Qorti hija meħtieġa li teżamina dawn il-kontijiet skond l-Artikolu 248 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.

4. Il-Qorti wettqet il-verifika skond il-politika tal-verifiki u l-istandards tagħha, li huma adottati minn standards internazzjonali sabiex jirriflettu l-kuntest tal-Komunità. Hija eżaminat id-dokumenti tal-kontijiet u applikat il-proċeduri tal-verifika li kkunsidrat neċessarji f'dan il-kuntest.

5. Għaldaqstant il-Qorti kisbet assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet annwali għas-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2003 huma dipendibbli. Madanakollu l-Qorti tiġbed l-attenzjoni għas-sitwazzjoni deskritta f'paragrafu 10. Ħlief għas-sitwazzjonijiet deskritti fil-paragrafi 7 u 12, il-Qorti kisbet assigurazzjoni raġonevoli li l-operazzjonijiet ta' warajhom, fit-totalità tagħhom, huma legali u regolari.

(1) ĠU L 214, ta' l-24.8.1993, p. 18; wara l-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 (ĠU L 136, tat-30.4.2004, p. 1) l-isem il-ġdid ta' l-Aġenzija huwa l-Aġenzija Ewropew tal-Mediċini.

(2) ĠU L 248 tas-16.9.2002, p. 1.

(3) Skond l-Artikolu (83) (3) tar-Regolament Finanzjarju ta' l-Aġenzija, il-kontijiet finali għas-sena finanzjarja 2003 kienu mlestija fl-14 ta' Mejju 2004 u mibgħuta lill-Qorti ta' l-Awdituri, li rċeviethom fl-24 ta' Settembru 2004. Verżjoni mqassra tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji hija ppreżentata fit-tabelli annessi ma' dan ir-rapport.

**OSSERVAZZJONIJIET**

6. L-implimentazzjoni ta' l-approprjazzjonijiet għas-sena finanzjarja 2003 u ta' l-approprjazzjonijiet trasferiti mis-sena ta' qabel huma mniżżla fit-*Tabella 2*. *Tabella 3 u 4* juru sommarjament il-kont ta' dħul u nefqa u l-karta ta' bilanċ ta' l-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2003.

7. Fil-5 ta' Ġunju 2003, il-Bord ta' Tmexxija ta' l-Aġenzija-soġġett għall-approvazzjoni mill-Kummissjoni - adotta regolament finanzjarju ġdid u regoli ta' implimentazzjoni korrispondenti, li daħlu fis-seħħ fit-tieni nofs tas-sena finanzjarja 2003 (4). Fl-Opinjoni tagħha Nru 6/2003 tas-17 ta' Lulju 2003, il-Qorti kienet ġibdet l-attenzjoni għad-differenzi bejn ir-Regolament Finanzjarju ta' l-Aġenzija stess u l-qafas tar-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-aġenziji in ġenerali. Fil-paragrafu 7 ta' l-Opinjoni tagħha, il-Qorti enfasizzat partikolarment li r-regoli ta' implimentazzjoni ta' l-Aġenzija dwar l-għotja ta' kuntratti għandhom jaqblu mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju ġenerali u r-regoli ta' implimentazzjoni ġenerali. Per eżempju, fejn ir-regoli ġenerali jipprovdu li kumitat għall-valutazzjoni ta' sejħiet ta' xogħol għandu jitwaqqaf għal kull kuntratt li jinvolvi ammont li jeċċedi 13 800 euro, l-Aġenzija tiffissa dan il-limitu għal 75 000 euro (*Tabella 5* turi d-differenzi nnotati).

8. Il-kontijiet ta' l-Aġenzija għas-sena 2003 kienu abbozzati fuq il-bażi tal-prinċipji ta' kontabilità mniżżla mir-Regolament Finanzjarju l-ġdid tagħha (5). L-informazzjoni ta' kontabilità relatata mas-sena finanzjarja 2002 ma kienitx reġgħet ġiet ipproċessata skond ir-regoli ta' kontabilità utilizzati meta l-kontijiet għas-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2003 kienu abbozzati.

9. L-artikolu 43(1)(e) tar-Regolament Finanzjarju ta' l-Aġenzija jipprovdi li l-uffiċjal ta' kontabilità għandu jivvalida s-sistemi stabbiliti mill-uffiċjal ta' awtorizzazzjoni biex jipprovdi jew jiġġustifika informazzjoni ta' kontabilità. Din il-validazzjoni għadha ma saritx.

10. Fl-2003 l-Aġenżija wettqet inventarju fuq il-post ta' l-assi fissi li kien ibbażat fuq in-natura ta' l-assi, għalkemm il-kontijiet ta' l-assi fissi huma miżmuma skond is-sena li l-assi huma akkwistati. Din is-sitwazzjoni tagħmilha diffiċli biex tgħaqqad l-informazzjoni fiżika u l-informazzjoni ta' kontabilità. Barra minn hekk, xi assi ma jidhrux fl-inventarju u lanqas fil-kontijiet ta' l-assi fissi. Il-valur totali tagħhom wara deprezzament kien stmat għal 4 188 000 euro (6) u kien inkluż fil-karta ta' bilanċ taħt il-punt "Assi fissi". L-Aġenzija għandha twaqqaf sistema għall-ġestjoni ta' l-assi fissi li tiżgura li l-informazzjoni inventarja hija kemm eżawrjenti kif ukoll konsistenti ma' l-informazzjoni ta' kontabilità.

11. Fl-applikazzjoni tal-miżuri ta' kontroll intern, il-kontinwità m'hix assigurata. Per eżempju, ċerti fajls ta' każijiet ma fihomx id-dokumenti ta' sostenn kollha meħtieġa biex joħolqu impenn jew ordni ta' ħlas.

(4) Il-Kummissjoni tat l-opinjoni tagħha fil-bidu tas-sena 2004.

(5) L-Artikolu 78 tar-Regolament Finanzjarju ta' l-Aġenzija.

(6) L-ammont għandu x'jaqsam ma' *software* u alterazzjonijiet tal-bini.

12. F'ċerti proċeduri negozjati l-għażla ta' min jissupplixxi huma bbażati fuq il-kriterji ta' "esperjenza preċedenti mal-kuntrattur", li m'hix provduta għaliha fir-regoli ta' implimentazzjoni ([1]) għar-Regolament finanzjarju.

13. Eżaminazzjoni tal-fajls ta' reklutaġġ uriet numru sinifikanti ta' nuqqasijiet fil-formalizzazzjoni u fid-dokumentazzjoni: ir-raġunijiet ma ngħatawx biex isostnu l-għazla ta' kandidati mistiedna għall-intervista jew listi ta' verifiki, li kienu abbozzati għall-għan li jivverifikaw l-ammissibilità tal-kandidati, ma jinkludux il-kriterja ta' selezzjoni kollha mniżżla fl-avviżi ta' karigi disponibbli.

14. L-"assigurazzjoni ta' kwalita'" ta' l-unità ta' l-Aġenzija sservi bħala l-awditur intern. Żewġ verifiki tagħha, imwettqa fl-2002 fuq l-organizzazzjoni tas-sistema ta' dokumentazzjoni elettronika, urew żieda sinifikanti fl-ispejjeż u ħin meħud kawża ta' monitoraġġ insuffiċjenti tal-proġett. Verifika sussegwenti mwettqa minn konsulent estern fl-2003 kkonfermat in-nuqqasijiet misjuba mill-awditur estern. Il-proġett mibdi fl-aħħar tas-sena 2002 kellu jibda' l-produzzjoni fil-bidu tas-sena 2002 bi spejjeż stmati ta' 1,2 miljun euro. Is-sistema kienet għadha mhix operattiva fis-sena 2003 u l-ispejjeż li saru diġa ammontaw għal 1,7 million euro.

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Qorti ta' l-Awdituri fil-Lussemburgu fil-laqgħat tagħha tad-29 u tat-30 ta' Settembru 2004.

*Għall-Qorti ta' l-Awdituri*

Juan Manuel FABRA VALLÉS

*President*

---

([1]) L-Artikolu 86 tar-Regoli ta' implimentazzjoni dettaljati tar-Regolament Finanzjarju ta' l-Aġenzija.

# RAPPORT

## dwar il-kontijiet annwali tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2003 flimkien mar-risposti tal-Fondazzjoni

(2004/C 324/11)

### WERREJ


| | *Paragrafu* | *Paġna* |
|---|---|---|
| INTRODUZZJONI | 1 | |
| L-OPINJONI TAL-QORTI | 2–5 | 34 |
| OSSERVAZZJONIJIET | 6–12 | |
| Tabelli 1 sa 4 | | |
| **Risposti tal-Fondazzjoni** | | 35 |

**L-OPINJONI TAL-QORTI**

2. Dan ir-rapport huwa indirizzat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, skond l-Artikolu 185(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru° 1605/2002 ([1]).

3. Il-Qorti eżaminat il-kontijiet annwali tal-Fondazzjoni għas-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2003. Skond l-Artikolu 16 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru° 1365/75, il-budget ġie implimentat taħt ir-responsabbiltà tad-Direttur tal-Fondazzjoni. Din ir-responsabbiltà tinkludi l-abbozzar u l-preżentazzjoni tal-kontijiet ([2]), skond id-dispożizzjonijiet finanzjarji interni fuq il-bażi ta' l-Artikolu 16 tar-Regolament tal-Kunsill. Il-Qorti hija meħtieġa li teżamina dawn il-kontijiet tal-Fondazzjoni skond l-Artikolu 248 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.

4. Il-Qorti wettqet il-verifika tagħha skond il-politika u l-istandards tal-verifika tagħha, li huma adottati minn standards internazzjonali sabiex jirriflettu l-kuntest tal-Komunità. Hija eżaminat id-dokumenti tal-kontabilità u applikat il-proċeduri tal-verifika li kkunsidrat neċessarji f'dan il-kuntest.

5. Għaldaqstant il-Qorti kisbet assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet annwali għas-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2003 huma dipendibbli u li l-operazzjonijiet ta' warajhom, fit-totalità tagħhom, huma legali u regolari. Il-kontenut ta' dawn l-osservazzjonijiet li ġejjin ma jsejjħux għad-diskussjoni l-opinjoni mogħtija mill-Qorti f'dan ir-rapport.

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Qorti ta' l-Awdituri fil-Lussemburgu fil-laqgħat ta' 29 u 30 Settembru 2004.

*Għall-Qorti ta' l-Awdituri*
Juan Manuel FABRA VALLÉS
*President*

---

([1]) ĠU L 248 tas-16.9.2002, p. 1.

([2]) Kif meħtieġ taħt l-Artikolu 83 (3) tar-regolament finanzjarju tal-Fondazzjoni, il-kontijiet finali għas-sena finanzjarja 2003 kienu mlestija fit-3 ta' Setembru 2004 u mibgħuta lill-Qorti ta' l-Awdituri, li rċeviethom fl-24 ta' Settembru 2004. Verżjoni mqassra ta' dawn il-kontijiet hija ppreżentata fit-tabelli annessi ma' dan ir-rapport.

## RISPOSTI TAL-FONDAZZJONI

7. Il-Punt L-attività PHARE, minħabba l-fatt li ma kinitx koperta espliċitament mir-regolament ta' twaqqif tal-Fondazzjoni, ma kinitx meqjusa approprjata għal integrazzjoni fil-budget tal-Fondazzjoni. Il-Fondazzjoni tieħu nota ta' l-osservazzjoni tal-Qorti u tinkludi l-finanzjament tal-PHARE fil-budgets tagħha fil-ġejjieni.

8. Il-Fondazzjoni hija f'kuntatt mas-servizzi tal-Kummissjoni sabiex tikkjarifika l-kwistjoni tad-defiċit akkumulat u t-trattament ta' defiċits jew eċċessi fil-ġejjieni.

9. Id-Disposizzjoni għall-funzjoni tal-kontroll intern kienet iffinalizzata bl-introduzzjoni ta' funzjoni ta' verifika finanzjarja u operazzjonali f'Novembru 2003. Din il-funzjoni u xogħol ieħor ta' kontroll huma mwettqa minn unità speċjalizzata. Il-funzjoni ta' verifika interna hija pprovduta mis-Servizz Intern ta' Verifika tal-Kummissjoni.

10. L-Uffiċjal ta' Kontabilità jiddependi fuq il-validazzjonijiet imwettqa mis-servizzi tal-Kummissjoni, li pprovdew is-sistemi ta' kontabilità użati mill-Fondazzjoni.

12. Fl-iżvilupp tal-programmi tagħha il-Fondazzjoni otteniet sinerġismi ma' aġenziji oħra bl-effett li kull waħda tittratta aspetti komplimentari f'kompetenzi tematiċi komuni sabiex jiġi evitat xogħol doppju. Dan ġie formalizzat f'dikjarazzjonijiet konġunti eż. ma' l-Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol f'Bilbao.

# RAPPORT

## dwar il-kontijiet annwali taċ- Ċentru Ewropew tal-Monitoraġġ għad-Drogi u Tossiku dipendenti għas-sena finanzjarja 2003 flimkien mar-risposti taċ-Ċentru

(2004/C 324/12)

### WERREJ


| | *Paragrafu* | *Paġna* |
|---|---|---|
| INTRODUZZJONI | 1 | |
| L-OPINJONI TAL-QORTI | 2–5 | 37 |
| OSSERVAZZJONIJIET | 6–11 | |
| Tabelli 1 sa 4 | | |
| **Risposti taċ-Ċentru** | | 38 |

**L-OPINJONI TAL-QORTI**

2. Din l-opinjoni hija indirizzata lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill, skond l-Artikolu 185(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ([1]).

3. Il-Qorti eżaminat il-kontijiet annwali taċ-Ċentru għas-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2003. Skond l-Artikolu 11 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE), Nru 302/93, il-*budget* ġie implimentat taħt ir-responsabbiltà tad-Direttur. Din ir-responsabbiltà tinkludi l-abbozzar u l-preżentazzjoni tal-kontijiet ([2]), skond id-dispożizzjonijiet finanzjarji interni taħt l-istess artikolu. Il-Qorti hija meħtieġa li teżamina dawn il-kontijiet skond l-Artikolu 248 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.

4. Il-Qorti wettqet il-verifika tagħha skond il-politika u l-istandards tal-verifika tagħha. Dawn huma adottati minn standards internazzjonali sabiex jirriflettu n-natura speċifika tal-kuntest tal-Komunità. Hija eżaminat id-dokumenti tal-kontabilità u applikat il-proċeduri tal-verifika li kkunsidrat neċessarji f'dan il-kuntest.

5. Għaldaqstant il-Qorti kisbet assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet annwali għas-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2003 huma dipendibbli u li l-operazzjonijiet ta' warajhom huma, fit-totalità tagħhom, legali u regolari. Il-kontenut ta' l-osservazzjonijiet li ġejjin ma jsejjħux għad-diskussjoni l-opinjoni li tesprimi l-Qorti f'dan ir-rapport.

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Qorti ta' l-Awdituri fil-Lussemburgu fil-laqgħat ta' 29 u 30 Settembru 2004.

*Għall-Qorti ta' l-Awdituri*
Juan Manuel FABRA VALLÉS
*President*

---

([1]) ĠU L 248 tas-16.9.2002, p. 1.

([2]) Kif meħtieġ fl-Artikolu 82 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2343/2002, il-kontijiet finali, taċ-Ċentru għas-sena finanzjarja kienu mlestija fis-15 ta' Settembru 2004 u mibgħuta lill-Qorti ta' l-Awdituri, li rċeviethom fil-21 ta' Settembru 2004. Verżjoni mqassra tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji hija ppreżentata fit-tabelli annessi ma' dan ir-rapport.

## RISPOSTI TAĊ-ĊENTRU

7. It-taħlita tad-diversi risponsabiltajiet imsemmija mill-Qorti kienet fil-fatt waħda mill-konsegwenzi tat-tluq tal-Kap tas-Settur tal-Finanzi. Il-Kap ta' l-Amministrazzjoni kien obbligat li jieħu hu din il-posizzjoni għal perijodu transitorju sakemm ma l-Kap tas-Settur tal-Finanzi il-ġdid ma kienx ingħata l-kariga tiegħu fl-1 ta' Frar 2004. Din il-persuna li saret il-Kontrollur *ex ante* ma teżerċitax il-funzjoni ta' Ufiċċjal bil-poter li jagħti Awtorizazzjoni.

8. Skond il-provvedimenti finanzjarji applikabbli, l-istruzzjonijiet mogħtija fasslu d-diversi proċeduri ta' l-implimentazzjoni tal-*budget*, il-persuni li qed jieħdu ħsieb ta' dawn il-proċeduri, id-dmirijiet u r-risponsabiltajiet tagħhom, inklużi dawk ta' verifikazzjoni. Il-fażijiet ta' proċedura ġew deskritti u materjalizzati permezz ta' formola għaċ-ċirkulazzjoni, għall-approvazzjoni minn għand dawk il-persuni risponsabbli mill-esekuzzjoni tagħhom, li barra minn hekk iridu wkoll fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, japprovaw dokumenti informatiċi qabel ma dawn jingħataw lill-Uffiċċjal li jagħti l-Awtorizazzjoni. Il-EMCDDA ħadet nota tal-kumment minn naħa tal-Qorti, u ppreparat xi listi ta' verifikazzjoni biex dawn jingħaqdu mal-fajls li għandhom x'jaqsmu ma' l-operazzjonijiet tal-budget. u b'hekk hija tkun tista' wkoll tagħti rendikont aħjar tal-kontrolli li saru.

9. Il-validazzjoni ġiet mwettqa u mogħtija lill-Qorti fis- 27.07.04.

10. Il-*budget* ta' l-2003 allokat għall-attivitajiet tal-punti fokali nazzjonali tan-*network* REITOX kien is-suġġett ta' riserva parlamentari sa l-aħħar ta' April. Għalhekk il-firma tas-sussidji ma setgħetx issir qabel ħafna aktar tard fis-sena. Barra minn hekk, l-EMCDDA ħadet id-deċiżjoni li ma tagħmilx pagamenti bil-quddiem għas-sena 2004 sakemm ma tkunx analizzat u rregolat il-kontijiet għas-sena 2003. Fil-ġejjieni, waqt it-tiġdid tal-kuntratti, l-EMCDDA se tikkunsidra wkoll il-progress li jkun inkiseb fix-xogħlijiet u li kien mitlub fis-sena ta' qabel kif ukoll ta' l-evalwazzjoni tal-kwalità tagħhom.

11. Matul ix-xahar ta' Mejju 2004, saru sforzi kunsiderevoli sabiex jiġu ddentifikati l-propjetajiet kollha ta' l-OEDT u jiġi ffinalizzat l-inventarju fiżiku. Dan l-eżerċizzju, kif ukoll id-definizzjoni mill-ġdid tar-risponsabiltajiet u tal-proċeduri ser jintemm qabel it-tmiem ta' l-2004.

# RAPPORT

## fuq il-kontijiet annwali ta' l-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà fl-Ikel għas-sena finanzjarja 2003 flimkien mar-risposti ta' l-Awtorità

### WERREJ


| | *Paragrafi* | *Paġna* |
|---|---|---|
| INTRODUZZJONI | 1 | 40 |
| L-OPINJONI TAL-QORTI | 2-5 | 40 |
| OSSERVAZZJONIJIET | 6-9 | 40 |
| Tabelli 1 sa 4 | | 41 |
| **Ir-risposti ta' l-Awtorità** | | 45 |

**INTRODUZZJONI**

1. L-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà fl-Ikel (minn hawn "il quddiem imsejħa" "l-Awtorità") kienet imwaqqfa bir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 (1). Il-Kummissjoni ħadet ħsieb tal-ġestjoni finanzjarja ta' l-Awtorità fl-2002 u ma kellhiex kontijiet separati għaliha. Is-sena finanzjarja ta' l-2003 kienet għalhekk l-ewwel sena li l-Awtorità kienet kompletament responsabbli għall-ġestjoni finanzjarja tagħha. Ir-responsabbilitajiet prinċipali tagħha huma li tipprovdi l-informazzjoni xjentifika neċessarja li hemm bżonn sabiex isir abbozz tal-leġislazzjoni tal-Komunità, li tiġbor u tanalizza data sabiex ir-riskji jiġu karatterizzati u kkontrollati u li tipprovdi informazzjoni indipendenti fuq dawn ir-riskji. Ir-responsabbilitajiet u l-attivitajiet ta' l-Awtorità huma miġbura fil-qosor fit-*Tabella 1* fuq il-bażi ta' l-informazzjoni mogħtija minnha.

**L-OPINJONI TAL-QORTI**

2. Din l-opinjoni hija indirizzata lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, skond l-Artikolu 185 (2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (2).

3. Il-Qorti eżaminat il-kontijiet ta' l-Awtorità għas-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2003. Skond l-Artikolu 44 (1), tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill nru 178/2002 (1), il-badġit ġie implimentat taħt ir-responsabbiltà tad-Direttur Eżekuttiv. Din ir-responsabbiltà tinkludi l-abbozzar u l-preżentazzjoni tal-kontijiet annwali (3), skond id-dispożizzjonijiet finanzjarji interni fuq il-bażi ta' l-Artikolu 44 (3), tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill nru 178/2002. Il-Qorti hija meħtieġa li teżamina dawn il-kontijiet skond l-Artikolu 248 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.

4. Il-Qorti wettqet il-verifika tagħha skond il-politika u l-istandards ta' verfiki tagħha, li huma adattati minn standards internazzjonali sabiex jirriflettu l-interessi tal-Komunità. Hija eżaminat id-dokumenti tal-kontijiet u applikat il-proċeduri tal-verifika li kkunisdrat neċessarji f'dan il-kuntest.

5. Għaldaqstant il-Qorti kisbet assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet annwali għas-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2003 huma ta' min joqgħod fuqhom u li t-transazzjonijiet ta' bażi, fit-totalità tagħhom huma legali u regolari. Il-kontenut tal-osservazzjonijiet li ġejjin ma jpoġġix f'diskussjoni l-opinjoni li tesprimi l-Qorti f'dan ir-rapport.

**OSSERVAZZJONIJIET**

6. L-implimentazzjoni ta' l-approprijazzjonijiet għas-sena finanzjarja 2003 u ta' l-approprijazzjonijiet miġjuba 'l quddiem mis-sena finanzjarja ta' qabel hija murija fit-*Tabella 2*. Il-kont tad-dħul u l-infiq u l-karta tal-bilanċ ta' l-Awtorità għas-sena finanzjarja 2003 huma miġbura fil-qosor fit-*Tabelli 3 u 4*.

7. Skond l-Artikolu 43(1)(e) tar-Regolament Finanzjarju ta' l-Awtorità, l-Uffiċjal tal-kontijiet għandu jivvalida s-sistemi mniżżla mill-Uffiċjal ta' Awtorità biex jagħti jew jiġġustifika informazzjoni fuq il-kontijiet. L-ebda validazzjoni ma saret.

8. Id-Dipartiment tal-Persunal ma wettaqx kontrolli sistematiċi fuq l-istabbiliment tar-remunerazzjoni (b'mod partikulari s-salarji) u fuq id-drittijiet finanzjarji ta' l-impjegati l-ġodda.

9. Eżaminazzjoni ta' l-ambjent ta' kontroll fis-sistema ta' l-informazzjoni teknoloġika wriet li għandha bżonn tiġi msaħħa minħabba ż-żieda pjanata fl-attivitajiet ta' l-Awtorità.

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Qorti ta' l-Awdituri fil-Lussemburgu fil-laqgħat tad-29 u tat-30 ta' Settembru 2004

*Għall-Qorti Ewropea ta' l-Awdituri*
Juan Manuel FABRA VALLÉS
*President*

(1) ĠU L 31, tà l-1.2.2002, p. 1.
(2) ĠU L 248 tas-16.9.2002, p. 1.
(3) Kif meħtieġ taħt l-Artikolu 83 (3) tar-Regolament Finanzjarju ta' l-Awtorità, il-kontijiet finali għas-sena finanzjarja 2003 kienu mlestija fl-14 ta' Settembru 2003 u mibgħuta lill-Qorti ta' l-Awdituri, li rċevievhom fis-17 ta' Settembru 2004. Verżjoni mqassra tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji hija ppreżentata fit-tabelli annessi ma' dan ir-rapport.

*Tabella 1*

**L-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà fl-Ikel (kwartieri ġenerali: Brussell, għandha tiġi ttrasferita għall-Parma)**

| Oqsma ta' kompetenzi tal-Komunità li joħorġu mit-Trattat | Kompetenzi ta' l-Awtorità (Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002) | | Kontroll | Riżorsi disponibbli għall-Awtorità fl-2003 | Prodotti u servizzi pprovduti fl-2003 |
|---|---|---|---|---|---|
| Moviment ħieles ta' l-oġġetti ta' l-ikel (*Artikolu 37 tat-Trattat*)<br><br>Protezzjoni fl-livell għoli tas-saħħa, is-sigurtà, il-ħarsien ta' l-ambjent u l-protezzjoni tal-konsumatur, waqt li tieħu kont ta' kull żvilupp ġdid ibbażat fuq fatti xjentifiċi (*Artikolu 95 tat-Trattat*)<br><br>Il-Politika Kummerċjali Komuni (*Artikolu 133 tat-Trattat*)<br><br>Is-Saħħa Pubblika (*Artikolu 152 (4) (b) tat-Trattat)* | **Miri**<br>— li tipprovdi opinjonijiet xjentifiċi u appoġġ xjentifiku u tekniku għall-leġislazzjoni tal-Komunità u politika li għandha impatt dirett jew indirett fuq is-sigurtà ta' l-ikel<br>— Li tipprovdi informazzjoni indipendenti fuq ir-riskji li għandhom x'jaqsmu mas-sigurtà fl-ikel<br>— Li tikkontribwixxi għall-ksib ta' livell għoli ta' protezzjoni tal-ħajja umana u tas-saħħa<br>— Li tiġbor u tanalizza d-data li hemm bżonn biex tippermetti l-karatterizzazzjoni u l-immonitorjar tar-riskji | **Funzjonijiet**<br>— Li toħroġ opinjonijiet u studji xjentifiċi<br>— Li tippromwovi metodoloġiji uniformi ta' l-istima tar-riskju<br>— Li tgħin il-Kummissjoni<br>— Li tfittex, tanalizza, u tqassar d-data xjentifika u teknika meħtieġa<br>— Li tidentifika u li jiġu karatterizzati riskji li joħorġu<br>— Li tistabblixxi network ta' organizzazzjonijiet li joperaw f'oqsma simili<br>— Li tipprovdi għajnuna xjentifika u teknika għall-immaniġġjar tal-kriżi<br>— Li ttejjeb il-kooperazzjoni internazzjonali<br>— li tipprovdi lill-partijiet pubbliċi u lill-partijiet interessati b' informazzjoni affidabbli, objettiva u li tinftiehem b'mod faċli<br>— Li tieħu sehem fis-sistema ta' twissija rapida tal-Kummissjoni | 1 **Bord Maniġerjali**<br>*Kompożizzjoni*<br>14 il-membru maħtura mill-Kunsill (b'koperazzjoni mal-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni) u rappreżentant wieħed mill-Kummissjoni<br>*Dmirijiet*<br>Li jadotta l-programm tax-xogħol u jiżgura li qed jiġi implimentat<br>2 **Direttur Esekuttiv**<br>Maħtur mill-Bord Maniġerjali fuq il-bażi ta' lista ta' kandidati proposti mill-Kummissjoni, wara smiegħ quddiem il-Parlament Ewropew<br>3 **Kompożizzjoni tal**<br>*Forum Konsultattiv*<br>Rappreżentant wieħed għal kull Stat Membru<br>*Dmirijiet*<br>li jagħti pariri lid-Direttur Esekuttiv<br>4 **Kumitat Xjentifiku u Pànels Xjentifiċi**<br>Li jfassal abbozz fuq l-opinjonijiet xjentifiċi ta' l-Awtorità<br>5 **Verifika esterna**<br>Il-Qorti ta' l-Awdituri<br>6 **Awtorità ta' approvazzjoni**<br>Il-Parlament fuq rakkomandazzjoni tal-Kunsill | **Baġit finali**<br>12.6 miljun euro f'kontibuzzjoni tal-Komunità 99,7 %<br>**Numru ta' impjegati sal-31 ta' Diċembru 2003:**<br>Numru ta' postijiet fil-pjan tal-persunal: 49<br>Postijiet ġa meħuda: 27<br>+ 36 impjegati oħra (kuntratti awżiljarji, espert nazzjonali issekondati, persunal lokali, persunal temporarju)<br>*Persunal totali*: 63<br>Assenjat għad-dmirijiet li ġejjin:<br>operazzjonali: 33<br>amministrattivi: 30 | L-Awtorità waqqfet il-Kumitat Xjentifiku tagħha u l-Pànels Xjentifiċi kollha f' Ġunju 2003. Hija ħarġet 23 opinjonijiet pubbliċi matul il-bqija tas-sena<br>F'Ottubru l-Awtorità żammet konferenza f' Ostende (Belġju) mal-partijiet interessati tagħha; l-għan ta' dan kien li jiġi ddeterminat kif għandha twettaq il-mandat tagħha fil-futur<br>Il-Forum Konsultattiv iltaqa' sitt darbiet bi ħsieb li jitwaqqaf in-network li jgħaqqad l-Awtoritajiet nazzjonali. Dan ġab żieda fl-iskambji ta' informazzjoni ma' l-Awtorità u bejn id-dipartimenti nazzjonali involuti |

*Fonti:* Informazzjoni mogħtija mill-Awtorità.

# RAPPORT

## fuq il-kontijiet annwali ta' l-Uffiċċju tal-Komunità tal-Varjetà Veġetali għas-sena finanzjarja 2003 flimkien mar-risposti ta' l-Uffiċċju

(2004/C 324/14)

### WERREJ


| | *Paragrafi* | *Paġna* |
|---|---|---|
| INTRODUZZJONI | 1 | |
| OPINJONI TAL-QORTI | 2–5 | 43 |
| OSSERVAZZJONIJIET | 6–10 | |
| Tabelli 1 sa 4 | | |
| **Risposti ta' l-Uffiċċju** | | 44 |

**OPINJONI TAL-QORTI**

2. Din l-opinjoni hija indirizzata lill-Kunsill ta' l-amministrazzjoni ta' l-Uffiċċju, skond l-Artiklu 111, paragrafu 2 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2100/94.

3. Il-Qorti eżaminat il-kontijiet annwali ta' l-Uffiċċju għas-sena finanzjarja li għalqet il-31 ta' Diċembru 2003. Skond l-Artiklu 110 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) nru 2100/94, il-*budget* ta' l-Uffiċċju ġie implimentat taħt ir-responsabiltà tal-president ta' l-Uffiċċju. Din ir-responsabiltà tinkludi t-tfassil u l-preżentazzjoni tal-kontijiet ([1]), skond id-dispożizzjonijiet finanzjarji interni adottati fuq il-bażi ta' l-Artiklu 112 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2100/94. Il-Qorti hija meħtieġa teżamina dawn il-kontijiet taħt l-Artiklu 248 tat-Trattat li jistabblixxi l-Komunità Ewropea.

4. Il-Qorti wettqet il-verifika tagħha skond il-politika u l-istandards tal-verifika, li huma adattati minn standards internazzjonali ġeneralment aċċettati sabiex jirriflettu n-natura speċifika tal-kuntest tal-Komunità. Il-Qorti applikat testijiet bħal dawn fuq ir-reġistri tal-kontijiet u applikat proċeduri oħra li hija kkunsidrat neċessarji fiċ-ċirkustanzi.

5. Għaldaqstant il-Qorti kisbet assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet annwali għas-sena li għalqet l-31 ta' Diċembru 2003 huma ta' min joqgħod fuqhom u li t-transazzjonijiet ta' bażi, fit-totalità tagħhom huma legali u regolari. Il-kontenut ta' l-osservazzjonijiet li ġejjin ma jpoġġix f'diskussjoni l-opinjoni ta' verifika espressa mill-Qorti f'dan ir-Rapport.

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Qorti ta' l-Awdituri fil-Lussemburgu fil-laqgħat ta' 29 u 30 Settembru 2004.

*Għall-Qorti ta' l-Awdituri*
Juan Manuel FABRA VALLÉS
*President*

---

([1]) Kif meħtieġ taht l-Artiklu 111, paragrafu 2 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2100/94, il-kontijiet finali tad-dħul u l-infiq kollu ta' l-Uffiċċju għas-sena finanzjarja 2003 tlestew fil-25 ta' Marzu u kienu mibgħuta lill-Qorti ta' l-Awdituri. Il-Qorti rċeviethom fit-24 ta' Settembru 2004. Verżjoni mqassra tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji hija ppreżentata fit-tabelli annessi ma' dan ir-rapport.

## RISPOSTI TA' L-UFFIĊĊJU

7. L-għażla tal-kliem użat fl-Artikolu 8 tar-Regolament Finanzjarju l-ġdid tagħti l-impressjoni li ladarba r-Regolament il-ġdid daħal fis-seħħ fis-16 ta' Settembru 2003, approprjazzjonijiet taħt Titolu III jistgħu *de facto* jiġu kkunsidrati bħala ddivrenzjati. L-Uffiċċju jikkunsidra illi l-adozzjoni tal-budget għall-2004 mill-awtorità ta' l-estimi, li kien jinkludi approprjazzjonijiet ddivrenzjati b' kont meħud ta' l-impenni preċedenti li għad iridu jiġu mħallsa, jagħmel tajjeb għall-fatt li m'hemmx *budget* li jemenda.

8. L-Uffiċċju se jippreżenta talba ġdida għar-rimbors ta' EUR 206 553 li għadhom ma ġewx imħallsa. Għal dak li għandu x' jaqsam mad-9 495 EUR li jifdlu, se tittieħed deċiżjoni qabel l-aħħar tas-sena.

9. Din il-konferma ta' validità qed tiġi finalizzata.

10. L-Uffiċċju qed iħares lejn titjib fl-integrazzjoni tas-sistemi tal-kompjuters tiegħu. Ġew stabbiliti diġà ċerti elementi, bħal: it-transfer awtomatiku ta' noti ta' debitu u kreditu ta' klijenti, transfer awtomatiku ta' *data* ta' klijenti u fornituri u transfers awtomatiċi ta' fatturi ta' fornituri.

# RAPPORT

## fuq il-kontijiet annwali ta' l-Uffiċċju ta' l-armonizzazzjoni fis-suq intern għas-sena finanzjarja 2003 flimkien mar-risposti ta' l-Uffiċċju

(2004/C 324/15)

### WERREJ


| | *Paragrafi* | *Paġna* |
| --- | --- | --- |
| INTRODUZZJONI | 1 | |
| OPINJONI TAL-QORTI | 2–5 | 46 |
| OSSERVAZZJONIJIET | 6–10 | |
| Tabelli 1 sa 4 | | |
| **Risposti ta' l-Uffiċċju** | | 47 |

# RAPPORT

## fuq il-kontijiet annwali taċ-Ċentru ta' Traduzzjoni għall-Entitajiet ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2003 flimkien mar-risposti taċ-Ċentru

### WERREJ


| | *Paragrafi* | *Paġna* |
|---|---|---|
| INTRODUZZJONI | 1 | 47 |
| L-OPINJONI TAL-QORTI | 2-5 | 47 |
| OSSERVAZZJONIJIET | 6-8 | 47 |
| Tabelli 1 sa 4 | | 48 |
| **Ir-risposti taċ-Ċentru** | | 52 |

**INTRODUZZJONI**

1. Iċ-Ċentru ta' Traduzzjoni għall-Entitajiet ta' l-Unjoni Ewropea (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "iċ-Ċentru" kien imwaqqaf bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2965/94 ([1]). Ir-rwol taċ-Ċentru huwa li jipprovdi lill-entitajiet ta' l-UE u kwalunkwe istituzzjoni u entitajiet oħra ta' l-UE li jsaqsu għas-servizzi tagħha, b'servizzi ta' traduzzjoni neċessarji għall-attivitajiet tagħhom *Tabella 1* fiha sommarju tar-responsabilitajiet u l-attivitajiet taċ-Ċentru bbażati fuq l-informazzjoni mogħtija miċ-Ċentru.

**L-OPINJONI TAL-QORTI**

2. Din l-opinjoni hija indirizzata lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, skond l-Artikolu 185 (2), tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) nru 1605/2002 ([2]).

3. Il-Qorti eżaminat il-kontijiet annwali taċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Entitajiet ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2003. Skond l-Artikolu 14 (1), tar-Regolament tal-Kunsill (KE) nru 2965/94, il-baġit ġie implimentat taħt ir-responsabbiltà tad-Direttur. Din ir-responsabbiltà tinkludi l-abbozzar u l-preżentazzjoni tal-kontjiet ([3]), skond id-dispożizzjonijiet finanzjarji interni fuq bażi ta' l-Artikolu 15 ta' l-istess Regolament. Il-Qorti hija meħtieġa li teżamina dawn il-kontijiet skond l-Artikolu 248 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.

4. Il-Qorti wettqet il-verifika tagħha skond il-politika u l-istandards ta' verifiki tagħha, li huma adattati minn standards internazzjonali sabiex jirriflettu l-interessi tal-Komunità. Hija eżaminat id-dokumenti tal-kontijiet u applikat il-proċeduri tal-verifika li kkunsidrat neċessarji f'dan il-kuntest.

5. Għaldaqstant il-Qorti kisbet assikurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet annwali għas-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2003 huma ta' min joqgħod fuqhom u li t-transazzjonijiet ta' bażi, fit-totalità tagħhom huma legali u regolari. Il-kontenut ta' l-osservazzjonijiet li ġejjin ma jpoġġix f'diskussjoni l-opinjoni li tesprimi l-Qorti f'dan ir-rapport.

**OSSERVAZZJONIJIET**

6. L-implimentazzjoni ta' l-baġit għas-sena finazjarja 2003 u ta' l-approprijazzjonijiet miġjuba 'l quddiem mis-sena finanzjarja ta' qabel hija murija fit-*Tabella 2*. Il-kont tad-dħul u l-infiq u l-karta tal-bilanċ ta' l-Awtorità għas-sena finanzjarja 2003 huma miġbura fil-qosor fit-*Tabelli 3 u 4*.

7. Il-kontijiet taċ-Ċentru għall-2003 ġew adottati fuq il-bażi ta' normi tal-kontijiet imniżżla fir-Regolament Finanzjarju l-ġdid tiegħu ([4]). Iċ-Ċentru ma pproċessax mill-ġdid id-*data* tal-kontijiet kollha għas-sena finanzjarja 2002 skond ir-Regoli tal-kontabilità wżati sabiex isir abbozz tal-kontijiet annwali tiegħu għas-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2003.

8. Il-provvedimenti għar-riskji u imposti ammontaw għal 8 601 000 euro sa l-aħħar ta' l-2003, żieda ta' 2 195 000 euro meta tqabbilhom ma' l-2002. Il-biċċa l-kbira minn dan l-ammont (6 071 000 euro) huma s-sommom mitlubin mill-Kummissjoni li jikkorrispondu mas-sehem tagħha tal-kontribuzzjonijiet tal-penzjoni għall-impjegati taċ-Ċentru; l-ammont qed jiġi ddisputat miċ-Ċentru. Il-bqija (2 530 000 euro) kien maħsub għall-ħlas tal-kera dovuta lill-awtoritajiet Lussemburgiżi hekk kif l-ammont definittiv jiġi stabbilit. Iċ-Ċentru jrid jagħmel kull sforz biex isolvi dawn il-problemi ([5]).

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Qorti ta' l-Awdituri fil-Lussemburgu fil-laqgħat tal-Qorti tad-29 u tat-30 ta' Settembru 2004.

*Għall-Qorti ta' l-Awdituri*
Juan Manuel FABRA VALLÉS
*Il-President*

---

([1]) ĠU L 314, tas-7.12.1994, pġ. 1.

([2]) ĠU L 248, tas-16.9.2002, pġ. 1.

([3]) Kif meħtieġ taħt l-Artikolu 83 (3) tar-Regolament Finanzjarju taċ-Ċentru, il-kontijiet finali għas-sena 2003 kienu mlestija fl-14 ta' Settembru 2004 u mibgħuta lill-Qorti ta' l-Awdituri, li rċeviethom fl-27 ta' Settembru 2004. Verżjoni mqassra tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji hija ppreżentata fit-tabelli annessi ma' dan ir-rapport.

([4]) Artikolu 78 tar-Regolament Finanzjarju taċ-Ċentru.

([5]) Ara r-Rapport dwar is-sena finanzjarja 2001 (paragrafu 7, ĠU Ċ 326, tas-27.12.2002, pġ. 22).

*Tabella 1*

**Ċentru ta' Traduzzjoni għall-Entitajiet ta' l-Unjoni Ewropea (Lussemburgu)**

| Skop tal-kompetenzi ta' l-UE kif stipulat fit-Trattat | Kompetenzi taċ-Ċentru kif imfissra fir-Regolament tal-Parlament u tal-Kunsill — Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2965/94 tat-28 ta' Novembru 1994 | | Amministrazzjoni | Riżorsi disponibbli għaċ-Ċentru (*data għal 2002*) | Prodotti u servizzi provduti fl-2003 (*data għall-2002 fil-parentesi*) |
|---|---|---|---|---|---|
| Ir-Rappreżentanti tal-gvernijiet ta' l-Istati Membri bi ftehim reċiproku adottaw dikjarazzjoni, taħt l-awspiċi tad-dipartimenti ta' traduzzjoni tal-Kummissjoni fil-Lussemburgu, fuq il-ħolqien ta' Ċentru ta' traduzzjoni ta' l-entitajiet ta' l-Unjoni, li jipprovdu servizzi ta' traduzzjoni neċessarji għall-ħidma ta' l-entitajiet u servizzi li s-siġġijiet tagħhom kienu stabbiliti bid-deċiżjoni tad-29 ta' Ottubru 1993<br><br>(Deċiżjoni tal-Kunsill meħuda fuq il-bażi ta' l-Artikolu 235 tat-Trattat). | **Miri**<br><br>li jipprovdi s-servizzi neċessarji ta' traduzzjoni għall-ħidma ta' l-entitajiet li ġejjin:<br><br>— L-Aġenzija Ewropea ta' L-Ambjent<br><br>— Il-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ;<br><br>— Iċ-Ċentru ta' Monitoraġġ Ewropew għad-drogi u l-abbuż tad-droga;<br><br>— L-Aġenzija Ewropea għall-Evalwazzjoni tal-Prodotti Mediċinali;<br><br>— L-Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fix-Xogħol;<br><br>— L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni tas-Suq Intern (trademarks u disinji);<br><br>— L-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol) u l-unità tad-drogi ta' l-Europol.<br><br>L-entitajiet mwaqqfin mill-Kunsill, apparti minn dawk ta' hawn fuq, jistgħu jużaw is-servizzi taċ-Ċentru. L-istituzzjonijiet u l-entitajiet ta' l-Unjoni Ewropea li ġa għandhom is-Servizz ta' Traduzzjoni tagħhom stess jistgħu, jekk hemm bżonn, isaqsu għas-servizzi taċ-Ċentru fuq bażi volontarja. | **Funzjonijiet**<br><br>— li jagħmel arranġamenti għall-kooperazzjoni ma' l-entitajiet u l-istituzzjonijiet<br><br>— Jieħu sehem fix-xogħol tal-Kumitat Interistituzzjonali tat-Traduzzjoni | 1 **Bord Maniġerjali**<br><br>*Kompożizzjoni*<br><br>— rappreżentant wieħed għal kull Stat Membru<br><br>— żewg rappreżentanti mill-Kummissjoni, wieħed minn dawn huwa l-President<br><br>— rappreżentant wieħed minn kull korp jew istituzzjoni li jsaqsi għas-servizzi taċ-Ċentru<br><br>*Funzjoni*<br><br>jadotta l-programm ta' xogħol annwali taċ-Ċentru u r-rapport annwali<br><br>2 **Direttur**<br><br>Nominat mill-Bord Maniġerjali fuq proposta mill-Kummissjoni<br><br>3 **Kontroll estern**<br><br>Il-Qorti Ewropea ta' l-Awdituri<br><br>4 **Awtorità ta' approvazzjoni**<br><br>Il-Parlament fuq rakkommandazzjoni mill-Kunsill | **Baġit finali**<br><br>29 miljun euro (*24 miljun euro*)<br><br>**Numru ta' impjegati sal-31 ta' Diċembru 2003:**<br><br>158 (*158*) postijiet imniżżla fil-pjan ta' stabbiliment<br><br>Postijiet ġa meħuda 132 (*136*)<br><br>+ 15 (*5*) postijiet oħra<br><br>*Staff totali* 147 (*141*)<br><br>Assenjati:<br><br>— dmirijiet operazzjonali: 95 (*91*)<br><br>— dmirijiet amministrativi: 48 (*46*)<br><br>— dmirijiet mħallta: 4 (*4*) | **Numru ta' paġni tradotti**<br><br>238 399 (*227 783*)<br><br>**Numru ta' paġni tradotti għal kull lingwa**<br><br>— lingwi uffiċjali 221 127 (*224 190*)<br><br>— lingwi oħrajn 17 272 (*3 593*)<br><br>**Numru ta' paġni tradotti għal tip ta' klijent**<br><br>— entitajiet 215 992 (*218 532*)<br><br>— istituzzjonijiet 22 407 (*9 521*)<br><br>Numru ta' kuntratti ta' traduzzjoni *freelance:* 245 (*215*)<br><br>Numru ta' paġni tradotti *freelance:* 94 355 (*86 826*) |

*Fonti:* Informazzjoni mogħtija miċ-Ċentru.

*Tabella 2*

**Iċ-Ċentru ta' Traduzzjoni għall-Entitajiet ta' l-Unjoni Ewropea — l-implimetazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2003**

*(miljun euro)*

| Dhul | | | Nefqa | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Sors tad-dhul | Dhul reġistrat fil-baġit finali għas-sena finanzjarja | Dhul miġbur | Allokazzjoni ta' nefqa | Approprjazzjonijiet fil-baġit finali | | | | | Approprjazzjonijiet trasferiti mis-sena finanzjarja ta' qabel | | | Approprjazzjonijiet disponibbli (baġit 2003 u s-sena finanzjarja 2002) | | | | |
| | | | | reġis-trati | impen-jati | mħallsa | trasfe-riti | kan-ċellati | impenji pen-denti | mħallsa | kan-ċellati | appro-prjazz-jonijiet | impen-jati | mħallsa | trasfe-riti | kanċellati |
| Dħul mħallas mill-entitajiet u l-istituzzjonijiet | 20,6 | 19,8 | Titolu I Staff | 12,5 | 10,3 | 10,2 | 0,1 | 2,2 | 0,1 | 0,1 | 0,0 | 12,6 | 10,4 | 10,3 | 0,1 | 2,2 |
| Dħul finanzjarju | 0,1 | 0,4 | Titolu II Amministrazzjoni | 3,2 | 1,9 | 1,3 | 0,6 | 1,3 | 0,7 | 0,6 | 0,1 | 3,9 | 2,6 | 1,9 | 0,6 | 1,4 |
| Dħul ieħor | 0,0 | 0,1 | Titolu III Nefqa ta' xogħol | 7,0 | 3,9 | 3,4 | 0,5 | 3,1 | 0,4 | 0,4 | 0,0 | 7,4 | 4,3 | 3,8 | 0,5 | 3,1 |
| Bilanċ għas-sena finanzjarja ta' qabel | 8,3 | 0,0 | Titolu X Riservi u provvisti | 6,3 | 0,0 | 0,0 | 0,0 | 6,3 | 0,0 | 0,0 | 0,0 | 6,3 | 0,0 | 0,0 | 0,0 | 6,3 |
| **Total** | 29,0 | 20,3 | **Total** | 29,0 | 16,1 | 14,9 | 1,2 | 12,9 | 1,2 | 1,1 | 0,1 | 30,2 | 17,3 | 16,0 | 1,2 | 13,0 |

*Sors:* Informazzjoni miġbura miċ-Ċentru — Din it-tabella tiġbor fil-qasir l-informazzjoni mogħtija miċ-Ċentru fil-kontijiet annwali tiegħu.

*Tabella 3*

**Iċ-Ċentru ta' Traduzzjoni għall-Entitajiet ta' l-Unjoni Ewropea — Kont ta' Dħul u Nefqa għas-snin finanzjarji 2003 u 2002**

*(1 000 euro)*

| | 2003 | 2002 |
|---|---|---|
| **Dħul operattiv** | | |
| Ħruġ ta' fatturi għas-sena finanzjarja | 22 075 | 18 113 |
| Dħul ieħor | 223 | 291 |
| **Total (a)** | **22 298** | **18 404** |
| **Nefqa operattiva** | | |
| Infiq kurrenti | 18 255 | 18 446 |
| **Total (b)** | **18 255** | **18 446** |
| **Riżultat operattiv (c = a – b)** | **4 043** | **– 42** |
| **Dħul finanzjarju** | | |
| Imgħax tal-bank | 387 | 495 |
| Gwadann mir-rati tal-kambju | 1 | 2 |
| **Total (d)** | **388** | **497** |
| **Ħlasijiet finanzjarji** | | |
| Spejjeż bankarji | 10 | 0 |
| **Total (e)** | **10** | **0** |
| **Riżultat finanzjarju (f = d – e)** | **378** | **497** |
| **Riżultat għall-attivitajiet ordinarji (g = c + f)** | **4 421** | **455** |
| Dħul eċċezzjonali (h) | 19 | 0 |
| Spejjeż eċċezzjonali (i) | 9 | 0 |
| **Riżultat eċċezzjonali (j = h – i)** | **10** | **0** |
| **Riżultat għas-sena finanzjarja (g + j)** | **4 431** | **455** |

*Sors:* Informazzjoni miġbura miċ-Ċentru.

*Tabella 4*

**Iċ-Ċentru ta' Traduzzjoni għall-Entitajiet ta' l-Unjoni Ewropea — Karta ta' Bilanċ fil-31 ta' Diċembru 2003 u fil-31 ta' Diċembru 2002** ([1])

*(1 000 euro)*

| Attiv | 2003 | 2002 | Passiv | 2003 | 2002 |
|---|---|---|---|---|---|
| **Assi mhux tanġibbli** | **760** | **889** | **Kapital proprju** | | |
| | | | Baġit tal-kwantitajiet maħduma (a) | 4 404 | 8 330 |
| **Assi tanġibbli** | | | Riżultat ta' l-aġġustamenti (b) | 27 | |
| Għamara u vetturi | 219 | 267 | Riżultat ekonomiku tal-kwantitajiet maħduma (a + b) | 4 431 | 8 330 |
| Tagħmir tal-kompjuter | 398 | 486 | Kwantitajiet maħduma miġjuba 'l quddiem mis-snin finanzjarji ta' qabel ([2]) | 1 642 | 1 642 |
| Assi fissi taħt kostruzzjoni u avvanzi mħallsa | 35 | 0 | Fond permanenti ta' finanzjar minn qabel | 8 330 | |
| *Total parzjali* | *652* | *753* | *Total parzjali* | *14 403* | *9 972* |
| **Assi kurrenti** | | | **Provvediment għar-riskji u l-passiv** | **8 601** | **6 406** |
| VAT mħallas u jrid jiġi rkuprat mill-Istati Membri | 3 | 25 | **Passiv għal żmien qasir** | | |
| Ammonti li għandhom jagħtu l-istituzzjonijiet u l-entitajiet Komunitarji | 2 676 | 3 360 | Ammonti li għandhom jingħatu lill-istituzzjonijiet u l-entitajiet Komunitarji | 0 | 3 360 |
| Kontijiet riċevibbli varji | 10 | 26 | Approprjazzjonijiet ta' pagamenti miġjuba 'l quddiem | 784 | 1 247 |
| *Total parzjali* | *2 689* | *3 411* | Kredituri varji | 162 | 15 |
| **Assi disponibbli** | **20 354** | **16 126** | Passiv varju | 5 | 15 |
| | | | Avvanzi lill-klijenti | 500 | 164 |
| | | | *Total parzjali* | *1 451* | *4 801* |
| **Total** | **24 455** | **21 179** | **Total** | **24 455** | **21 179** |

([1]) L-użu tal-mudell propost mill-Kummissjoni rriżulta fl-allokazzjoni mill-ġdid ta' bilanċi taħt it-titoli li hemm bħalissa.
([2]) Dan l-ammont jikkorrispondi ma' l-assi fissi wara d-deprezzament fil-31 ta' Diċembru 2002 (ara t-tabella 3 tar-rapport dwar is-sena finanzjarja 2002, ĠU Ċ 319, tat-30.12.2003, pġ. 29).
*Sors:* Informazzjoni miġbura miċ-Ċentru — Din it-tabella tiġbor fil-qasir l-informazzjoni mogħtija miċ-Ċentru fil-kontijiet annwali tiegħu.

**RISPOSTI TAĊ-ĊENTRU**

7. Fil-prinċipju, meta jkun hemm xi bidliet fil-metodi wżati, il-kontijiet għas-snin finanzjarji ta' qabel għandhom jiġu mfassla billi jintuża l-metodu l-ġdid. Madanakollu, ma kienx possibbli għaċ-Ċentru li jagħmlu valutazzjoni oġġettiva ta' l-effett li kien se jkollha l-bidla fuq is-snin ta' qabel. L-analiżi ta' l-impatt tal-bidla fuq l-*accounting* għas-sena finanzjarja 2003 jinsabu fl-annessi mal-kontijiet taċ-Ċentru.

8. Fl-Lulju ta' l-2004, iċ-Ċentru ffirma memorandum ta' ftehim ma' l-awtoritajiet Lussemburgiżi bħala soluzzjoni għall-problema ta' l-ispejjeż involuti fl-użu tal-bini Nouvel Hémicycle. Fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet għall-pensjonijiet ta' l-impjegati taċ-Ċentru, se jsiru sforzi mill-ġdid sabiex tinsab soluzzjoni.

# RAPPORT

## dwar il-kontijiet annwali taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Professjonali għas-sena finanzjarja 2003 flimkien mar-risposti taċ-Ċentru

### WERREJ


| | *Paragrafu* | *Paġna* |
|---|---|---|
| INTRODUZZJONI | 1 | 54 |
| L-OPINJONI TAL-QORTI | 2-5 | 54 |
| OSSERVAZZJONIJIET | 6-12 | 54 |
| Tabelli 1 sa 4 | | 56 |
| **Ir-risposti taċ-Ċentru** | | 60 |

**INTRODUZZJONI**

1. Iċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Professjonali ("iċ-Ċentru") kien imwaqqaf mir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 337.75 ([1]). Il-mandat prinċipali taċ-Ċentru huwa li jservi l-iżvilupp ta' taħriġ vokazzjonali fuq livell Komunitarju. Sabiex jintlaħaq dan l-għan, huwa għandu d-dover li jiġbor u jxerred dokumentazzjoni li għandha x'taqsam mas-sistemi ta' taħriġ vokazzjonali. Il-poteri u l-attivitajiet taċ-Ċentru huma miġbura fil-qosor, fuq il-bażi ta' informazzjoni mogħtija miċ-Ċentru, f'*Tabella 1*.

**L-OPINJONI TAL-QORTI**

2. Din l-opinjoni hija indirizzata lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew, skond l-Artikolu 185(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ([2]).

3. Il-Qorti eżaminat il-kontijiet taċ-Ċentru għas-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2003. Skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 12(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 337/75, il-baġit taċ-Ċentru ġie implimentat taħt ir-responsabbiltà tad-Direttur taċ-Ċentru. Din ir-responsabbiltà tinkludi l-abbozzar u l-preżentazzjoni tal-kontijiet ([3]), skond id-dispożizzjonijiet finanzjarji interni fuq il-bażi ta' l-Artikolu 12 ta' l-istess Regolament tal-Kunsill. Il-Qorti ta' l-Awdituri hija meħtieġa li teżamina l-kontijiet taċ-Ċentru skond l-Artikolu 248 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.

4. Il-Qorti wettqet il-verifika skond il-politika tal-verifiki u l-istandards tagħha, li huma adottati minn standards internazzjonali sabiex jirriflettu l-kuntest tal-Komunità. Hija eżaminat id-dokumenti tal-kontabilità u applikat il-proċeduri tal-verifika li kkunsidrat neċessarji f'dan il-kuntest.

5. Għaldaqstant il-Qorti kisbet assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet annwali għas-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru huma dipendibbli u li t-transazzjonijiet ta' warajhom, fit-totalità tagħhom, huma legali u regolari. Il-kontenut ta' dawn l-osservazzjonijiet li ġejjin ma jmorrux kontra l-opinjoni tal-Qorti espressa f'dan ir-rapport.

([1]) ĠU L 39, tat-13.2.1975, p. 1.

([2]) ĠU L 248, tas-16.9.2002, p. 1.

([3]) Skond l-Artikolu 63 tar-Regolament Finanzjarju taċ-Ċentru, il-kontijiet finali għas-sena finanzjarja 2003 kienu mlestija fl-1 ta' Settembru 2004 u mibgħuta lill-Qorti ta' l-Awdituri, li rċeviethom fis-17 ta' Settembru 2004. Verżjoni mqassra ta' dawn il-kontijiet hija ppreżentata fit-tabelli annessi ma' dan ir-rapport.

**OSSERVAZZJONIJIET**

6. L-implimentazzjoni ta' l-approprjazzjonijiet għas-sena finanzjarja 2003, u l-approprjazzjonijiet trasferiti mis-sena ta' qabel, huma mniżżla f'*Tabella 2*. Il-kont ta' dħul u nefqa u l-karta ta' bilanċ taċ-Ċentru għas-sena finanzjarja 2003 huma preżentati fil-qosor fit-*Tabelli 3 u 4*.

7. Fis-sena 2003 iċ-Ċentru rċieva sussidji u kontribuzzjonijiet PHARE minn pajjiżi terzi ([4]) li ammontaw għal 791 844 euro. Kontrarjament għall-prinċipji ta' l-unità u akkuratezza tal-baġit, iċ-Ċentru ma utilizzax baġit li jemenda biex jinkludi l-ammont tas-sussidji tas-sena 2003 fil-baġit tiegħu.

8. Ir-Regolament Finanzjarju l-ġdid taċ-Ċentru u r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tiegħu kienu adottati mill-Bord ta' Tmexxija fil-31 ta' Marzu 2003. Dawn ir-regoli ([5]) jispeċifikaw li s-sistema ta' verifika interna ġdida għandha titwaqqaf. Bidliet fl-organizzazzjoni finanzjarja taċ-Ċentru u s-sistema ta' kontabilità tiegħu ma kienux iffinalizzati sa l-aħħar tas-sena.

9. Skond l-Artikolu 28(2)(e) tar-Regolament Finanzjarju taċ-Ċentru, l-uffiċjal ta' kontabilita' għandu jivvalida s-sistemi stabbiliti mill-uffiċjal ta' awtorità sabiex jipprovdi jew jiġġustifika informazzjoni ta' kontabilità. Ma kien hemm l-ebda validazzjoni bħal din.

10. Iċ-Ċentru waqqaf "unità ta' kuntratti" biex jiżgura li kuntratti mogħtija għal studji huma tajba, imma din l-unità ma tkunx informata dwar il-proċeduri li huma għaddejjin sakemm ir-rapporti ta' selezzjoni jkunu ffirmati. L-unità ma tista' tagħmel xejn sabiex twaqqaf l-irregolaritajiet fl-istadji inizjali (għażla ta' proċedura, eżaminazzjoni ta' sejħa għal offerti u miżuri ta' pubbliċità). Li jiġu estiżi l-poteri ta' l-unità jidher speċjalment neċessarju peress li studji ta' diversi fajls urew inkonsistenzi u żbalji formali fil-ġestjoni tal-proċeduri ta' għotja ta' kuntratti.

11. Fis-sena 2003, iċ-Ċentru kellu lista ta' kuntratturi potenzjali wara sejħa għal espressjoni ta' interess (CEI) li kienet maħruġa fl-2000. Din il-lista kienet mtella' u ċentralizzata taħt l-awtorità taċ-*Chairman* tal-Bordijiet ta' Valutazzjoni. Permezz ta' din il-lista, iċ-Ċentru setgħa jagħti bidu għal proċedura ristretta fost il-kuntratturi potenzjali fuq il-lista, mingħajr il-bżonn li jiġi ppubblikat jew iddikjarati kriterji ta' selezzjoni, sa valur massimu ta' madwar 163 000 euro ([6]). Ħames fajls dwar proċeduri ristretti li jużaw l-CEIs kienu eżaminati. Fi tlett każijiet (valur totali tal-kuntratt: 79 800 euro) li jagħtu lok għal ħlasijiet fl-2003, il-kuntratturi li ġew aċċettati ma kienux imniżżla fuq din il-lista u l-ebda spjegazzjoni ma ngħatat għal din is-sitwazzjoni. Bi ħsieb ta' din is-sejba, ir-relevanza ta' l-eżistenza ta' tali lista ta' kuntratturi tista' tissejjaħ għad-diskussjoni. Barra minn hekk, il-Qorti tinnota, li minħabba li l-lista għadha ma ġietx aġġornata, iċ-Ċentru jagħti stampa daqxejn inkonsistenti tal-proċeduri ta' selezzjoni tagħha.

([4]) Parteċipazzjoni minn Norveġja.

([5]) Artikolu 25 tar-Regolament Finanzjarju l-ġdid taċ-Ċentru.

([6]) Ara l-Artikolu 128(1) tar-Regolament li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament Finanzjarju.

12. Wara eżaminazzjoni, il-fajls ta' reklutaġġ u numru ta' fajls individwali nstabu li kellhom nuqqasijiet formali u dokumentarji li ma ppermettewx it-trasparenza neċessarja fir-rigward ta' deċiżjonijiet meħuda fuq reklutaġġ u l-impatt finanzjarju ta' dawk id-deċiżjonijiet meta tiġi kkalkulata l-paga.

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Qorti ta' l-Awdituri fil-Lussemburgu fil-laqgħat tagħha tad-29 u tat-30 ta' Settembru 2004.

*Għall-Qorti ta' l-Awdituri*
Juan Manuel FABRA VALLÉS
*President*

*Tabella 1*

**Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (Tessaloniki)**

| Oqsma ta' komptenza Komunitarja skond it-Trattat | Il-kompetenza taċ-Ċentru kif definita fl-Artikolu 2 u 3 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 337/75 ta' l-10 ta' Frar 1975 | | Awtorità | Riżorsi disponibbli għaċ-Ċentru *(informazzjoni 2002)* | Prodotti u servizzi mogħtija fl-2003 |
|---|---|---|---|---|---|
| Il-Komunità timplimenta politika ta' taħriġ vokazzjonali, biex issostni u tappoġġa u tissuplimenta l-azzjoni ta' l-Istati Membri<br><br>L-azzjoni timmira li:<br><br>tistimula l-koperazzjoni dwar taħriġ bejn istituzzjonijiet edukattivi jew ta' taħriġ u l-impriżi;<br><br>tiżviluppa skambji ta' informazzjoni u ta' esperjenza fuq kwistjonijiet komuni fissistemi ta' taħriġ ta' l-Istati Membri.<br><br>*(Estratti mill-Artikolu 150 tat-Trattat)* | **Il-mandat taċ-Ċentru**<br><br>Li jassisti l-Kummissjoni biex tinkoraġġixxi, fuq livell ta' Komunità, il-promozzjoni u l-iżvilupp ta' taħriġ u ta' taħriġ fuq ix-xogħol u biex jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni ta' politika komuni għat-taħriġ vokazzjonali. | **Kompiti**<br><br>— li jiġbor dokumentazzjoni selezzjonata fuq is-suġġett;<br><br>— li jikkontribwixxi firriċerka;<br><br>— li jxerred informazzjoni;<br><br>— li jħeġġeġ u jsostni kwalunkwe inizjattiva li aktarx tiffaċilita ħidma kordinata għall-problemi ta' taħriġ vokazzjonali;<br><br>— li jipprovdi forum għal kull min hu kkonċernat. | 1 **Bord ta' Tmexxija**<br><br>Għal kull Pajjiż Membru:<br><br>— rappreżentant wieħed tal-Gvern;<br><br>— rappreżentant wieħed minn organizzazzjonijiet ta' min iħaddem;<br><br>— rappreżentant wieħed minn organizzazzjonijiet tal-ħaddiema;<br><br>— tlett membri li jirrappreżentaw il-Kummissjoni<br><br>2 **Direttur:**<br><br>maħtur mill-Kummissjoni minn lista ta' kandidati mogħtija mill-Bord ta' Tmexxija, iwettaq deċiżjonijiet tal-Bord ta' Tmexxija u huwa responsabbli għall-amministrazzjoni ta' kuljum taċ-Ċentru<br><br>3 **Verifika Esterna:**<br><br>Il-Qorti Ewropea ta' l-Awdituri<br><br>4 **Approvazzjoni**<br><br>Il-Parlamenti, fuq rakkomandazzjoni tal-Kunsill | **Baġit finali:**<br><br>14,7 (*14,2*) miljun euro.<br><br>Kontribuzzjoni Komunitarja: 98,6 % (*96,5 %*)<br><br>**Numru tal-persunal fil-31 ta' Diċembru 2003:**<br><br>Numru ta' karigi fil-pjan ta' twaqqif: 83 (*83*) Karigi okkupati: 77 + 2 (*79*)<br><br>+ 46 (*32*) persunal ieħor (kuntratti awżiljarji, esperti nazzjonali fuq sekondar, impjegati lokali, supplenti temporanji)<br><br>*Persunal totali*: 125 (*111*)<br><br>Assenjati għad-doveri li ġejjin:<br><br>operattivi: 66 (*59*)<br><br>amministrattivi: 38 (*33*)<br><br>varji: 21 (*19*) | Konferenzi u seminarji: 72<br><br>Studji: 65<br><br>Proġetti: 23<br><br>Parteċipazzjoni fil:<br><br>Proċess ta' Copenhagen,<br><br>Programm ta' *e-Learning*,<br><br>Programm Leonardo da Vinci, Qafas ta' azzjoni konġunta ta' msieħba soċjali<br><br>Pubblikazzjonijiet:<br><br>68 pubblikazzjoni,<br><br>info Cedefop, ittra informali elettronika<br><br>Ċirkolazzjoni ta' dokumenti:<br><br>10 244 fuq talba, 2 346 abbonamenti għall-ittra informali elettroniċi, 8 523 abbonamenti għal Info Cedefop<br><br>Manteniment u żvilupp ta' Programm ta' Taħriġ Elettroniku<br><br>Parteċipanti fil-programm ta' żjarat ta' studju: 773 |

*Sors:* informazzjoni mogħtija miċ-Ċentru.

*Tabella 2*

**Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali — Implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2003**

*(miljun euro)*

| Dhul | | | Nefqa | | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Sors tad-dhul | Dhul reġistrat fil-badġit finali għas-sena finanzjarja | Dhul miġbur | Allokazzjoni ta' nefqa | Approprjazzjonijiet fil-baġit finali | | | | | Approprjazzjonijiet trasferiti mis-sena finanzjarja ta' qabel | | | | Approprjazzjonijiet disponibbli (*baġit 2003 u sena finanzjarja 2002*) | | | | |
| | | | | reġis-trati | impen-jati | imħall-sa | trasfe-riti | kan-ċellati | inizjali | imħall-sa | sabiex jiġu trasfe-riti | kan-ċellati | appro-prjazz-jonijiet | impen-jati | imħall-sa | trasfe-riti | kan-ċellati |
| Sussidji Komunitarji | 14,5 | 14,5 | Titolu I Persunal | 8,0 | 8,0 | 7,6 | 0,4 | 0,0 | 0,3 | 0,3 | 0,0 | 0,0 | 8,3 | 8,3 | 7,8 | 0,4 | 0,1 |
| Dħul finanzjarju u ieħor | 0,2 | 0,0 | Titolu II Amministrazzjoni | 1,2 | 1,1 | 0,8 | 0,4 | 0,0 | 0,3 | 0,3 | 0,0 | 0,0 | 1,5 | 1,5 | 1,1 | 0,4 | 0,0 |
| Sussidji minn Pajjiżi mhux Membri | p.m. (1) | 0,2 | Titolu III Attivitajiet Operattivi | 5,5 | 5,5 | 2,4 | 3,1 | 0,0 | 2,2 | 1,8 | 0,0 | 0,3 | 7,7 | 7,7 | 4,2 | 3,1 | 0,3 |
| Dħul assenjat PHARE | (2) | 0,6 | Dħul assenjat PHARE u Pajjiżi mhux Membri | (2) | 0,8 | 0,5 | 0,2 | 0,0 | 0,2 | 0,1 | 0,1 | 0,0 | 0,2 | 1,0 | 0,6 | 0,4 | 0,0 |
| **Total** | 14,7 | 15,3 | **Total** | 14,7 | 15,4 | 11,3 | 4,2 | 0,0 | 3,1 | 2,5 | 0,1 | 0,4 | 17,8 | 18,5 | 13,8 | 4,3 | 0,4 |

(1) p.m.: dħul simboliku.

(2) Dħul assenjat PHARE ma kienx irreġistrat fil-baġit inizjali taċ-Ċentru u ma tax lok għal baġit li jemenda (ara paragrafu 7 tar-rapport).

*NB:* Differenzi fit-totali huma kawża ta' l-effetti taż-żieda sa l-eqreb numru sħiħ.

*Sors:* informazzjoni mogħtija miċ-Ċentru. Din it-tabella tiġbor fil-qosor l-informazzjoni mogħtija miċ-Ċentru fil-kontijiet annwali tiegħu.

*Tabella 3*

**Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali — Kont ta' dħul u nefqa għas-snin finanzjarji 2003 u 2002**

*(1 000 euro)*

| | 2003 | 2002 |
|---|---|---|
| **Dħul** | | |
| Sussidji tal-Kummissjoni | 14 500 | 12 135 |
| Dħul mis-snin finanzjarji ta' qabel | 0 | 25 |
| Dħul varju | 3 | 3 |
| Dħul assenjat (PHARE u pajjiżi terzi) | 792 | 333 |
| Dħul finanzjarju | 0 | 50 |
| **Dħul totali (a)** | **15 295** | **12 546** |
| **Nefqa mill-badġit għas-sena finanzjarja** | | |
| *Persunal — Titolu I tal-baġit* | | |
| Ħlasijiet | 7 554 | 7 570 |
| Approprjazzjonijiet trasferiti | 443 | 298 |
| *Amministrazzjoni — Titolu II tal-baġit* | | |
| Ħlasijiet | 778 | 767 |
| Approprjazzjonijiet trasferiti | 358 | 345 |
| *Attivitajiet operattivi — Titolu III tal-baġit (ħlief għal dħul assenjat)* | | |
| Ħlasijiet | 2 381 | 2 491 |
| Approprjazzjonijiet trasferiti | 3 138 | 2 189 |
| *Dħul assenjat (PHARE u pajjiżi terzi)* | | |
| Ħlasijiet | 546 | 0 |
| Approprjazzjonijiet trasferiti | 246 | 187 |
| **Nefqa totali (b)** | **15 444** | **13 847** |
| **Kwantita' maħduma għas-sena finanzjarja (a – b)** | **– 149** | **– 1 301** |
| Bilanċ trasferit mis-sena finanzjarja ta' qabel | – 545 | 532 |
| Approprjazzjonijiet trasferiti u kanċellati | 399 | 215 |
| Ammonti għall-użu mill-ġdid mis-sena finanzjarja ta' qabel li ma kienux użati | 10 | 8 |
| Rifużjonijiet lill-Kummissjoni | – 716 | 0 |
| Differenzi fir-rata ta' skambju | 8 | 1 |
| **Bilanċ għas-sena finanzjarja** | **– 993** | **– 545** |

*Sors:* informazzjoni mogħtija miċ-Ċentru. Din it-tabella tiġbor fil-qosor l-informazzjoni mogħtija miċ-Ċentru fil-kontijiet annwali tiegħu.

*Tabella 4*

**Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali — Karta ta' bilanċ fil-31 ta' Diċembru 2003 u fil-31 ta' Diċembru 2002**

*(1 000 euro)*

| Assi | 2003 | 2002 | Dejn | 2003 | 2002 |
|---|---|---|---|---|---|
| **Assi fissi** (1) | | | **Kapital fiss** | | |
| Assi fissi intanġibbli | 14 | 0 | Kapital proprju | 5 704 | 6 007 |
| Bini | 5 179 | 5 351 | Bilanċ għas-sena finanzjarja | – 993 | – 545 |
| Tagħmir u għamara | 471 | 616 | *Subtotal* | *4 711* | *5 462* |
| Assi finanzjarji fissi, garanzija | 5 | 5 | **Dejn fit-tul** | | |
| *Subtotal* | *5 669* | *5 972* | Liabilities on assigned revenue | 0 | 277 |
| **Ishma** | | | *Subtotal* | *0* | *277* |
| Tagħmir ta' l-uffiċċji | 35 | 35 | **Dejn kurrenti** | | |
| *Subtotal* | *35* | *35* | Dejn fuq dħul assenjat mhux riċevut | 315 | 661 |
| **Assi fit-tul** | | | Approprjazzjonijiet trasferiti ma' Titoli I, II u III | 3 939 | 2 832 |
| Self tal-persunal | 3 | 9 | Approprjazzjonijiet trasferiti ma' dħul assenjat | 382 | 238 |
| Sussidju tal-Kummissjoni | 0 | 277 | Ammonti rekuperabbli | 0 | 1 615 |
| *Subtotal* | *3* | *286* | Kontijiet varji li jridu jitħallsu | 86 | 121 |
| **Assi kurrenti** | | | VAT/taxxi oħra | 90 | 73 |
| Kummissjoni | 315 | 2 276 | Interess bankarju li jrid jingħata lura lill-UE | 64 | 0 |
| Avvanzi oħra | 37 | 94 | *Subtotal* | *4 876* | *5 540* |
| VAT rekuperabbli | 34 | 23 | **Kontijiet transitorji** | | |
| Kontijiet varji riċevuti | 81 | 124 | Ħlasijiet kurrenti | 0 | 226 |
| *Subtotal* | *467* | *2 517* | Ammonti għall-użu mill-ġdid | 157 | 229 |
| **Kontijiet ta' flus** | | | *Subtotal* | *157* | *455* |
| Kontijiet bankarji (2) | 3 532 | 2 830 | | | |
| Flus | 5 | 4 | | | |
| Kont *imprest* | 33 | 90 | | | |
| *Subtotal* | *3 570* | *2 924* | | | |
| **Total** | **9 744** | **11 734** | **Total** | **9 744** | **11 734** |

(1) Assi fissi huma netti. Il-figuri għall-2002 kienu għaldaqstant ikkalkulati mill-ġdid għal skopijiet ta' komparabilità.

(2) Il-volum sostanzjali tal-fondi fil-kontijiet bankarji fl-aħħar tas-sena finanzjarja huma minħabba ħlasijiet magħmula mill-Kummissjoni biex jiffinanzjaw transazzjonijiet finanzjarji li għalihom l-approprjazzjonijiet kienu trasferiti mis-sena finanzjarja ta' wara.

*Sors:* informazzjoni mogħtija miċ-Ċentru. Din it-tabella tiġbor fil-qosor l-informazzjoni mogħtija miċ-Ċentru fil-kontijiet annwali tiegħu.

## RISPOSTI TAĊ-ĊENTRU

7. Iċ-Ċentru jmissu fil-fatt iffinalizza l-irċevuta tal-fondi li għandhom x' jaqsmu mas-sussidju mill-pajjiżi li mhumiex membri u mal-kuntratt "Phare" permezz ta' baġit supplementari u ta' emenda.

8. L-adattament finanzjarju li huwa neċessarju minħabba r-riforma finanzjarja beda fl-2003 u għandu jiġi kompletat fl-2005. Fir-rigward ta' l-adattament tas-sistema tal-kontabilità, iċ-Ċentru qed iwettaq il-bidliet neċessarji skond il-prijoritajiet stipulati.

9. Huwa fatt illi l-validità tas-sistema tal-kontabilità għadha ma ġietx ikkonfermata. Ir-raġuni għal dan hija li għad iridu jiġu mwettqa l-bidliet sabiex jimplimentaw b'mod sħiħ ir-riforma tal-kontabilità. Il-konferma tal-validità għandha tingħata matul l-2005.

10. Ir-Riforma u l-komplessità ta' kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-ġestjoni ta' akkwisti u ta' kuntratti flimkien mad-diffikultajiet ippreżentati minn *modus operandi* deċentralizzat saħħaħ il-bżonn għal sistema ċentralizzata ta' ġestjoni ta' operazzjonijiet ta' akkwisti u ta' kuntratti. F'dan ir-rigward, u wara d-Deċiżjoni tad-Direttur 2004/1, is-Servizz ta' Ġestjoni Legali u ta' Kuntratti (*Legal and Contract Management Service*) huwa unikament responsabbli għall-ġestjoni diretta u ċentralizzata ta' akkwisti u kuntratti f'Cedefop u b'din il-kompetenza jieħu ħsieb ta' u jwettaq transazzjonijiet fl-ambitu ta' kull kompitu formali, legali u amministrattiv li għandu x'jaqsmu ma' l-istadji u l-aspetti kollha ta' akkwisti f'Cedefop. Finalment, u kif muri mid-dokumentazzjoni pprovduta lill-Qorti ta' l-Awdituri, iċ-Ċentru jixtieq jenfasizza illi l-proċeduri li rriżultaw fl-għoti tal-kuntratti kollha kienu skond ir-regoli applikabbli.

11. Fir-rigward ta' kuntratti 2002/0117 (EUR 22 483), 2002/0143 (EUR 25 000) u 2003/0069 (EUR 32 257,50), Cedefop jixtieq jiġbed l-attenzjoni għall-fatt illi a) kuntratti 2002/0117 u 2002/0143 għandhom x' jaqsmu mas-sena 2002, b) kuntratti 2002/0117 u 2003/0069 ingħataw lill-istess kuntrattur, u c) il-kuntratti kollha in kwistjoni hawnhekk huma ta' valur baxx.

Il-listi ta' dawk kollha li ġew mitluba jippreżentaw l-offerti tagħhom li rriżultaw fl-għoti tat-tlett kuntratti msemmija hawn fuq kienu bbażati fuq il-kuntratturi potenzjali u kkwalifikati li rriżultaw mis-Sejħa għal Espressjonijiet ta' Interess Nru AMI/VET/2000-1 ta' Cedefop. Kif muri mid-*data* pprovduta lill-awdituri, dawn is-sejħiet għall-offerti kienu indirizzati lill-organizzazzjonijiet/persuni magħżula fuq bażi ta' kriterji oġġettivi u li ma jiddiskriminawx li huma speċifiċi għan-natura ta' kull kuntratt, kif previst fir-regoli applikabbli, u mhux lill-kuntratturi kollha msemmija fuq. Il-kuntratturi in kwistjoni hawnhekk, kif muri *jure et facto* mid-*data* pprovduta lill-Qorti ta' l-Awdituri, kienu aċċettati bħala kuntratturi potenzjali u kkwalifikati fil-qafas tas-Sejħa għal Espressjonijiet ta' Interess imsemmija qabel. Anki jekk l-ismijiet tagħhom ma dehrux fuq il-lista ppreżentata lill-awdituri (bħala riżultat tad-diffikultajiet li għandhom x' jaqsmu ma' l-operazzjonijiet deċentralizzati ta' dak iż-żmien), l-istatus tagħhom bħala kuntratturi potenzjali u kkwalifikati ma' jistax jiġi ddubitat. Iċ-Ċentru jixtieq jenfasizza illi l-proċeduri li rriżultaw fl-għoti tal-kuntratti in kwistjoni kienu skond ir-regoli applikabbli.

12. L-osservazzjonijiet se jiġu kkunsidrati meta jiġu mfassla jew adattati l-proċeduri interni mill-Amministrazzjoni.

# RAPPORT

## fuq il-kontijiet annwali ta' l-Eurojust għas-sena finanzjarja 2003 flimkien mar-risposti ta' l-Eurojust

WERREJ


| | *Paragrafu* | *Paġna* |
|---|---|---|
| INTRODUZZJONI | 1 | 62 |
| L-OPINJONI TAL-QORTI | 2-5 | 62 |
| OSSERVAZZJONIJIET | 6-9 | 62 |
| Tabelli 1 sa 4 | | 63 |
| **Ir-risposti ta' l-Eurojust** | | 67 |

**INTRODUZZJONI**

1. Eurojust, li bdiet taħdem fl-aħħar ta' l-2002, kienet imwaqqfa bid-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2002/187/ĠAI ([1]) bi ħsieb li tiġi msaħħa l-ġlieda kontra l-kriminalità serja. L-għan tagħha hija li ttejjeb il-kordinazzjoni ta' l-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet li jkopru t-territorji diversi ta' Stati Membri ta' l-Unjoni Ewropea, kif ukoll ta' l-Istati li mhumiex membri. *Tabella 1* fiha sommarju tal-poteri u l-attivitajiet ta' l-Eurojust fuq il-bażi ta' l-informazzjoni mogħtija mill-Eurojust innifisha.

**L-OPINJONI TAL-QORTI**

2. Din l-opinjoni hija indirizzata lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, skond l-Artikolu 36 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill nru 2002/187/ĠAI ([1]).

3. Il-Qorti eżaminat il-kontijiet annwali ta' l-Eurojust għas-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2003. Skond l-Artikolu 36 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2002/187/ĠAI ([1]) tat-28 ta' Frar 2002, il-baġit ta' l-Eurojust ġie implimentat taħt ir-responsabbiltà tad-Direttur Eżekuttiv. Din ir-responsabbiltà tinkludi l-abbozzar u l-preżentazzjoni tal-kontijiet ([2]), skond id-dispożizzjonijiet finanzjarji interni fuq il-bażi ta' l-Artikolu 37 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill. Il-Qorti hija meħtieġa li teżamina dawn il-kontijiet skond l-Artikolu 248 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.

4. Il-Qorti wettqet il-verifika tagħha skond il-politika u l-istandards ta' verifiki tagħha, li huma adottati minn standards internazzjonali sabiex jirriflettu l-interessi tal-Komunità. Hija eżaminat id-dokumenti tal-kontijiet u applikat il-proċeduri tal-verifika li kkunsidrat neċessarji f'dan il-kuntest.

5. Għaldaqstant il-Qorti kisbet assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet annwali għas-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2003 huma ta' min joqgħod fuqhom u li t-transazzjonijiet ta' bażi fit-totalità tagħhom huma legali u regolari. Il-kontenut ta' l-osservazzjonijiet li ġejjin ma jpoġġix f'diskussjoni l-opinjoni li tesprimi l-Qorti f'dan ir-rapport.

**OSSERVAZZJONIJIET**

6. L-implimentazzjoni ta' l-approprjazzjonijiet għas-sena finanzjarja 2003 u ta' l-approprjazzjonijiet miġjuba 'l quddiem mis-sena finanzjarja ta' qabel hija murija fit-*Tabella 2*. Il-kont ekonomiku ta' kwantitajiet maħdumin ta' l-Eurojust u l-karta ta' bilanċ għas-sena finanzjarja 2003 huma ppreżentati f'forma sommarja fit-*Tabelli 3 u 4*.

7. Eurojust ma setgħetx tadotta r-Regolament Finanzjarju l-ġdid tagħha waqt is-sena finanzjarja. Sakemm isseħħ l-adozzjoni, hija kienet qed tapplika r-Regolament Finanzjarju kwardu għall-korpi deċentralizżati ([3]). Id-dokumentazzjoni li tiddeskrivi r-rwoli u l-funzjonijiet ta' dawk responsabbli għas-sistemi interna ta' kontroll għadha mhiex ċara. Dokumenti ta' sostenn għall-ordnijiet jew għall-irċevuti tal-merkanzija u s-servizzi mhumiex miżmuma kollha.

8. L-Artikolu 43(1)(e) tar-Regolament Finanzjarju kwardu jistipula li l-uffiċjal tal-kontijiet għandu jivvalida s-sistemi mniżżla mill-uffiċjal li jawtorizza biex jagħti jew jiġġustifika l-informazzjoni tal-kontijiet. L-ebda validazzjoni ma saret waqt is-sena finanzjarja.

9. Il-ġestjoni ta' trasferimenti ta' l-approprjazzjonijiet trid tkun ssorveljata b'mod aktar viċin. F'każ wieħed il-Kulleġġ ta' l-Eurojust kien notifikat bi trasferiment ta' 349 500 euro avolja s-somma kienet diġà parti mill-baġit li jemenda ppreżentat xi ftit ġimgħat qabel. Trasferiment ta' 8 500 euro ġie mdaħħal fil-kontijiet tal-baġit mingħajr ma ġie infurmat il-Kulleġġ.

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Qorti ta' l-Awdituri fil-Lussemburgu fil-laqgħat tal-Qorti tad-29 u tat-30 ta' Settembru 2004.

*Għall-Qorti ta' l-Awdituri*
Juan Manuel FABRA VALLÉS
*President*

---

([1]) Deċiżjoni tat-28 ta' Frar 2002 li waqqfet il-Eurojust (ĠU L 63 tas-6.3.2002, p. 1)

([2]) Kif meħtieġ mill-Artikolu 36 tad-Deċiżjoni li waqqfet il-Eurojust, il-kontijiet finali għas-sena finanzjarja 2003 kienu mlestija fis-7 ta' Lulju 2004 u mibgħuta lill-Parlament, lill-Kummissjoni u lill-Qorti ta' l-Awdituri. Il-Qorti rċeviethom fl-24 ta' Settembru 2004. Verżjoni mqassra tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji hija ppreżentata fit-tabelli annessi ma' dan ir-rapport.

([3]) Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Diċembru 2002 (ĠU L 357, tal-21.12.2002, pġ. 72).

*Tabella 1*

**Eurojust (Aja) — Deċiżjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Frar 2002 (2002/187/ĠAI)**

| Oqsma ta' responsabbiltà stipulati fit-Trattat fuq l-Unjoni Ewropea | Il-poteri ta' l-Eurojust kif definiti fid-deċiżjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Frar 2002 (2002/187/ĠAI) | | Tmexxija tajba | Riżorsi disponibbli għall-Eurojust (*Data għall-2002 f'parenteżi*) | Attivitajiet u servizzi provduti (*Data għall-2002 f'parenteżi*) |
|---|---|---|---|---|---|
| Il-mira ta' l-Unjoni għandha tkun li jipprovdu liċ-ċittadini b'livell għoli ta' sigurtà fl-ambitu ta' spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja. | **Għanijiet** | **Funzjonijiet** | (1) **Il-Kulleġġ** huwa responsabbli mill-organizzazzjoni u l-operat ta' l-Eurojust. | **Baġit Finali:** | Numru ta' każijiet: 26 (*20*) |
| | — tistimola u tejjeb l-kordinazzjoni, bejn l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri, ta' investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet u tejjeb koperazzjoni b'mod partikolari li tiġi faċilitata l-eżekuzzjoni ta' assistenza ġudizzjarja internazzjonali u l-implimentazzjoni ta' ordnijiet ta' estradizzjoni. | Li torganizza koperazzjoni bejn is-sistemi legali nazzjonali varji, Eurojust taġixxi: | (2) Il-Kulleġġ huwa kompost fil-**membri nazzjonali** ssekondat minn kull Stat Membru skond is-sistema ġuridika, li għandu bħala titlu prosekutur, imħallef jew uffiċjal tal-pulizija b'kompetenza ekwivalenti. | 8 miljun euro (*2,8 miljun euro*) mogħtija kompletament (100 %) (*100 %*) mill-UE: | Każijiet bilaterali: 222 (*144*)<br><br>Każijiet multilaterali: 78 (*70*) |
| Il-Kunsill jinkoraġġixxi l-koperazzjoni permezz ta' l-Eurojust billi jippermettilha li tiffaċilita kordinazzjoni tajba bejn l-aworitajiet nazzjonali ta' prosekuzzjoni ta' l-Istati membri. (*Artikoli 29 u 31*) | | — permezz tal-membri nazzjonali tagħha;<br><br>— jew bħala Kulleġġ. | | **Staff fil-31 ta' Diċembru 2003:**<br><br>53 (*46*) postijiet imnizzla fil-pjan ta' stabbiliment; | In-Numru totali tal-każijiet: 300 (*214*)<br><br>Frodi: 22 % (*30 %*) |
| L-oqsma prinċipali ta' responsabiltà ta' l-Eurojust huma l-istess bħal ta' l-Europol, jiġifieri l-ġlieda kontra t-terroriżmu, kriminalità organizzata, b'mod partikolari t-traffikar tad-droga, l-immigrazzjoni illegali, it-traffikar illeċitu ta' karozzi, it-traffikar ta' bnedmin, il-falsifikazzjoni tal-flus, it-traffikar ta' sustanzi radjo-attivi, kriminalità fuq kompjuters, atti li huma detrimentali għall-interessi finanzjarji ta' l-Unjoni u l-ħasil tal-flus | | Jekk l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri konċernati jiddeċiedu li ma jikkonformawx ma' talbiet li ħarġet l-Eurojust, huma jinnotifikaw lill-Eurojust bir-raġunijiet tagħhom. | (3) Il-kulleġġ jaħtar il-**President** tiegħu mill-membri nazzjonali. | postijiet ġa meħuda: 28 (*5*) | Traffikar tad-droga: 22 % (*16 %*) |
| | — li tappoġġa l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri biex itejbu l-effiċjenza ta' l-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet tagħhom. | | (4) **Il-Korp konġunt ta' sorveljanza** jiċċekkja l-ipproċessar ta' informazzjoni personali. | + 15 (*7*) postijiet oħrajn (kuntratti awziljarji, esperti nazzjonali ssekondati, persunal lokali, staff ta' l-aġenzija ta' impjieg) | Terroriżmu: 6 % (*9 %*)<br><br>Qtil: 4 % (*7 %*) |
| | | | (5) Id-**Direttur Amministrattiv** huwa maħtur unanimament mill-Kulleġġ. | *Staff totali:* 43 (*12*) | L = Kutrabandu: 3 % (*6 %*) |
| | — li tipprovdi appoġġ fi proċeduri li jinvolvu Stat Membru u Stat mhux Membru. | | (6) **Kontroll Estern:** il-Qorti ta' l-Awdituri. | li jwettqu funzjonijiet:<br><br>operattivi:18 (*3*) | Traffikar tal-bnedmin: 4 % (*6 %*)<br><br>Ħasil tal-flus: 8 % (*2 %*) |
| | — li tipprovdi appoġġ fi proċeduri li jinvolvu Stat Membru u l-Komunità. | | (7) Il-**Liberazzjoni** hija mogħtija mill-Parlament fuq rakkomandazzjoni tal-Kunsill. | funzjonijiet amministrattivi: 20 (6)<br><br>funzjonijiet imħallta: 5 (*3*) | Oħrajn: 31 % (*24 %*) |

*Sors:* Informazzjoni provduta mill-Eurojust.

*Tabella 2*

**Eurojust — Implimetazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2003**

*(miljun euro)*

| Dhul | | | Nefqa | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Sors tad-dħul | Dħul reġistrat fil-baġit finali għas-sena finanzjarja | Dħul miġbur | Allokazzjoni ta' nefqa | Approprjazzjonijiet fil-baġit finali | | | | | Approprjazzjonijiet trasferiti mis-sena finanzjarja ta' qabel | | | Approprjazzjonijiet disponibbli (baġit 2003 u s-sena finanzjarja 2002) | | | | |
| | | | | reġis-trati | impen-jati | imħallsa | trasfe-riti | kan-ċellati | impenji pen-denti | imħallsa | kan-ċellati | appro-prjazz-joniet | impen-jati | imħallsa | trasfe-riti | kanċellati |
| Sussidji Komunitarji | 8,0 | 7,2 | Titolu I Persunal | 2,5 | 2,2 | 2,0 | 0,2 | 0,3 | 0,0 | 0,0 | 0,0 | 2,5 | 2,2 | 2,0 | 0,2 | 0,3 |
| Interess finanzjarju | 0,0 | 0,0 | Titolu II Amministrazzjoni | 4,0 | 3,0 | 2,3 | 1,0 | 0,7 | 0,3 | 0,3 | 0,0 | 4,3 | 3,3 | 2,6 | 1,0 | 0,7 |
| Dħul ieħor | 0,1 | 0,0 | Titolu III Nefqa ta' xogħol | 1,6 | 1,0 | 0,9 | 0,1 | 0,6 | 0,1 | 0,1 | 0,0 | 1,7 | 1,1 | 1,0 | 0,1 | 0,6 |
| **Total** | 8,1 | 7,2 | **Total** | 8,1 | 6,2 | 5,2 | 1,3 | 1,6 | 0,4 | 0,4 | 0,0 | 8,5 | 6,6 | 5,6 | 1,3 | 1,6 |

*Sors:* L-informazzjoni ta' l-Eurojust — Din it-tabella tiġbor fil-qosor l-informazzjoni mogħtija mill-Eurojust fil-kontijiet annwali.

*Tabella 3*

**Eurojust — Kontijiet tad-dħul u nefqa għas-snin finanzjarji 2003 u 2002**

*(1 000 euro)*

| | 2003 | 2002 |
|---|---|---|
| **Dħul** | | |
| Sussidji Komunitarji | 7 125 | 1 478 |
| Dħul ieħor | 12 | 0 |
| **Total (a)** | **7 137** | **1 478** |
| **Nefqa** | | |
| Xiri ta' merkanzija u servizzi | 3 228 | 378 |
| Spejjeż tal-Persunal | 2 112 | 256 |
| Deprezzament | 211 | 29 |
| **Total (b)** | **5 551** | **663** |
| **Riżultat ekonomiku għas-sena finanzjarja (a – b)** | **1 586** | **815** |

*Sors:* informazzjoni mill-Eurojust.

*Tabella 4*

**Eurojust — Karta ta' Bilanċ fil-31 ta' Diċembru 2003 u fil-31 ta' Diċembru 2002**

*(1 000 euros)*

| Attiv | 2003 | 2002 | Passiv | 2003 | 2002 |
|---|---|---|---|---|---|
| **Assi li mhumiex tanġibbli** (1) | **62** | **6** | **Kapital proprju** | | |
| | | | Kwantità tal-baġit maħduma (a) | 778 | – 80 |
| **Assi fissi** (1) | | | Riżultat wara l-aġġustamenti (b) | 808 | 895 |
| Tagħmir, makkinarju u għodda | 114 | 20 | Kwantità ekonomika maħduma (a + b) | 1 586 | 815 |
| Ghamara u flotta ta' vetturi | 492 | 207 | Kwantità maħduma trasferita mis-snin finanzjarji ta' qabel | 815 | 0 |
| Tagħmir tal-kompjuter | 460 | 451 | *Total parzjali* | *2 401* | *815* |
| *Total parzjali* | *1 066* | *678* | | | |
| | | | **Provvediment għar-riskji u spejjeż** | **396** | **0** |
| **Assi finanzjarji** | **1** | **0** | | | |
| | | | **Passiv kurrenti** | | |
| **Assi kurrenti** | | | Passiv Kurrenti | 24 | 173 |
| Assi kurrenti | 232 | 158 | Passiv iehor | 305 | 125 |
| Kontijiet varji riċevibbli | 34 | 30 | *Total parzjali* | *329* | *298* |
| *Total parzjali* | *266* | *188* | | | |
| **Assi disponibbli** | **1731** | **241** | | | |
| **Total** | **3 126** | **1 113** | **Total** | **3 126** | **1 113** |

(1) L-assi li mhumiex tanġibbli u l-assi fissi huma deprezzati fuq il-bażi ta' kull xahar.

*Sors:* informazzjoni ta' l-Eurojust. Din it-tabella tiġbor fil-qosor l-informazzjoni mogħtija mill-Eurojust fil-kontijiet annwali tagħha.

## RISOSTI TA' L-AĠENZIJA

7. Fil-11 ta' Novembru 2003, il-Kulleġġ ta' l-Eurojust adotta l-proposta għal Regolament Finanzjarju ġdid ippreżentata lilu mid-Direttur Amministrattiv u t-test ta' dan l-istess regolament intbagħad lill-Kummissjoni sabiex jiġi approvat.

L-Eurojust irreveda l-linji gwida tiegħu dwar ċirkuwiti finanzjarji u dwar is-separazzjoni ta' doveri u ffinalizza listi speċifiċi ta' verifika għal kull settur finanzjarju.

L-Eurojust iddeċieda li jiċċentralizza d-dokumenti kollha ta' sostenn fl-unità responsabbli għall-baġit u l-Finanzi u dan sabiex jiġi evitat li r-riskji assoċjati magħhom jiġu mxerrda fid-dipartimenti operazzjonali.

8. L-Uffiċjal tal-Kontabilità ta' l-Eurojust beda l-impieg tiegħu f' Settembru 2003. Iż-żmien li kien meħtieġ sabiex jintefa' fuq ix-xogħol tiegħu u jittestja s-sistemi ta' kontabilità fisser li l-validità ta' dawn ma setgħetx tiġi kkonfermata qabel l-2004.

9. L-esperjenza akkwiżita mill-ewwel sena finanzjarja 2003, li kienet l-ewwel sena finanzjarja sħiħa ta' l-Eurojust, esponiet ċerti debbulizzi fil-kontroll ta' transazzjonijiet li għandhom x' jaqsmu mal-baġit. Minn dak iż-żmien is-sitwazzjoni ssaħħet sabiex tiġi evitata kwalunkwe ripetizzjoni tal-problemi nnutati mill-Qorti.

# RAPPORT

## dwar il-kontijiet annwali tal-Fondazzjoni ta' Taħriġ Ewropea għas-sena finanzjarja 2003 flimkien mar-risposti tal-Fondazzjoni

### WERREJ


| | *Paragrafu* | *Paġna* |
|---|---|---|
| INTRODUZZJONI | 1 | 69 |
| L-OPINJONI TAL-QORTI | 2-5 | 69 |
| OSSERVAZZJONIJIET | 6-11 | 69 |
| Tabelli 1 sa 4 | | 70 |
| **Ir-risposti tal-Fondazzjoni** | | 74 |

**INTRODUZZJONI**

1. Il-Fondazzjoni ta' Taħriġ Ewropea (minn hawn 'il quddiem imsejjħa "il-Fondazzjoni") kienet imwaqqfa mir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1360/90 tas-7 ta' Mejju 1990 ([1]). L-għan tal-Fondazzjoni huwa sabiex tagħti sostenn lir-riforma ta' taħriġ professjonali fil-pajjiżi msieħba ta' l-Unjoni Ewropea. Għaldaqshekk, hija tassisti l-Kummissjoni fl-implimentazzjoni ta' varji programmi (PHARE, TACIS, CARDS, MEDA). *Tabella 1* fiha sommarju tal-poteri u l-attivitajiet tal-Fondazzjoni bbażati fuq informazzjoni mogħtija mill-Fondazzjoni.

**L-OPINJONI TAL-QORTI**

2. Din l-opinjoni hija indirizzata lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, skond l-Artikolu 185 (2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ([2]).

3. Il-Qorti eżaminat il-kontijiet annwali tal-Fondazzjoni għas-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2003. Skond l-Artikolu 11 (1) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1360/90, il-baġit ġie implimentat fuq ir-responsabbiltà tad-Direttur. Din ir-responsabbiltà tinkludi l-abbozzar u l-preżentazzjoni tal-kontijiet ([3]) skond id-dispożizzjonijiet finanzjarji interni adottati fuq il-bażi ta' l-Artikolu 12 ta' l-istess regolament. Il-Qorti ta' l-Awdituri hija mistennija taħt l-Artikolu 248 tat-Trattat li jistabilixxi l-Komunita' Ewropea sabiex teżamina dawn il-kontijiet.

4. Il-Qorti għamlet il-verifika skond il-politika tal-verifiki u standards tagħha, li huma adattati minn standards internazzjonali sabiex jirriflettu l-kuntest tal-Komunita'.

5. Għaldaqshekk il-Qorti kisbet assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet annwali għas-sena li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2003 huma dipendibbli u li l-operazzjonijiet ta' warajhom, fit-totalità tagħhom, huma legali u regolari. Il-kontenut ta' l-osservazzjonijiet li ġejjin ma jmorrux kontra l-opinjoni tal-Qorti espressa f'dan ir-rapport.

**OSSERVAZZJONIJIET**

6. *Tabella 2* turi l-implimentazzjoni ta' approprjazzjonijiet għas-sena finanzjarja 2003 u ta' approprjazzjonijiet trasferiti missena finanzjarja ta' qabel. Il-kont tad-dħul u n-nefqa u l-karta ta' bilanċ tal-Fondazzjoni għas-sena finanzjarja 2003 jidhru sommarjament f'*Tabelli 3 u 4*.

7. Fuq il-bażi ta' ftiehim konklużi mal-Kummissjoni, il-Fondazzjoni tiġġestixxi programmi TEMPUS li jinkludu wkoll assistenza teknika. Fl-2003, il-Fondazzjoni għamlet ħlasijiet ta' 23,1 miljun euro f'isem il-Kummissjoni għal dawk il-programmi u, fil-31 ta' Diċembru 2003, il-bilanċ tal-kontijiet bankarji rilevanti ammontaw għal 24,2 miljun euro. Madwar 20 fil-mija tal-persunal impjegat mill-Fondazzjoni jaħdmu *full-time* fuq dawn il-programmi. Kif il-Qorti semmiet f'rapporti ta' qabel ([4]), l-ebda informazzjoni relatata ma' dawn il-programmi ma tidher fil-baġit jew fil-karta ta' bilanċ; il-Fondazzjoni tippreżenta l-informazzjoni finanzjarja relevanti f'anness mal-kontijiet annwali tagħha. Dan ma jaqbilx mal-prinċipji tal-baġit ta' unità u preċiżjoni ([5]).

8. Fl-2003 il-Fondazzjoni kkonkludiet żewġ ftiehim ma' donaturi (ammont totali 0,5 miljun euro). Dawn il-ftiehim jidhru korrettament fil-kontijiet iżda l-Fondazzjoni ma produċietx baġit supplementari u li jemenda.

9. Minħabba dewmien fil-ħlasijiet mill-Kummissjoni, il-Fondazzjoni ma setgħatx tilħaq l-impenji finanzjarji tagħha. Il-Fondazzjoni kellha tagħmel trasferiment temporanju f'Novembru 2003 ta' miljun euro minn kontijiet bankarji dedikati lill-programm TEMPUS għal kontijiet bankarji tagħha. Din l-operazzjoni kienet magħmula mingħajr ma kienu infurmati l-Bord ta' Tmexxija, jew il-Kummissjoni.

10. Skond l-Artikolu 43 (1) tar-Regolament Finanzjarju tal-Fondazzjoni, l-uffiċjal ta' kontabilita' huwa mitlub sabiex jivvalida s-sistemi mwaqqfa mill-uffiċjal li jawtorizza dwar informazzjoni ta' kontabilita'. Din il-validazzjoni ma saritx matul is-sena finanzjarja.

11. Analiżi ta' ħames proċeduri ta' selezzjoni wrew li l-proċess għall-għażla tal-kandidati għall-intervista (fażi ta' preselezzjoni) mhux formalizzata f'manjiera trasparenti. F'ħafna każijiet il-kriterji ta' selezzjoni la huma mniżżla qabel l-intervista, lanqas ma huwa l-użu tagħhom dokumentat fil-fajls.

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Qorti ta' l-Awdituri fil-Lussemburgu fil-laqgħa tal-Qorti tad-29 u tat-30 ta' Settembru 2004.

*Għall-Qorti ta' l-Awdituri*

Juan Manuel FABRA VALLÉS

*President*

---

([1]) ĠU L 131, tat-23.5.1990.

([2]) ĠU L 248, tas-16.9.2002, p. 1.

([3]) Skond l-Artikolu 83 (3) tar-Regolament Finanzjarju tal-Fondazzjoni, il-kontijiet aħħarija għas-sena finanzjarja 2003 kienu mlestija fit-8 ta' Settembru 2004 u mibgħuta lill-Qorti ta' l-Awdituri, li rċeviethom fl-20 ta' Settembru 2004. Verżjoni mqassra tal-kontijiet hija ppreżentata fit-tabelli annessi ma' dan ir-rapport.

([4]) Paragrafu 9 tar-rapport rigward is-sena finanzjarja 2002 (ĠU Ċ 319, tat-30.12.2003, p. 48), ara wkoll paragrafu 8 tar-rapport rigward is-sena finanzjarja 2001 (ĠU Ċ 326, tas-27.12.2002, p. 51) u paragrafu 11 tar-rapport rigward is-sena finanzjarja 1999 (ĠU Ċ 373, tas-27.12.2000, p. 34).

([5]) Artikolu 6 tar-Regolament Finanzjarju tal-Fondazzjoni.

*Tabella 1*

**Fondazzjoni ta' Taħriġ Ewropea (Turin)**

| Kompetenzi skond it-Trattat | Kompetenzi skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1360/90 tas-7 ta' Mejju 1990 | | Awtorita' | Mezzi disponibbli lill-Fondazzjoni (*figuri għall- 2002*) | Prodotti |
|---|---|---|---|---|---|
| Il-Komunità għandha twettaq, fl-ambitu tal-kompetenza tagħha, miżuri ekonomiċi, finanzjarji u ta' koperazzjoni teknika ma' pajjiżi terzi. Dawn il-miżuri għandhom ikunu komplimentari ma' dawk imwettqa minn Stati Membri u koerenti mal-politika ta' l-izvilupp tal-Komunità.<br><br>(*Artikolu 181 A*) | **Miri**<br><br>— Tikkontribwixxi għall-għotja ta' assistenza ta' taħriġ lill-pajjiżi ta' l-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant u l-Mongolja, lil xi pajjiżi fiż-żona tal-Balkani u lill-pajjiżi u territorji eliġibbli għall-programmi MEDA;<br><br>— Tippromwovi l-kordinazzjoni ta' l-assistenza mogħtija lill-pajjiżi eliġibbli. | **Kompiti**<br><br>— Assistenza sabiex jiġu definiti l-bżonnijiet u prijoritajiet għal taħriġ,<br><br>— Għotja ta' informazzjonijiet dwar inizjattivi u bżonnijiet futuri;<br><br>— Finanzjament ta' proġetti piloti<br><br>— Implimentazzjoni ta' programmi tal-Kummissjoni fil-pajjiżi eliġibbli. | **Bord ta' Tmexxija**<br><br>— rappreżentant ta' kull Pajjiż Membru<br><br>— żewġ rappreżentanti tal-Kummissjoni<br><br>**Direttur**<br><br>— appuntat mill-Bord ta' Tmexxija fuq proposta tal-Kummissjoni<br><br>**Forum ta' konsulta**<br><br>— appuntat mill-Bord ta' Tmexxija,<br><br>— żewġ esperti minn kull Pajjiż Membru,<br><br>— żewġ esperti minn kull pajjiż eliġibbli,<br><br>— żewġ esperti mis-sieħba soċjali fuq livell Ewropew,<br><br>**Kontroll Finanzjarju Estern**<br><br>Qorti Ewropea ta' l-Awdituri<br><br>**Approvazzjoni**<br><br>Il-Parlament Ewropew fuq rakkomandazzjoni tal-Kunsill. | **Baġit:**<br><br>17,2 miljun € (*16.8 miljun* €) finanzjati kollha mill-Kummissjoni.<br><br>**Persunal fil-31 ta' Diċembru 2003:**<br><br>— 104 (*130*) post fil-pjan ta' twaqqif mill-liema 99 (*94*) post okkupat,<br><br>— 31 (*35*) impjegati oħra (awżiljarji, esperti nazzjonali, intermedjarji) Persunal totali okkupa: 130 (*129*) mill-liema impjegati għal:<br><br>— kompiti ta' xogħol: 80 (*78*)<br><br>— kompiti amministrattivi: 35 (*33*)<br><br>— kompiti varji: 15 (*18*). | **Assistenza lill-Kummissjoni:**<br><br>Sostenn ta' l-ETF ikopri settur wiesgħa ta' oqsma li jinkludi: edukazzjoni vokazzjonali inizjali; tagħlim tul il-ħajja kollha; taħriġ li dejjem għaddej (adulti); żvilupp ta' riżorsi umani fil-kumpaniji; politika ta' mpieg; taħriġ ta' nies qiegħda; allevjazzjoni ta' povertà u inlużjoni soċjali u taħriġ sabiex iheġġeġ żvilupp lokali.<br><br>*Network* ta' osservatorji fil-pajjiżi eliġibbli:<br><br>Studji ta' setturi tal-pajjiż, statistiċi dwar edukazzjoni, parir dwar politika lil pajjiżi.<br><br>Konvenzjonijiet ta' b' CARDS, MEDA u TACIS għall-iskema TEMPUS li tkopri:<br><br>— Proġetti Ewropej Konġunti (JEP): applikazzjonijiet riċevuta 507; sussidjati 129<br><br>— Miżuri Strutturali u Kumplimentari (SCM) applikazzjonijiet riċevuta 36; sussidjati 12<br><br>— Sussidji ta' Mobilità Individwali applikazzjonijiet riċevuta 1 246; sussidjati 286.<br><br>Ġestjoni ta' attivitajiet TEMPUS tkopri l-funzjonijiet standard ta' ġestjoni ta' kuntratt, superviżjoni ta' xogħol u sostenn ġenerali għall-proġetti li qed isiru. 1 149 sussidji annwali kienu maħruġa sabixe jitmexxew proġetti TEMPUS u 255 rapport kienu eżaminati. Diversi mijiet ta' proġetti TEMPUS irċevew sostenn u pariri. |

*Source:* Informazzjoni mogħtija mill-Fondazzjoni.

*Tabella 2*

**Fondazzjoni ta' Taħriġ Ewropea — Implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2003**

*(miljun euro)*

| Dhul | | | Nefqa | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Sors tad-dhul | Dhul reġistrat fil-baġit finali għas-sena finanzjarja | Dhul miġbur | Allokazzjoni tan-nefqa | Approprjazzjonijiet fil-badġit finali | | | | | Approprjazzjonijiet trasferiti mis-sena finanzjarja ta' qabel | | | Approprjazzjonijiet disponibbli | | | | |
| | | | | reġistrati | impen-jati | imħallsa | trasferiti | kan-ċellati | appro-prjazz-jonijiet pendenti | imħallsa | kan-ċellati | Appro-prjazz-jonijiet | impen-jati | imħallsa | trasferiti | kanċellati |
| Sussidji Komunitarji | 17,2 | 18,1 | Titolu I Persunal | 11,2 | 11,1 | 10,8 | 0,3 | 0,1 | 0,2 | 0,2 | 0,0 | 11,4 | 11,3 | 11,0 | 0,3 | 0,1 |
| Sussidji Oħra | 0,0 | 0,5 | Titolu II Amministrazzjoni | 1,4 | 1,4 | 1,1 | 0,3 | 0,0 | 0,6 | 0,5 | 0,1 | 2,0 | 2,0 | 1,6 | 0,3 | 0,1 |
| Dħul ieħor | ([1]) | 0,0 | Titolu III Attivitajiet ta' xogħol | 4,6 | 4,5 | 3,4 | 1,1 | 0,1 | 2,6 | 2,3 | 0,3 | 7,2 | 7,1 | 5,7 | 1,1 | 0,4 |
| | | | Dħul assenjat ([1]) | 0,5 | 0,5 | 0,2 | 0,3 | 0,0 | 0,3 | 0,3 | 0,0 | 0,8 | 0,5 | 0,5 | 0,3 | 0,0 |
| **Total** | 17,2 | 18,6 | **Total** | 17,7 | 17,5 | 15,5 | 2,0 | 0,2 | 3,7 | 3,3 | 0,4 | 21,4 | 20,9 | 18,8 | 2,0 | 0,6 |

([1]) Dħul assenjat ma ġiex inkluż fil-baġit (ara paragrafu 8 tar-rapport).

*NB:* Differenzi fit-totali huma kawża ta' l-effetti taż-żieda sa l-eqreb numru sħiħ.

*Sors:* Informazzjoni mogħtija mill-Fondazzjoni. Dawn it-tabelli jagħtu sommarju ta' l-informazzjoni mogħtija mill-Fondazzjoni fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji tagħha.

*Tabella 3*

**Fondazzjoni ta' Taħriġ Ewropea — Kont tad-dħul u n-nefqa għas-snin finanzjarji 2003 u 2002** ([1])

*(1 000 euro)*

| | 2003 | 2002 |
|---|---|---|
| **Dħul** | | |
| Sussidji Komunitarji | 18 100 | 13 179 |
| Donaturi oħra | 523 | — |
| Dħul varju | 17 | 23 |
| Dħul finanzjarju | — | 140 |
| **Dħul totali (a)** | **18 640** | **13 342** |
| **Nefqa** | | |
| *Persunal — Titolu I tal-baġit* | | |
| Ħlasijiet | 10 771 | 10 153 |
| Approprjazzjonijiet trasferiti | 329 | 215 |
| *Amministrazzjoni — Titolu II tal-baġit* | | |
| Ħlasijiet | 1 076 | 805 |
| Approprjazzjonijiet trasferiti | 310 | 559 |
| *Attivitajiet ta' xogħol — Titolu III tal-baġit* | | |
| Ħlasijiet | 3 396 | 2 307 |
| Approprjazzjonijiet trasferiti | 1 087 | 2 591 |
| *Dħul assenjat* | | |
| Ħlasijiet | 237 | — |
| Approprjazzjonijiet trasferiti | 286 | — |
| **Nefqa totali (b)** | **17 492** | **16 631** |
| **Kwantita' maħduma għas-sena finanzjarja (a – b)** | **1 148** | **– 3 289** |
| Bilanċ trasferit mis-sena finanzjarja ta' qabel | – 2 155 | 4 055 |
| Approprjazzjonijiet trasferiti u kanċellati | 375 | 424 |
| Rifużjoni lill-Kummissjoni | – 703 | – 3 352 |
| Differenzi fir-rata ta' kambju | 17 | 6 |
| **Bilanċ għas-sena finanzjarja** | **– 1 318** | **– 2 155** |

([1]) Il-kont tad-dhul u n-nefqa u l-karta ta' bilanċ jikkunsidraw biss l-attivitajiet speċifiċi tal-Fondazzjoni: huma ma jinkludux programmi ġestiti f'isem il-Kummissjoni.
*Sors:* Informazzjoni mogħtija mill-Fondazzjoni. Dawn it-tabelli jagħtu sommarju ta' l-informazzjoni mogħtija mill-Fondazjoni fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji tagħha.

*Tabella 4*

**Fondazzjoni ta' Taħriġ Ewropea — Karta ta' bilanċ fil-31 ta' Diċembru 2003 u fil-31 ta' Diċembru 2002** (1)

*(1 000 euro)*

| Assi | 2003 | 2002 | Dejn | 2003 | 2002 |
|---|---|---|---|---|---|
| **Assi fissi mhux tanġibbli** (2) | | | **Kapital fiss** | | |
| Drittijet ta' xogħol | 5 000 | 5 000 | Kapital proprju | 3 852 | 4 059 |
| Liċenzji ta' *software* | 146 | — | Bilanċ għas-sena finanzjarja | – 1 318 | – 2 155 |
| Deprezzament | – 1 611 | – 1 333 | *Subtotal* | *2 534* | *1 904* |
| *Subtotal* | *3 535* | *3 667* | **Dejn kurrenti** | | |
| **Assi fissi** | | | Trasferimenti awtomatiċi ta' approprjazzjonijiet | 1 726 | 3 366 |
| Tagħmir u għamara | 273 | 618 | Trasferimenti awtomatiċi ta' dħul assenjat | 286 | 273 |
| Tagħmir tal-kompjuter | 1 438 | 1 235 | Kontributuri oħra | 30 | 85 |
| Deprezzament | – 1 444 | – 1 521 | Kontijiet varji li jridu jitħallsu | 1 | 28 |
| *Subtotal* | *267* | *332* | Dħul differit | 83 | 3 537 |
| **Ishma** | | | *Subtotal* | *2 126* | *7 289* |
| Tagħmir għall-uffiċċji | 50 | 60 | | | |
| *Subtotal* | 50 | 60 | | | |
| **Assi kurrenti** | | | | | |
| Sussidji tal-Kummissjoni riċevibbli | 0 | 3 366 | | | |
| Avvanzi oħra | 4 | 2 | | | |
| Ordnijiet ta' rkupru | 43 | 171 | | | |
| Kontijiet varji riċevibbli | 39 | 30 | | | |
| *Subtotal* | 86 | 3 569 | | | |
| **Kontijiet ta' flus** | | | | | |
| Kontijiet bankarji | 719 | 1 524 | | | |
| Kont imprest | 3 | 41 | | | |
| *Subtotal* | *722* | *1 565* | | | |
| **Total** | **4 660** | **9 193** | **Total** | **4 660** | **9 193** |

(1) Il-kont tad-dħul u n-nefqa u l-karta ta' bilanċ jikkunsidraw biss l-attivitajiet speċifiċi tal-Fondazzjoni: huma ma jinkludux programmi ġestiti f'isem il-Kummissjoni.

(2) Il-Fondazzjoni hallset lill-proprjetarju tal-bini tagħha hames miljun euro għar-rinnovazzjoni tiegħu. Dan il-ħlas jagħti dritt lill-Fondazzjoni sabiex tuża l-bini għal euro (1) fis-sena matul tletin sena mill-1995 'il quddiem. Dan il-punt ittieħed in konsiderazzjoni għall-ewwel darba fl-2003. Il-figura għas-sena 2002 ġiet amendata kif neċessarju.

*Sors:* Informazzjoni mogħtija mill-Fondazzjoni. Dawn it-tabelli jagħtu sommarju ta' l-informazzjoni mogħtija mill-Fondazjoni fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji tagħha.

## RISPOSTI TAL-FONDAZZJONI

7. Fiż-żmien li ġew imfassla l-Kontijiet Annwali għall-2003, kien għandu ma kienx ċar taħt liema regoli l-konvenzjonijiet Tempus kellhom jiġu rapportati fil-baġit u f'dikjarazzjonijiet finanzjarji oħra. L-ETF iddeċiediet li tirrapporta dawn l-ammonti fid-dettall f' anness, waqt li wasslet għal ftehim ċar mas-servizzi tal-Kummissjoni dwar il-preżentazzjoni tal-kontijiet ta' l-2005.

Il-laqgħa ta' l-akkawntants ta' l-aġenziji organizzata mill-Kummissjoni li saret fil-11 ta' Ġunju 2004 fi Brussell tat gwida konkreta dwar metodoloġiji ġodda ta' kontabilità li għandhom jiġu applikati għal fondi ġestiti għan-nom tal-Kummissjoni u li se jiġu segwiti mill-ewwel ta' Jannar 2005.

8. L-ETF tieħu nota tar-rimarka tal-Qorti. Mill-2004 'il quddiem, kull donazzjoni se tiġi integrata f'baġit emendat li se jiġi ppreżentat lill-Bord li jirregola sabiex jiġi approvat u li sussegwentement jiġi ppubblikat.

9. L-ETF tieħu nota tar-rimarka tal-Qorti. It-tieni okkorrenza ġrat f'Jannar 2004 meta l-ewwel ħlas akkont tas-sovvenzjoni ta' l-2004 ta' l-ETF ma setgħax isir lill-ETF fil-ħin. L-ETF kellha terġa' tiddependi fuq trasferiment temporanju mill-fondi TEMPUS sabiex jiġi megħlub deficit finanzjarju urġenti.

B'tagħlima mill-okkorrenza preċedenti, l-ETF informat formalment il-Kummissjoni u l-President tal-Bord li jirregola permezz ta' ittra datata 16 ta' Jannar 2004. Minn dik id-data, intleħaq ftehim mal-Kummissjoni sabiex jitnaqqas ir-riskju li tali sitwazzjonijiet jerġgħu jinqalgħu fil-futur.

10. L-Uffiċjal tal-Kontabilità kkonferma l-validità tas-sistemi permezz ta' nota f'Ġunju 2004.

11. Minn April ta' l-2004, l-applikazzjonijiet jinħażnu f'*database* kompjuterizzata, fejn jiġi rreġistrati jekk il-kandidati jissodisfawx il-kriterji ta' eliġibilità. Kandidati eliġibbli huma mbagħad valutati indipendentement minn kull wieħed mill-membri tal-kumitat ta' selezzjoni, kontra kriterji definiti minn qabel. Il-Lista tal-kandidati li għandhom jiġu intervistati hija riżultat tal-punteġġ medju ta' dawn il-valutazzjonijiet indipendenti. Barra minn hekk il-prestazzjoni tal-kandidati intervistati tingħata punteġġ indipendenti minn kull membru tal-kumitat ta' selezzjoni, kontra kriterji definiti minn qabel. Dokumentazzjoni iktar sistematika u komprensiva tal-passi kollha tinżamm fil-fajl.

# RAPPORT

## dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji tal-Fondazzjoni Ewropea għal Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2003 flimkien mar-risposti tal-Fondazzjoni

### WERREJ


| | *Paragrafu* | *Paġna* |
|---|---|---|
| INTRODUZZJONI | 1 | 76 |
| L-OPINJONI TAL-QORTI | 2-5 | 76 |
| OSSERVAZZJONIJIET | 6-12 | 76 |
| Tabelli 1 sa 4 | | 78 |
| **Ir-risposti tal-Fondazzjoni** | | 82 |

**INTRODUZZJONI**

1. Il-Fondazzjoni Ewropea għal Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol (minn hawn 'il quddiem imsejjħa "l-Fondazzjoni") kienet imwaqqfa mir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1365/75 tas-26 ta' Mejju 1975 (1). L-għan tagħha huwa li tikkontribwixxi għall-ippjanar u t-twaqqif ta' kondizzjonijiet għal ħajja u xogħol aħjar fl-Unjoni Ewropea billi iżżid u xxerred għarfien li huwa relevanti għal dan is-suġġett. *Tabella 1* tiġbor fil-qosor il-poteri u l-attivitajiet tal-Fondazzjoni skond l-informazzjoni mogħtija minnha.

**L-OPINJONI TAL-QORTI**

2. Dan ir-rapport huwa indirizzat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, skond l-Artikolu 185(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (2).

3. Il-Qorti eżaminat il-kontijiet annwali tal-Fondazzjoni għas-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2003. Skond l-Artikolu 16 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1365/75, il-baġit ġie implimentat taħt ir-responsabbiltà tad-Direttur tal-Fondazzjoni. Din ir-responsabbiltà tinkludi l-abbozzar u l-preżentazzjoni tal-kontijiet (3), skond id-dispożizzjonijiet finanzjarji interni fuq il-bażi ta' l-Artikolu 16 tar-Regolament tal-Kunsill. Il-Qorti hija meħtieġa li teżamina dawn il-kontijiet tal-Fondazzjoni skond l-Artikolu 248 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.

4. Il-Qorti wettqet il-verifika skond il-politika tal-verifika u istandards tagħha, li huma adottati minn standards internazzjonali sabiex jirriflettu l-kuntest tal-Komunità. Hija eżaminat id-dokumenti tal-kontabilità u applikat il-proċeduri tal-verifika li kkunsidrat neċessarji f'dan il-kuntest.

5. Għaldaqstant il-Qorti kisbet assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet annwali għas-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2003 huma dipendibblita' u li l-operazzjonijiet ta' warajhom, fit-totalità tagħhom, huma legali u regolari. Il-kontenut ta' dawn l-osservazzjonijiet ma jmorrux kontra l-opinjoni tal-Qorti espressa f'dan ir-rapport.

(1) ĠU L 139, tat-30.5.1975, p. 1.

(2) ĠU L 248, tas-16.9.2002, p. 1.

(3) Skond l-Artikolu 83(3) tar-Regolament Finanzjarju tal-Fondazzjoni, il-kontijiet finali għas-sena finanzjarja 2003 kienu mlestija fit-3 ta' Settembru 2004 u mibgħuta lill-Qorti ta' l-Awdituri, li rċeviethom fl-24 ta' Settembru 2004. Verżjoni mqassra ta' dawn il-kontijiet hija ppreżentata fit-tabelli annessi ma' dan ir-rapport.

**OSSERVAZZJONIJIET**

6. *Tabella 2* turi l-implimentazzjoni ta' approprjazzjonijiet għas-sena finanzjarja 2003 u l-approprjazzjonijiet trasferiti mis-sena finanzjarja ta' qabel. Il-kont ta' dħul u nefqa u l-karta ta' bilanċ tal-Fondazzjoni għas-sena finanzjarja 2003 huma miġburin fil-qosor fit-*Tabelli 3 u 4*.

7. Il-Fondazzjoni ffirmat ftehim mal-Kummissjoni fil-kuntest tal-programm PHARE. Taħt dan il-ftehim, il-Fondazzjoni rċeviet allokazzjoni ta' miljun euro, li minnhom 639 000 euro kienu riċevuti fl-2003. Dawn il-fondi kienu ġestiti barra mill-baġit. L-emenda tal-baġit kellha tiġi abbozzata.

8. Il-kontijiet ta' dħul u nefqa juru telf li kien akkumulat matul diversi snin finanzjarji u li l-Fondazzjoni staqsiet lill-Kummissjoni biex tirrimborżah. Il-Kummissjoni kkunsidrat il-ħlas korrespondenti bħala parti mis-sussidju għas-sena finanzjarja 2003, li jfisser li t-telf għadu ma kienx kopert. Taħt id-dispożizzjonijiet il-ġodda tar-Regolament Finanzjarju tal-Fondazzjoni, jekk il-bilanċ tal-kont ta' kwantita' maħduma għal sena partikolari huwa negattiv, baġit li jemenda (4) għandu jkun abbozzat għas-sena ta' wara.

9. Ir-Regolament Finanzjarju l-ġdid tal-Fondazzjoni u r-regoli ta' implimentazzjoni tiegħu kienu adottati mill-Bord ta' Tmexxija fit-28 ta' Marzu 2003. Dawn ir-regoli (5) jipprovdu għall-introduzzjoni ta' sistema ġdida ta' kontroll intern (inkluża l-verifika interna), li ma kienitx iffinalizzata sal-bidu tas-sena 2004.

10. L-artikolu 43(1)(e) tar-Regolament Finanzjarju tal-Fondazzjoni jgħid li l-uffiċjal ta' kontabilità għandu jivvalida s-sistemi stabbiliti mill-uffiċjal ta' awtorità sabiex jipprovdi jew jiġġustifika informazzjoni ta' kontabiltà. Din il-validazzjoni ma saritx matul is-sena finanzjarja.

11. Skond ir-regolament ta' bażi abbozzat fl-1975, l-għan prinċipali tal-Fondazzjoni huwa li tikkontribwixxi għat-twaqqif ta' kondizzjonijiet għal ħajja u xogħol aħjar billi żżid u xxerred għarfien li huwa relevanti għal dan is-suġġett. B'mod partikolari, il-Fondazzjoni hija meħtieġa li tindirizza l-oqsma li ġejjin: il-bniedem meta jkun fuq ix-xogħol, l-organizzazzjoni tax-xogħol, problemi li jirrigwardaw ċerti kategoriji ta' ħaddiema, aspetti fit-tul dwar it-titjib ta' l-ambjent u tqassim ta' attivitajiet umani fl-ispazju u fiż-żmien. Ċerti aspetti ta' dawn is-suġġetti kienu fil-prattika trattati minn Aġenziji oħra li kienu mwaqqfa minn dak iż-żmien (l-Aġenzija Ewropea ta' l-Ambjent, l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol). Minn naħa l-oħra, il-Fondazzjoni żviluppat l-analiżi ta' aspetti oħra, aktar speċifiċi, bħal relazzjonijiet industrijali.

(4) Artikolu 16 tar-Regolament Finanzjarju l-ġdid.

(5) Artikolu 38 tar-Regolament Finanzjarju tal-Fondazzjoni l-ġdid.

12. L-attivitajiet tal-Fondazzjoni huma amministrati minn programmi kontinwi ta' erba' snin, l-aktar wieħed riċenti jkopri l-perijodu 2001-2004. Filwaqt li l-għan prinċipali tal-programm l-aktar riċenti kien li jikseb konċentrazzjoni akbar fuq ċerti oqsma prinċipali, fl-2002 il-Fondazzjoni żiedet qasam ieħor mat-tlieta li kienu diġa' magħżula. L-ippjanar tal-programm ta' xogħol tal-Fondazzjoni għandu jkun revedut b' konsultazzjoni ma' Aġenziji oħra li jieħdu ħsieb suġġetti relatati mal-qasam ta' attività tagħhom sabiex jiżguraw li l-prijoritajiet bażiċi huma koperti tajjeb, biex jiżviluppaw il-possibilità ta' sinerġiji u biex jevitaw li xogħol li sar diġa ma jerġax jiġi repetut. Ir-reviżjoni tar-regolament ta' bażi tal-Fondazzjoni li kienet proposta mill-Kummissjoni għandha tkun l-okkazzjoni biex tagħti lok għal dan.

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Qorti ta' l-Awdituri fil-laqgħat tagħha tad-29 u tat-30 ta' Settembru 2004.

*Għall-Qorti ta' l-Awdituri*
Juan Manuel FABRA VALLÉS
*President*

*Tabella 1*

**Fondazzjoni Ewropea għal Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol (Dublin)**

| Oqsma ta' kompetenza Komunitarja skond it-Trattat | Il-kompetenzi tal-Fondazzjoni kif definiti mir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1365/75 tas-26 ta' Mejju 1975 | | Awtorità | Riżorsi disponibbli għall-Fondazzjoni (*informazzjoni għall-2002*) | Prodotti u servizzi |
|---|---|---|---|---|---|
| "Il-Komunita' u l-Pajjiżi Membri (…) għandu jkollhom bħala l-mira tagħhom (…) kundizzjonijiet ta' ħajja u xogħol aħjar, sabiex tkun possibbli l-armonizzazzjoni tagħhom filwaqt li t-titjib qed jiġi miżmum (…). Komunita' għandha ssostni u tikkomplementa l-attivitajiet ta' l-Istati Membri f'dawn l-oqsma: b) il-kondizzjonijiet tax-xogħol; ċ) sigurtà soċjali u l-protezzjoni soċjali tal-ħaddiema; d) protezzjoni tal-ħaddiema meta l-kuntratt ta' xogħol jiġi terminat; e) l-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-ħaddiema; f) rappreżentazzjoni u difiża kollettiva ta' l-interessi tal-ħaddiema u ta' min iħaddem inkluża l-kodeterminazzjoni;ġ) kondizzjonijiet ta' xogħol għall-persuni minn pajjiżi terzi; g)l-integrazzjoni ta' persuni esklużi mis-suq ta' l-impieg, mingħajr preġudizzju; h)l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa."<br>*(Estratti mill-Artikoli 136 u 137 tat-Trattat)* | **Miri**<br>L-għan tal-Fondazzjoni għandu jkun li tikkontribwixxi għat-twaqqif ta' ħajja u kondizzjonijiet ta' xogħol aħjar permezz ta' azzjoni maħsuba biex iżżid u xxerred għarfien li huwa relevanti għal dan is-suġġett. B'mod partikolari, hija meħtieġa li tikkunsidra l-oqsma li ġejjin:<br>— il-bniedem meta jkun fuq ix-xogħol,<br>— l-organizzazzjoni tax-xogħol u partikolarment id-disinn ta' l-impjieg,<br>— problemi li jirrigwardaw ċerti kategoriji ta' ħaddiema,<br>— aspetti fit-tul dwar it-titjib ta' l-ambjent,<br>— tqassim ta' attivitajiet umani fl-ispazju u fiż-żmien. | **Kompiti**<br>— Biex issaħħaħ l-iskambju ta' informazzjoni u esperjenza f'dawn l-oqsma;<br>— Tiffaċilita l-kuntatt bejn l-universitajiet, l-istituzzjonijiet ta' studju u riċerka, organizzazzjonijiet u amministrazzjonijiet soċjali u ekonomiċi u li tinkoraġġixxi azzjoni tagħhom ilkoll flimkien,<br>— Twettaq studji jew tikkonkludi kuntratti ta' studju u tipprovdi assistenza għall-proġetti piloti<br>— Tikkopera mill-qrib kemm jista' jkun ma' istituzzjonijiet speċjalizzati. | 1 **Bord Amminstrattiv**<br>— minn kull Pajjiż Membru: rappreżentant wieħed tal-Gvern, rappreżentant wieħed minn organizzazzjonijiet ta' min iħaddem, u rappreżentant wieħed minn organizzazzjonijiet tal-ħaddiema,<br>— 3 rappreżentanti mill-Kummissjoni.<br>2 **Direttur**<br>— maħtur mill-Kummissjoni minn lista ta' kandidati mogħtija mill-Bord Amministrattiv, huwa jimplimenta d-deċiżjonijiet tal-Bord Amministrattiv u jmexxi l-Fondazzjoni.<br>3 **Il-Kumitat ta' Esperti**<br>Huwa kompost minn 15-il membru maħtur mill-Kunsill fuq proposta mill-Kummissjoni, jagħti opinjonijiet b'mod partikolari fuq il-programm ta' ħidma<br>4 **Verifika esterna:**<br>Il-Qorti ta' l-Awdituri<br>5 **L-approvazzjoni**<br>Hija mogħtija mill-Parlament fuq rakkomandazzjoni mill-Kunsill. | **Baġit Finali**<br>16,8 miljun euro (*17,39 miljun euro*) inklużi l-kontribuzzjonijiet tal-Komunità: 98,2 % (*98,3%*)<br>**Numru tal-persunal fil-31 ta' Diċembru 2003:**<br>88 (*88*) karigi fil-pjan ta' twaqqif<br>Karigi okkupati: 76 (*77*)<br>+ 16 (*20*) karigi oħra (kuntratti awżiljarji, esperti nazzjonali sekondati, persunal lokali, persunal ta' l-aġenzija ta' mpjieg)<br>*Persunal totali*: 92 (*97*)<br>Assenjat id-dmirijiet li ġejjin:<br>— operattivi: 60 (*61*)<br>— amministrattivi: 28 (*32*)<br>— varji: 4 (*4*) | **Kondizzjonijiet tal-ħajja**<br>— Stħarriġ fuq il-kwalità ta' ħajja fl-Ewropa (28 pajjiż kopert, 26 000 intervista);<br>— Manteniment u estensjoni ta' bażi ta' informazzjoni komparattiva (Pajjiżi Membri u pajjiżi kandidati);<br>— Studju fuq l-impjieg fis-servizzi ta' kura tas-saħħa;<br>— Studju relatat ma' organizzazzjoni ta' żmien fuq il-ħajja tax-xogħol.<br>**Kondizzjonijiet tax-xogħol**<br>— Rapport fuq il-kondizzjonijiet ta' xogħol fil-pajjiżi ta' adeżjoni u kandidati;<br>— Ħolqien ta' *network* ta' esperti għall-Osservatorju Ewropew tal-Kondizzjonijiet ta' Xogħol il-ġdid (EWCO);<br>— Studji relatati ma' lukandi u forniment u setturi ta' trasport tat-toroq;<br>— Inventorju ta' stħarriġ eżistenti ta' kondizzjonijiet ta' ħajja u xogħol.<br>**Relazzjonijiet industrijali**<br>— Żvilupp ta' indikaturi fil-qasam ta' parteċipazzjoni finanzjarja;<br>— Studju relatat ma' l-emigrazzjoni u impjieg;<br>— Espansjoni ta' *network* ta' l-"Osservatorju Ewropew tar-Relazzjonijiet Industrijali" (EIRO);<br>— Rapport konġunt mal-Kummissjoni: "Żvilupp tar-relazzjonijiet industrijali fl-2002";<br>— Studji prattiċi tal-Kumitati tal-Kumpanija Ewropea f' 37 kumpanija multinazzjonali.<br>**Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ fuq Bidla (EMCC)**<br>— Żvilupp ta' pubblikazzjonijiet elettroniċi;<br>— Organizzazzjoni ta' erba' seminarji u żewġ gruppi ta' xogħol.<br>**Proġetti Transversali**<br>— Rapport fuq ir-responsabbiltà soċjali korporattiva (CSR).<br>**Informazzjoni u komunikazzjoni**<br>— Attivitajiet ta' komunikazzjoni fil-Pajjiżi Membri u fil-pajjiżi kandidati;<br>— Twaqqif ta' seba' ċentri nazzjonali ta' kooperazzjoni;<br>— 91 pubblikazzjonit (din il-figura ma tinkludiex traduzzjonijiet). |

*Sors:* Informazzjoni mogħtija mill-Fondazzjoni.

*Tabella 2*

**Fondazzjoni Ewropea għal Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol — Implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2003**

*(miljun euro)*

| Dhul | | | Nefqa | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Sors tad-dħul | Dħul reġistrat fil-baġit finali għas-sena finanzjarja | Dħul miġbur | Allokazzjoni tan-nefqa | Approprjazzjonijiet fil-baġit finali | | | | | Approprjazzjonijiet trasferiti mis-sena finanzjarja ta' qabel | | | Approprjazzjonijiet disponibbli (approprjazzjonijiet għas-sena finanzjarja kurrenti u approprjazzjonijiet trasferiti mis-sena finanzjarja ta' qabel) | | | | |
| | | | | reġis-trati | impen-jati | imħallsa | trasfe-riti | kan-ċellati | impenji pen-denti | imħallsa | kan-ċellati | Appro-prjazz-jonijiet | impen-jati | mħallsa | trasfe-riti | kanċellati |
| Sussidji Komunitarji | 16,5 | 17,1 | Titolu I Persunal | 9,0 | 9,0 | 8,9 | 0,1 | 0,0 | 0,2 | 0,2 | 0,0 | 9,2 | 9,2 | 9,1 | 0,1 | 0,0 |
| Sussidji Oħra | — | — | Titolu II Amministrazzjoni | 1,2 | 1,2 | 1,0 | 0,2 | 0,0 | 0,7 | 0,7 | 0,0 | 1,9 | 1,9 | 1,7 | 0,2 | 0,0 |
| Dħul iehor | 0,3 | 0,1 | Titolu III Attivitajiet Operattivi | 6,6 | 6,6 | 3,8 | 2,8 | 0,0 | 3,1 | 3,0 | 0,1 | 9,7 | 9,7 | 6,8 | 2,8 | 0,1 |
| **Total** | 16,8 | 17,2 | **Total** | 16,8 | 16,8 | 13,7 | 3,1 | 0,0 | 4,0 | 3,9 | 0,1 | 20,8 | 20,8 | 17,6 | 3,1 | 0,1 |

*Sors:* L-informazzjoni tal-Fondazzjoni. Din it-tabella tiġbor fil-qosor l-informazzjoni provduta mill-Fondazzjoni mid-dikjarazzjonijiet finanzjarji tagħha.

*Tabella 3*

**Fondazzjoni Ewropea għal Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol — Il-kontijiet tad-dħul u n-nefqa għas-snin finanzjarji 2003 u 2002**

*(1 000 euro)*

| | 2003 | 2002 |
|---|---|---|
| **Dħul** | | |
| Sussidji tal-Kummissjoni | 17 090 | 16 500 |
| Dħul varju | 47 | 62 |
| Dħul finanzjarju | 35 | 57 |
| **Dħul totali (a)** | **17 172** | **16 619** |
| **Nefqa** | | |
| *Persunal — Titolu I tal-baġit* | | |
| Ħlasijiet | 8 927 | 9 111 |
| Approprjazzjonijiet trasferiti | 109 | 216 |
| *Amministrazzjoni — Titolu II tal-baġit* | | |
| Ħlasijiet | 968 | 938 |
| Approprjazzjonijiet trasferiti | 224 | 683 |
| *Attivitajiet ta' xogħol — Titolu III tal-baġit* | | |
| Ħlasijiet | 3 733 | 3 290 |
| Approprjazzjonijiet trasferiti | 2 817 | 3 105 |
| **Nefqa totali (b)** | **16 778** | **17 343** |
| **Kwantita' maħduma għas-sena finanzjarja (a – b)** | **394** | **– 724** |
| Bilanċ trasferit mis-sena finanzjarja ta' qabel | – 1 836 | – 1 209 |
| Approprjazzjonijiet trasferiti u kanċellati | 118 | 81 |
| Ammonti mis-sena finanzjarja ta' qabel għal użu mill-ġdid u mhux użati | 19 | 13 |
| PHARE | 639 | 0 |
| Dħul li jrid jinġabar PHARE | 361 | 0 |
| Nefqa PHARE | – 1 000 | 0 |
| **Differenzi fir-rata ta' kambju** | **9** | **3** |
| **Bilanċ għas-sena finanzjarja** | **– 1 296** | **– 1 836** |

*Sors:* L-informazzjoni tal-Fondazzjoni. Din it-tabella tiġbor fil-qosor l-informazzjoni provduta mill-Fondazzjoni fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji tagħha.

*Tabella 4*

**Fondazzjoni Ewropea għal Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol — Karta ta' bilanċ fil-31 ta' Diċembru 2003 u fil-31 ta' Diċembru 2002**

*(1 000 euro)*

| Assi | 2003 | 2002 | Dejn | 2003 | 2002 |
|---|---|---|---|---|---|
| **Assi fissi** ([1]) | | | **Kapital fiss** | | |
| Assi fissi intanġibbli | 27 | 31 | Kapital proprju | 4 389 | 4 294 |
| Bini ([2]) | 15 682 | 3 826 | Riserva ta' rivalutazzjoni | 12 094 | 0 |
| Għamara u materjal ta' trasportazzjoni ta' vetturi | 142 | 139 | Bilanċ għas-sena finanzjarja | – 1 296 | – 1 836 |
| Tagħmir ta' kompjuter | 107 | 149 | *Subtotal* | *15 187* | *2 458* |
| Tagħmir tekniku u ieħor | 518 | 105 | **Dejn kurrenti** | | |
| Assi fissi taht kostruzzjoni | 0 | 31 | Trasferimenti awtomatiċi ta' l-approprjazzjonijiet | 3 150 | 3 940 |
| *Subtotal* | *16 476* | *4 281* | Trasferimenti mhux awtomatiċi ta' l-approprjazzjonijiet | 0 | 64 |
| **Ishma** | | | Dejn PHARE | 329 | 0 |
| Provvisti għall-uffiċċju | 7 | 13 | Tnaqqis mis-salarju | 0 | 139 |
| *Subtotal* | *7* | *13* | *Subtotal* | *3 479* | *4 143* |
| **Assi kurrenti** | | | **Kontijiet transitorji** | | |
| Kummissjoni riċevibbli PHARE | 361 | 0 | Ammonti għall-użu mill-ġdid | 22 | 150 |
| Avvanzi | 2 | 11 | Dħul differit | 2 | 1 840 |
| VAT rekuperabbli | 281 | 274 | Ħlasijiet li qed isiru | 0 | 30 |
| Ordnijiet ta' rkupru li jridu jinġabru | 5 | 1 840 | *Subtotal* | *24* | *2 020* |
| Kontijiet varji riċevibbli | 41 | 13 | | | |
| *Subtotal* | *690* | *2 138* | | | |
| **Kontijiet ta' flus** | | | | | |
| Banek | 1 331 | 1 960 | | | |
| Flus | 3 | 1 | | | |
| Kont *imprest* | 183 | 228 | | | |
| *Subtotal* | *1 517* | *2 189* | | | |
| **Total** | **18 690** | **8 621** | **Total** | **18 690** | **8 621** |

([1]) Il-valur nett ta' l-assi fissi huwa muri. L-informazzjoni għall-2002 ġiet proċessata mill-ġdid għall-skopijiet ta' tqabbil.
([2]) Il-Fondazzjoni ddeċidiet li tirrivaluta l-assi fissi tagħha (12,1 miljun euro).
*Sors:* L-informazzjoni tal-Fondazzjoni. Din it-tabella tiġbor fil-qosor l-informazzjoni provduta mill-Fondazzjoni fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji tagħha.

**RISPOSTI TAL-FONDAZZJONI**

7. Il-Punt L-attività PHARE, minħabba l-fatt li ma kinitx koperta espliċitament mir-regolament ta' twaqqif tal-Fondazzjoni, ma kinitx meqjusa approprjata għal integrazzjoni fil-baġit tal-Fondazzjoni. Il-Fondazzjoni tieħu nota ta' l-osservazzjoni tal-Qorti u tinkludi l-finanzjament tal-PHARE fil-baġits tagħha fil-ġejjieni.

8. Il-Fondazzjoni hija f'kuntatt mas-servizzi tal-Kummissjoni sabiex tikkjarifika l-kwistjoni tad-defiċit akkumulat u t-trattament ta' defiċits jew eċċessi fil-ġejjieni.

9. Id-Disposizzjoni għall-funzjoni tal-kontroll intern kienet iffinalizzata bl-introduzzjoni ta' funzjoni ta' verifika finanzjarja u operazzjonali f'Novembru 2003. Din il-funzjoni u xogħol ieħor ta' kontroll huma mwettqa minn unità speċjalizzata. Il-funzjoni ta' verifika interna hija pprovduta mis-Servizz Intern ta' Verifika tal-Kummissjoni.

10. L-Uffiċjal ta' Kontabilità jiddependi fuq il-validazzjonijiet imwettqa mis-servizzi tal-Kummissjoni, li pprovdew is-sistemi ta' kontabilità użati mill-Fondazzjoni.

12. Fl-iżvilupp tal-programmi tagħha il-Fondazzjoni otteniet sinerġismi ma' aġenziji oħra bl-effett li kull waħda tittratta aspetti komplimentari f'kompetenzi tematiċi komuni sabiex jiġi evitat xogħol doppju. Dan ġie formalizzat f'dikjarazzjonijiet konġunti eż. ma' l-Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol f'Bilbao.

# RAPPORT

## dwar il-kontijiet annwali taċ-Ċentru Ewropew tal-Monitoraġġ għad-Drogi u Tossiku Dipendenza għas-sena finanzjarja 2003 flimkien mar-risposti taċ-Ċentru

WERREJ


| | *Paragrafu* | *Paġna* |
|---|---|---|
| INTRODUZZJONI | 1 | 84 |
| L-OPINJONI TAL-QORTI | 2-5 | 84 |
| OSSERVAZZJONIJIET | 6-11 | 84 |
| Tabelli 1 sa 4 | | 86 |
| **Ir-risposti taċ-Ċentru** | | 90 |

**INTRODUZZJONI**

1. Iċ-Ċentru Ewropew tal-Monitoraġġ għad-Drogi u Tossiku Dipendenza (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "iċ-Ċentru ta' Monitoraġġ") kien imwaqqaf mir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 302/93 tat-8 ta' Frar 1993 ([1]). L-għan prinċipali tiegħu huwa li jiġbor informazzjoni li għandha x'taqsam ma' drogi u tossiku dipendenti sabiex jipprepara u jippubblika informazzjoni li hija objettiva, dipendibbli u komparabbli fuq livell Ewropew. L-informazzjoni hija maħsuba biex tipprovdi bażi sabiex teżamina t-talba għad-drogi u l-modi kif titnaqqas din it-talba u kif ukoll jitnaqqsu l-avvenimenti relatati mas-suq tad-drogi in ġenerali. *Tabella 1* tiġbor fil-qosor il-kompetenzi u l-attivitajiet taċ-Ċentru ta' Monitoraġġ fuq il-bażi ta' informazzjoni mogħtija miċ-Ċentru stess.

**L-OPINJONI TAL-QORTI**

2. Din l-opinjoni hija indirizzata lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill, skond l-Artikolu 185(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ([2]).

3. Il-Qorti eżaminat il-kontijiet annwali taċ-Ċentru għas-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2003. Skond l-Artikolu 11 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE), Nru 302/93, il-baġit ġie implimentat taħt ir-responsabbiltà tad-Direttur. Din ir-responsabbiltà tinkludi l-abbozzar u l-preżentazzjoni tal-kontijiet ([3]), skond id-dispożizzjonijiet finanzjarji interni taħt l-istess artikolu. Il-Qorti hija meħtieġa li teżamina dawn il-kontijiet skond l-Artikolu 248 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.

4. Il-Qorti wettqet il-verifika skond il-politika tal-verifiki u l-istandards tagħha, li huma adottati minn standards internazzjonali sabiex jirriflettu l-kuntest tal-Komunità. Hija eżaminat id-dokumenti tal-kontabilità u applikat il-proċeduri tal-verifika li kkunsidrat neċessarji f'dan il-kuntest.

([1]) ĠU L 36, tat-12.2.1993. Dan ir-Regolament kien emendat bir-Regolament (KE) Nru 3294/94 tat-22 ta' Diċembru 1994 (ĠU L 341, tat-30.12.1994, p. 7) u r-Regolament (KE) Nru 1651/2003 tat-18 ta' Ġunju 2003 (ĠU L 245, tad-29.9.2003).

([2]) ĠU L 248, tas-16.9.2002, p. 1.

([3]) Skond fl-Artikolu 82 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2343/2002, il-kontijiet finali, taċ-Ċentru għas-sena finanzjarja kienu mlestija fil-15 ta' Settembru 2004 u mibgħuta lill-Qorti ta' l-Awdituri, li rċeviethom fil-21 ta' Settembru 2004. Verżjoni mqassra tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji hija ppreżentata fit-tabelli annessi ma' dan ir-rapport.

5. Għaldaqstant il-Qorti kisbet assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet annwali għas-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2003 huma dipendibbli u li l-operazzjonijiet ta' warajhom huma, fit-totalità tagħhom, legali u regolari. Il-kontenut ta' l-osservazzjonijiet li ġejjin ma jmorrux kontra l-opinjoni tal-Qorti espressa f'dan ir-rapport.

**OSSERVAZZJONIJIET**

6. L-implimentazzjoni ta' l-approprjazzjonijiet għas-sena finanzjarja 2003 u l-approprjazzjonijiet trasferiti mis-sena finanzjarja ta' qabel jidhru fit-*Tabella 2*. Il-kont tad-dħul u nefqa u l-karta ta' bilanċ taċ-Ċentru ta' Monitoraġġ għas-sena finanzjarja huma preżentati fil-qosor fit-*Tabelli 3 u 4*.

7. Id-doveri ta' l-Uffiċjal ta' Awtorizzazzjoni għall-parti l-kbira tal-baġit taċ-Ċentru ta' Monitoraġġ (Titolu I u II) u tal-Kontrollur *ex ante* għall-baġit kollu huma mwettqa minn persuna waħda, li jwettaq ukoll id-doveri ta' Kap ta' l-Amministrazzjoni u ta' Kontroll ta' Kwalita'. Din l-għaqda ta' responsabbiltajiet ixxekkel b'mod sinifikanti l-kontroll intern, li hija bbażata partikolarment fuq il-prinċipju tas-separazzjoni ta' doveri.

8. Wara l-adozzjoni tar-Regolament Finanzjarju l-ġdid tiegħu ([4]), iċ-Ċentru ta' Monitoraġġ ħareġ istruzzjonijiet minn ġewwa għall-verifikazzjoni ta' impenji, ħlasijiet u rkupri. Madanakollu, il-fajls ma fihomx dokumenti li jippermettu lill-Uffiċjal ta' Awtorizzazzjoni li jikseb assigurazzjoni li dawn l-istruzzjonijiet kollha kienu fil-verita' ġew segwiti.

9. L-Artikolu 42(1)(e) tar-Regolament Finanzjarju taċ-Ċentru ta' Monitoraġġ jgħid li l-Uffiċjal ta' Kontabilita' għandu jivvalida s-sistemi mniżżla mill-Uffiċjal ta' Awtorizzazzjoni u maħsuba biex jipprovdu jew jissostanzjaw informazzjoni ta' kontabilita'. Din il-validazzjoni għadha ma saritx sa l-aħħar tas-sena finanzjarja 2003.

10. Taħt il-programm ta' xogħol annwali tiegħu, iċ-Ċentru ta' Monitoraġġ jikkonkludi kuntratti ma' ċentri nazzjonali. Id-data ta' skadenza għat-twettiq ta' dawn il-kuntratti hija ffissata għall-31 ta' Diċembru. Il-kuntratti għall-programm 2003 (1,5 miljun euro fit-total) ma kienux iffirmati sa Lulju 2003. F'Mejju 2003, ma kienu għandhom saru l-ebda ħlasijiet finali fir-rigward ta' xogħol pjanifikat u l-ebda klawsoli addizzjonali li jestendu t-tul tal-kuntratti ma kienu ffirmati. Barra minn dan, il-programm ta' kuntratti ta' l-2004 kien diġa' konkluż. Fir-rigward ta' tiġdid ta' dawn it-tipi ta' kuntratt, konsiderazzjoni meħtieġa għandha tingħata għall-progress veru miksub fix-xogħol mitlub mis-sena ta' qabel u għal valutazzjoni tal-kwalita' tiegħu.

11. Fir-risposta tiegħu ([5]) għar-rapport annwali tal-Qorti dwar is-sena finanzjarja 2002, iċ-Ċentru ta' Monitoraġġ qal li inventarju fiżiku kellu jitwettaq sa l-aħħar tas-sena 2003. Dan għadu ma sarx sa l-aħħar ta' l-ewwel kwart tas-sena 2004. Barra minn dan, m'hemm l-ebda dokument li jiddefinixxi b'mod ċar ir-responsabbiltajiet u l-proċeduri rigward l-inventarju.

([4]) Adottat mill-Bord ta' Tmexxija fil-laqgħa tal-15 sas-17 ta' Jannar 2003.

([5]) ĠU Ċ 319, tat-30.12.2003, p. 68, paragrafu 11.

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Qorti ta' l-Awdituri fil-laqgħat tagħha tad-29 u tat-30 ta' Settembru 2004.

*Għall-Qorti ta'l-Awdituri*
Juan Manuel FABRA VALLÉS
*President*

*Tabella 1*

**Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ għad-Droga u Tossiku Dipendenti (Lisbona)**

<table>
<tr><th>Oqsma ta' komptenza Komunitarja skond it-Trattat</th><th colspan="2">Il-kompetenzi taċ-Ċentru ta' Monitoraġġ kif definiti mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru302/93</th><th>Awtorità</th><th>Riżorsi disponibbli għaċ-Ċentru ta' Monitoraġġ fl-2003 (informazzjoni 2002)</th><th>Prodotti u servizzi mogħtija fl-2003</th></tr>
<tr>
<td>Il-Komunità għandha tikkumplimenta l-azzjonijiet ta' l-Istati Membri fit-tnaqqis ta' ħsara għas-saħħa li tkun marbuta mad-drogi, inkluża l-informazzjoni u l-prevenzjoni.<br><br>(Artikolu 152 tat-Trattat)</td>
<td>Miri<br><br>Biex jipprovdi l-Unjoni Ewropea u l-Pajjiżi Membri tagħha b'informazzjoni dipendibbli fil-livell Ewropew dwar drogi u Tossiku dipendenza fuq drogi u l-konsegwenzi tagħhom.<br><br>Iċ-Ċentru ta' Monitoraġġ għandu jagħti prijorità biex janalizza s-segwenti:<br><br>(1) it-talba u t-tnaqqis tat-talba għad-drogi;<br><br>(2) strateġiji nazzjonali u komunitarji u politiki;<br><br>(3) kooperazzjoni internazzjonali u l-għotja tal-geopolitics;<br><br>(4) kontroll tas-suq fin-narkotiċi, sustanzi psikotropiċi u prikursuri tad-droga;<br><br>(5) l-implikazzjonijiet ta' l-użu tad-droga għall-produttur, konsumatur u pajjiżi ta' tranżitu, inkluż il-ħasil ta' flus.</td>
<td>Kompiti<br><br>(1) Biex jiġbor u janalizza l-informazzjoni<br><br>(2) Biex jagħmel stħarriġ u jwettawq azzjonijiet preparatorji<br><br>(3) Biex jiżgura l-informazzjoni fil-livell Ewropew hija aktar dipendibbli<br><br>(4) Biex jippubblika informazzjoni dipendibbli<br><br>(5) Biex itejjeb il-koordinazzjoni bejn l-azzjonijiet nazzjonali u Komunitarji<br><br>(6) Biex jippromwovi l-inkorporazzjoni ta' informazzjoni relatata ma' drugi fil-programmi internazzjonali</td>
<td>1 Il-Bord ta' Tmexxija<br><br>fih rappreżentant wieħed minn kull Pajjiż Membru, żewġ rappreżentanti mill-Kummissjoni u żewġ xjenzjati kwalifikati maħturin mill-Parlament Ewropew. Huwa japprova l-programm ta' xogħol u r-rapport annwali ġenerali u jadotta l-badġit.<br><br>2 Direttur:<br><br>maħtur mill-Bord ta' Tmexxija fuq proposta tal-Kummissjoni.<br><br>3 Kumitat xjentifiku:<br><br>jagħti opinjonijiet. Huwa magħmul minn rappreżentant wieħed minn kull Pajjiż Membru. Il-Bord ta' Tmexxija jista' jaħtar massimu ta' sitt membri oħra fuq il-bażi tal-kwalifikazzjonijiet speċifiċi tagħhom.<br><br>4 Verifika esterna:<br><br>Qorti ta' l-Awdituri.<br><br>5 L-Approvazzjoni:<br><br>Parlament Ewropew fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill.</td>
<td>Baġit:<br><br>10,45 miljun euro (10,36 miljun euro), Sussidji komunitarji: 89 % (87 %)<br><br>Numru tal-persunal fil-31 ta' Diċembru 2003:<br><br>Numru ta' karigi fil-pjan ta' twaqqif: 63 (59)<br><br>Karigi okkupati: 54 (57)<br><br>+ 18 (16) persunal ieħor (kuntratti awżiljarji, esperti nazzjonali sekonati, persunal impjegat minn aġenzija)<br><br>Total tal-persunal: 72 (73)<br><br>assenjati għad-doveri segwenti:<br><br>operattivi: 46,5 (46)<br><br>amministrattivi: 18 (19)<br><br>varji: 7,5 (8)</td>
<td>Network<br><br>Iċ-Ċentru ta' Monitoraġġ imexxi network kompjuterizzat għall-ġbir u skambju ta' informazzjoni msejjaħ "Network" Ewropea ta' Informazzjoni dwar id-Drogi u Tossiku Dipendenza (Reitox), din in-network tgħaqqad in-networks nazzjonali dwar l-informazzjoni fuq id-drogi, iċ-ċentri speċjalizzati fil-Pajjiżi Membri u s-sistemi ta' informazzjoni ta' organizzazzjonijiet internazzjonali li jaħdmu maċ-Ċentru ta' Monitoraġġ.<br><br>Pubblikazzjonijiet:<br><br>Rapport annwali dwar l-istat tal-problema tad-droga fl-Unjoni Ewropea<br><br>Rapport ġenerali dwar l-attivitajiet (annwalil)<br><br>Ittra informali li toħroġ darbtjen fix-xahar (Drugnet Europe)<br><br>Aġġornamenti darbtejn fix-xahar (Drugs in focus).</td>
</tr>
</table>

*Sors:* Informazzjoni mogħtija miċ-Ċentru ta' Monitoraġġ.

*Tabella 2*

**Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ għad-Drogi u Tossiku Dipendenza — Implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2003**

*(miljun euro)*

| Dhul | | | Nefqa | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Sors ta' dhul | Dhul reġistrat fil-baġit finali għas-sena finanzjarja | Dhul miġbur | Allokazzjoni ta' nefqa | Approprjazzjonijiet fil-baġit finali | | | | | Approprjazzjonijiet trasferiti mis-sena finanzjarja ta' qabel | | | Approprjazzjonijiet disponibbli (*baġit* 2003 u sena finanzjarja 2002) | | | | |
| | | | | reġistrati | impen-jati | imħallsa | trasferiti | kan-ċellati | impenji pendenti | imħallsa | kan-ċellati | appro-prjazz-jonijiet | impen-jati | imħallsa | trasferiti | kanċellati |
| Sussidji Komunitarji | 9,3 | 9,3 | Titolu I Persunal | 5,4 | 5,3 | 5,2 | 0,1 | 0,0 | 0,1 | 0,1 | 0,0 | 5,5 | 5,4 | 5,3 | 0,1 | 0,0 |
| Sussidji Phare | 0,5 | 0,3 | Titolu II Amministrazzjoni | 0,9 | 0,9 | 0,6 | 0,3 | 0,1 | 0,5 | 0,5 | 0,0 | 1,4 | 1,4 | 1,0 | 0,3 | 0,1 |
| Sussidji oħra | 0,4 | 0,4 | Titolu III Nefqa ta' xogħol | 4,0 | 4,0 | 2,3 | 1,7 | 0,0 | 1,0 | 0,8 | 0,2 | 5,0 | 5,0 | 3,1 | 1,7 | 0,2 |
| Dħul ieħor | 0,0 | 0,1 | | | | | | | | | | | | | | |
| **Total** | 10,2 | 10,1 | **Total** | 10,2 | 10,2 | 8,1 | 2,0 | 0,1 | 1,6 | 1,4 | 0,2 | 11,8 | 11,8 | 9,5 | 2,0 | 0,3 |

*NB:* Differenzi fit-totali huma kawża ta' l-effetti taż-żieda sa l-eqreb numru sħiħ.

*Sors:* Informazzjoni miċ-Ċentru ta' Monitoraġġ. Dawn it-tabelli jiġbru fil-qosor l-informazzjoni mogħtija miċ-Ċentru ta' Monitoraġġ fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji tiegħu.

*Tabella 3*

**Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ għad-Drogi u Tossiku Dipendenza — Kont tad-dħul u nefqa għas-snin finanzjarji 2003 u 2002**

*(1 000 euro)*

| | 2003 | 2002 |
|---|---|---|
| **Dħul** | | |
| Sussidji Komunitarji | 9 300 | 9 000 |
| Sussidji minn Norveġja | 421 | 413 |
| Sussidji Phare | 334 | 735 |
| Dħul ieħor | 67 | 133 |
| **Dħul totali (a)** | **10 122** | **10 280** |
| **Nefqa** | | |
| *Persunal — Titolu I tal-baġit* | | |
| Ħlasijiet | 5 240 | 4 951 |
| Approprjazzjonijiet trasferiti | 88 | 80 |
| *Amministrazzjoni — Titolu II tal-baġit* | | |
| Ħlasijiet | 558 | 632 |
| Approprjazzjonijiet trasferiti | 272 | 509 |
| *Nefqa ta' xogħol — Titolu III tal-baġit* | | |
| Ħlasijiet | 2 281 | 2 525 |
| Approprjazzjonijiet trasferiti | 1 679 | 1 001 |
| **Nefqa totali (b)** | **10 117** | **9 698** |
| **Kwantita' maħduma għas-sena finanzjarja (a – b)** | **5** | **582** |
| Bilanċ trasferit mis-sena finanzjarja ta' qabel | 1 626 | 639 |
| Approprjazzjonijiet trasferiti u kanċellati | 221 | 392 |
| Ammonti għall-użu mill-ġdid mis-sena finanzjarja ta' qabel mhux użati | 21 | 9 |
| Rifużjonijiet lill-Kummissjoni | – 1 584 | — |
| Differenzi fir-rata ta' kambju | 6 | 3 |
| **Bilanċ għas-sena finanzjarja** | **295** | **1 626** |

*NB:* It-totali jistgħu jinkludu differenza minħabba żieda sa l-eqreb numru sħiħ.
*Sors:* Informazzjoni miċ-Ċentru ta' Monitoraġġ.

*Tabella 4*

**Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ għad-Drogi u Tossiku Dipendenza — Karta ta' Bilanċ fil-31 ta' Diċembru 2003 u 31 ta' Diċembru 2002**

*(1 000 euro)*

| Assi | 2003 | 2002 | Dejn | 2003 | 2002 |
|---|---|---|---|---|---|
| **Assi fissi** | | | **Kapital Fiss** | | |
| Assi fissi intanġibbli | 94 | 66 | Kapital proprju | 3 057 | 2 797 |
| Bini | 3 559 | 3 559 | Bilanċ għas-sena finanzjarja | 295 | 1 626 |
| Tagħmir u għamara | 157 | 152 | | | |
| Tagħmir tal-kompjuter | 659 | 785 | | | |
| Vetturi | 50 | 74 | | | |
| Deprezzament | – 1 496 | – 1 867 | *Subtotal* | *3 352* | *4 423* |
| | | | **Dejn Kurrenti** | | |
| *Subtotal* | *3 023* | *2 768* | Trasferimenti awtomatiċi | 1 815 | 1 377 |
| **Ishma** | **34** | **28** | Trasferimenti mhux awtomatiċi | — | 212 |
| | | | Trasferimenti Phare | 223 | — |
| **Assi kurrenti** | | | Kontijiet varji li jridu jitħallsu | 18 | 18 |
| VAT rekuperabbli | 94 | 84 | Ordnijiet ta' rkupru ([1]) | 55 | 101 |
| Kontijiet varji reċevibbli | 66 | 18 | | | |
| Avvanzi | 78 | — | | | |
| *Subtotal* | *238* | *101* | *Subtotal* | *2 111* | *1 709* |
| **Kontijiet ta' flus** | | | **Kontijiet transitorji** | | |
| Kontijiet bankarji | 2 291 | 3 474 | Ammonti għall-użu mill-ġdid | — | 265 |
| Kont *Imprest* | 0 | 4 | Dħul differit | 123 | 4 |
| | | | *Subtotal* | *123* | *269* |
| *Subtotal* | *2 291* | *3 478* | | | |
| **Kontijiet transitorji** | **0** | **24** | | | |
| **Total** | **5 586** | **6 400** | **Total** | **5 586** | **6 400** |

([1]) Ordnijiet ta' rkupru maħruġa, imma mhux miġbura diġa', li għadhom ma rriżultawx fir-reġistrar ta' approprjazzjonijiet għall-użu mill-ġdid.

*NB:* It-totali jistgħu jinkludu differenzi minħabba żieda sa l-eqreb numru.

*Sors:* Informazzjoni miċ-Ċentru ta' Monitoraġġ. Dawn it-tabelli jiġbru fil-qosor l-informazzjoni mogħtija miċ-Ċentru ta' Monitoraġġ fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji tiegħu.

## RISPOSTI TAĊ-ĊENTRU

7. It-taħlita tad-diversi risponsabiltajiet imsemmija mill-Qorti kienet fil-fatt waħda mill-konsegwenzi tat-tluq tal-Kap tas-Settur tal-Finanzi. Il-Kap ta' l-Amministrazzjoni kien obbligat li jieħu hu din il-posizzjoni għal perijodu transitorju sakemm ma l-Kap tas-Settur tal-Finanzi il-ġdid ma kienx ingħata l-kariga tiegħu fl-1 ta' Frar 2004. Din il-persuna li saret il-Kontrollur *ex ante* ma teżerċitax il-funzjoni ta' Ufiċċjal bil-poter li jagħti Awtorizazzjoni.

8. Skond il-provvedimenti finanzjarji applikabbli, l-istruzzjonijiet mogħtija fasslu d-diversi proċeduri ta' l-implimentazzjoni tal-baġit, il-persuni li qed jieħdu ħsieb ta' dawn il-proċeduri, id-dmirijiet u r-risponsabiltajiet tagħhom, inklużi dawk ta' verifikazzjoni. Il-fażijiet ta' proċedura ġew deskritti u materjalizzati permezz ta' formola għaċ-ċirkulazzjoni, għall-approvazzjoni minn għand dawk il-persuni risponsabbli mill-esekuzzjoni tagħhom, li barra minn hekk iridu wkoll fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, japprovaw dokumenti informatiċi qabel ma dawn jingħataw lill-Uffiċċjal li jagħti l-Awtorizazzjoni. Il-EMCDDA ħadet nota tal-kumment minn naħa tal-Qorti, u ppreparat xi listi ta' verifikazzjoni biex dawn jingħaqdu mal-fajls li għandhom x'jaqsmu ma' l-operazzjonijiet tal-baġit. u b'hekk hija tkun tista' wkoll tagħti rendikont aħjar tal-kontrolli li saru.

9. Il-validazzjoni ġiet mwettqa u mogħtija lill-Qorti fis-27.07.04.

10. Il-baġit ta' l-2003 allokat għall-attivitajiet tal-punti fokali nazzjonali tan-*network* REITOX kien is-suġġett ta' riserva parlamentari sa l-aħħar ta' April. Għalhekk il-firma tas-sussidji ma setgħetx issir qabel ħafna aktar tard fis-sena. Barra minn hekk, l-EMCDDA ħadet id-deċiżjoni li ma tagħmilx pagamenti bil-quddiem għas-sena 2004 sakemm ma jkunux analizzati u rregolati il-kontijiet għas-sena 2003. Fil-ġejjieni, waqt it-tiġdid tal-kuntratti, l-EMCDDA se tikkunsidra wkoll il-progress li jkun inkiseb fix-xogħlijiet u li kien mitlub fis-sena ta' qabel kif ukoll ta' l-evalwazzjoni tal-kwalità tagħhom.

11. Matul ix-xahar ta' Mejju 2004, saru sforzi kunsiderevoli sabiex jiġu ddentifikati l-propjetajiet kollha ta' l-OEDT u jiġi ffinalizzat l-inventarju fiżiku. Dan l-eżerċizzju, kif ukoll id-definizzjoni mill-ġdid tar-risponsabiltajiet u tal-proċeduri ser jintemm qabel it-tmiem ta' l-2004.

# RAPPORT

## dwar il-kontijiet annwali taċ-Ċentru Ewropew tal-Monitoraġġ għall-Fenomeni Razzisti u Ksenofobi għas-sena finanzjarja 2003 flimkien mar-risposti taċ-Ċentru

### WERREJ


| | *Paragrafi* | *Paġna* |
|---|---|---|
| INTRODUZZJONI | 1 | 92 |
| OPINJONI TAL-QORTI | 2-5 | 92 |
| OSSERVAZZJONIJIET | 6-14 | 92 |
| Tabelli 1 sa 4 | | 94 |
| **Ir-risposti taċ-Ċentru** | | 98 |

**INTRODUZZJONI**

1. Iċ-Ċentru Ewropew tal-Monitoraġġ għall-Fenomeni Razzisti u Ksenofobi ("iċ-Ċentru") ġie mwaqqaf mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1035/97 tat-2 ta' Ġunju 1997 (1). Il-kompiti primarji taċ-Ċentru huma sabiex jipprovdi lill-Unjoni u lill-Istati Membri b'informazzjoni dipendibbli dwar razzismu, ksenofobija u anti-semitismu fl-Unjoni u sabiex jikkopera mal-Kunsill ta' l-Ewropa f'dawn l-oqsma. *Tabella 1* hija bażata fuq informazzjoni mibgħuta miċ-Ċentru u tagħti idea sommarja tar-responsabbiltajiet u l-attivitajiet tiegħu.

**OPINJONI TAL-QORTI**

2. Din l-opinjoni hija indirizzata lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, skond l-Artikolu 185 (2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (2).

3. Il-Qorti eżaminat il-kontijiet annwali għall-esekuzzjoni tal-baġit taċ-Ċentru għas-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2003. Skond l-Artikolu 12 (8) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1035/97, il-baġit ġie implimentat fuq ir-responsabbiltà tad-Direttur. Din ir-responsabbiltà tinkludi l-abbozzar u l-preżentazzjoni tal-kontijiet annwali (3) skond id-dispożizzjonijiet finanzjarji interni adottati fuq il-bażi ta' l-Artikolu 12 (12) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1035/97. Il-Qorti hija mistennija taħt l-Artikolu 248 tat-Trattat li jistabilixxi l-Komunita' Ewropea sabiex teżamina dawn il-kontijiet.

4. Il-Qorti għamlet il-verifika skond il-politika tal-verifiki u standards tagħha, li huma adottati minn standards internazzjonali sabiex jirriflettu l-kuntest tal-Komunita'. Hija eżaminat id-dokumenti tal-kontijiet u applikat il-proċeduri tal-verifika li kkunsidrat neċessarji f'dan il kuntest.

5. Għaldaqshekk il-Qorti kisbet assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet annwali għas-sena li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2003 huma dipendibbli. Bir-riserva tas-sitwazzjoni deskritta f'paragrafu 13, il-Qorti kisbet assigurazzjoni raġonevoli li l-operazzjonijiet ta' warajhom, fit-totalità tagħhom, huma legali u regolari.

(1) ĠU L 151, ta' l-10.6.1997, p. 6.
(2) ĠU L 248, tas-16.9.2002, p. 1.
(3) Skond l-Artikolu 12 (10) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1035/97, il-kontijiet aħharija għas-sena finanzjarja 2003 kienu mlestija fid-9 ta' Settembru 2004 u mibgħuta lill-Qorti ta' l-Awdituri, li rċeviethom fl-24 ta' Settembru 2004. Verżjoni mqassra tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji hija ppreżentata fit-tabelli annessi ma' dan ir-rapport.

**OSSERVAZZJONIJIET**

6. L-implimentazzjoni ta' l-approprjazzjonijiet tas-sena finanzjarja 2003 u l-approprjazzjonijiet trasferiti mis-sena finanzjarja ta' qabel jidhru f'*Tabella 2* (4). Il-karta ta' bilanċ u l-kont tad-dħul u n-nefqa taċ-Ċentru għas-sena finanzjarja 2003 jidhru sommarjament f'*Tabelli 3 u 4*.

7. Il-livell ta' trasferimenti ta' approprjazzjonijiet taħt Titolu III, Attivitajiet ta' Xogħol, baqgħu għolja, imma kienu inqas mis-sena ta' qabel (36 % fl-2003 u 40 % fl-2002). Il-Qorti għal darba oħra (5) tiġbed l-attenzjoni taċ-Ċentru għan-neċessita' li jiġi osservat il-prinċipju ta' annwalita' aktar rigorosament meta jkun qed jippjana u jieħu ħsieb l-attivitajiet tiegħu.

8. Mill-approprjazzjonijiet trasferiti mis-sena finanzjarja 2002 għas-sena finanzjarja 2003 (1,5 miljun euro), 20 % kienu kanċellati fl-aħħar tas-sena. Dan huwa persentaġġ għoli, li juri l-ġustifikazzjoni għat-trasferimenti awtomatiċi ta' l-approprjazzjonijiet ta' l-2002 kien fqir, speċjalment fil-każ ta' impenji provvisorji. Trasferimenti ta' approprjazzjonijiet għandhom ikunu strettament limitati għal obbligazzjonijiet kontrattati debitament fl-għeluq tas-sena finanzjarja.

9. Fit-3 ta' Marzu 2003 iċ-Ċentru ffirma konvenzjoni mal-Kummissjoni rigward it-twaqqif ta' *network* ta' informazzjoni għall-pajjiżi kandidati fl-Ewropa ċentrali u tal-Lvant. Il-proġett jirċievi fondi minn sussidji PHARE li jammontaw għal 845 000 euro. Skond l-Artikolu 4 tal-konvenzjoni ċ-Ċentru rċieva ammont bil-quddiem ta' 676 000 euro (80 %) fl-2003. Kontrarjament għall-prinċipji ta' l-unità tal-baġit (6), iċ-Ċentru ma wtilizzax baġit li jemenda sabiex jinkludi l-ammont tas-sussidju PHARE 2003 fil-baġit tiegħu.

10. Kif il-Qorti rrimarkat qabel, fir-Rapport (7) tagħha ta' l-2002, iċ-Ċentru għandu jwaqqaf sistema effiċjenti għall-Tmexxija u s-supervisjoni ta' dħul li jrid jiġi miġbur. Sistema ta' dak it-tip għandha tevita d-dewmien li kien osservat fil-kwistjoni ta' ordnijiet ta' rkpru u l-ġbir ta' VAT.

11. Mill-31 ta' Diċembru l-ordnijiet ta' rkupru li jirrelataw mal-ħlas lura ta' kera ta' l-awtoritajiet Awstrijaċi għall-perijodu Mejju sa Awwissu 2003 (37 017 euro) ma kienux ġew abbozzati.

(4) It-tabelli kollha fir-Rapport kienu mtella' fuq il-bażi ta' l-aktar valuri eżatti possibbli għall-informazzjoni wżata. Il-figuri ġew miżjuda sa l-eqreb numru sħiħ, għal skopijiet ta' presentazzjoni, li jistgħu jipproduċu differenzi minimi fit-totali. Sink jindika valur xejjieni jew li ma jeżistix u 0,0 juri valur taħt il-limitu taż-żieda sa l-eqreb numru sħiħ.
(5) Ara paragrafu 7 tar-rapport 2002 (ĠU Ċ 319, tat-30.12.2003, p. 70).
(6) Ara Artikoli 4 sa 6 dwar il-prinċipju ta' unità u preċiżjoni tal-badġit u Artikolu 19(3) tar-Regolament Finanzjarju taċ-Ċentru.
(7) Ara paragrafu 9 tar-Rapport rigward is-sena finanzjarja 2002 (ĠU Ċ 319, tat-30.12.2003, p. 70).

12. Ammont ta' 333 474 euro ta' VAT imħallas fl-2000 għadu ma ġiex miġbur. Jekk id-differenzi fir-rata ta' kambju jittieħdu in konsiderazzjoni, it-total jidher inqas b'19 242 euro. Iċ-Ċentru għandu jżid l-isforzi tiegħu sabiex jikseb ir-rimborż tal-VAT. Barra minn hekk, il-kontijiet tal-VAT m'humiex analizzati u ġustifikati regolarment. Bħala eżempju, rimborż ta' VAT ta' bejn wieħed u ieħor 78 000 euro ma kienx inkluż bħala dħul tal-baġit u baqa' bħala reġistrazzjoni f'kont transitorju.

13. Fl-2003 iċ-Ċentru daħal fi tlett kuntratti (għal total ta' 181 078 euro) ma' l-istess fornitur, bil-proċedura ta' negozzjar, għalkemm kull kuntratt kien jeċċedi l-limitu ta' 13 800 euro li japplika għal dik il-proċedura u l-kundizzjonijiet li jippermettu li l-limitu jinqabeż ma kienux applikabbli.

14. Iċ-Ċentru ħareġ applikazzjonijiet minn kandidati interni għal żewġ reklutaġġi. F'każ minnhom kien hemm applikant wieħed biss, u fl-ieħor tnejn biss. Minħabba d-daqs taċ-Ċentru, din it-tip ta' proċedura tillimita l-kompetizzjoni bejn il-kandidati.

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Qorti ta' l-Awdituri fil-Lussemburgu fil-laqgħat tal-Qorti tad-29 u tat-30 ta' Settembru 2004.

*Mill-Qorti ta' l-Awdituri*
Juan Manuel FABRA VALLÉS
*President*

*Tabella 1*

**Ċentru Ewropew tal-Monitoraġġ għall-Fenomeni Razzisti u Ksenofobi (Vjenna)**

| Oqsma ta' kompetenza Komunitarja li joħorġu mit-Trattat | Kompetenza taċ-Ċentru kif definit fir-Regolament tal-Kunsill (Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1035/97 tat-2 ta' June 1997) | | Awtorita' | Riżorsi disponsibbli għaċ-Ċentru fl-2003 (*figuri ta' l-2002*) | Prodotti u servizzi mogħtija fl-2003 |
|---|---|---|---|---|---|
| **Kollezzjoni ta' informazzjoni** | **Miri** | **Kompiti** | 1 **Bord ta' Tmexxija** | **Baġit finali:** | **RAXEN:** |
| — Il-Kummissjoni tista' tiġbor kull tagħrif u tagħmel il-verifiki kollha meħtieġa fil-limiti u taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti mill-Kunsill skond id-disposizzjonijiet ta' dan it-Trattat, biex twettaq il-kompiti fdati lilha.<br><br>(*Artikolu 284*) | — Sabiex tipprovdi lill-Komunita' u lill-Pajjiżi Membri b'informazzjoni oġġettiva, dipendibbli u komparabbli fuq livell Ewropew dwar il-fenomeni tar-razzismu, ksenofobija u anti-Semitismu<br><br>— Kooperazzjoni stretta mal-Kunsill ta' l-Ewropa sabiex tiġi evitata duplikazzjoni u tikseb valur miżjud | — Sabiex jiġi studjat l-estensjoni u l-iżvilupp tal-fenomeni tar-razzismu u ksenofobija;<br><br>— Sabiex jiġbor u janalizza informazzjoni, permezz tan-*Network* Ewropew ta' Informazzjoni dwar Razzismu u Ksenofobija (RAXEN) b'mod partikolari;<br><br>— Sabiex iwettaq stħarriġ xjentifiċi;<br><br>— Sabiex jinkoraġġixxi tixrid wiesgħa ta' din l-informazzjoni;<br><br>— Sabiex jifformola opinjonijiet għall-Komunita' u l-Pajjiżi Membri tagħha;<br><br>— Sabiex jiżviluppa indikaturi u kriterji sabiex tiġi mtejjba l-komparabilita' ta' l-informazzjoni;<br><br>— Sabiex jippubblika rapport annwali rigward is-sitwazzjoni ta' razzismu u ksenofobija. | *Kompożizzjoni*<br><br>Persuna indipendenti appuntata minn kull Pajjiż Membru, persuna indipendenti appuntata mill-Parlament Ewropew, persuna indipendenti appuntata mill-Kunsill ta' l-Ewropa u rappreżentant tal-Kummissjoni.<br><br>*Dmirijie*<br><br>Sabiex jiġi adottat il-programm ta' xogħol u r-rapport annwali ġenerali.<br><br>2 **Bord Esekuttiv**<br><br>*Kompożizzjoni*<br><br>— *Chairman* tal-Bord ta' Tmexxija<br><br>— rappreżentant tal-Kunsill ta' l-Ewropa<br><br>— rappreżentant tal-Kummissjoni<br><br>— membru ieħor tal-Bord ta' Tmexxija (mhux obbligatorju)<br><br>3 **Direttur**<br><br>Appuntat mill-Bord ta' Tmexxija fuq proposta mill-Kummissjoni.<br><br>4 **Verifika esterna**<br><br>Qorti ta' l-Awdituri<br><br>5 **Awtorita' ta' Approvazzjoni**<br><br>Il-Parlament fuq rakkomandazzjoni mill-Kunsill | 6,575 miljun euro (*6,170 miljun euro*) inkluża l-kontribuzzjoni tal-Komunita' 98,9 % (*98,9 %*):<br><br>**Persunal fil-31 ta' Diċembru 2003:**<br><br>30 (*28*) postijiet fil-pjan ta' twaqqif,<br><br>Postijiet okkupati: 26 (*26*)<br><br>+ 4 (*5*) persunal ieħor (kuntratti awżiljarji, esperti nazzjonali sekondati, persunal lokali u temporanju)<br><br>*Persunal totali*: 30 (*31*)<br><br>Assenjati lid-dmirijiet li ġejjin:<br><br>operattivi: 17 (*19*)<br><br>amministrattivi: 8 (*8*)<br><br>varji: 5 (*4*)<br><br>**Mhux tal-badġit:**<br><br>**Programm PHARE**: 845 miljun euro (*– miljun euro*), persunal: 4 (–) | numru ta' kontribuzzjonijiet minn 15-il punti ċentrali nazzjonali: 165<br><br>numru ta' laqgħat: 3<br><br>+ 22 rapport fil-qafas tal-programm PHARE u 3 laqgħat<br><br>**Rapporti dwar riċerka:**<br><br>numru ta' rapporti: 12<br>numru ta' laqgħat: 3<br><br>**Kooperazzjoni mal-pajjiżi membri u l-istituzzjonijiet l-oħra** (numru ta' avvenimenti organizzati flimkien):<br><br>— Pajjiżi Membri: 19<br><br>— Kummissjoni: 2<br><br>— Parlament Ewropew: 2<br><br>— Kunsill ta' l-Ewropa: 4 |

*Sors:* Informazzjoni mogħtija mill-Aġenzija.

*Tabella 2*

**Ċentru Ewropew tal-Monitoraġġ għall-Fenomeni Razzisti u Ksenofobi — Implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2003**

*(miljun euro)*

| Dhul | | | Nefqa | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Sors tad-dhul | Dhul reġistrat fil-baġit finali għas-sena finanzjarja | Dhul miġbur | Allokazzjoni tan-nefqa | Approprjazzjonijiet fil-baġit finali | | | | | Approprjazzjonijiet trasferiti mis-sena finanzjarja ta' qabel | | | Approprjazzjonijiet disponibbli (baġit 2003 u sena finanzjarja 2002) | | | | |
| | | | | reġistrati | impenjati | imħallsa | trasferiti | kanċellati | approprjazzjonijiet pendenti | imħallsa | kanċellati | Approprjazzjonijiet | impenjati | imħallsa | trasferiti | kanċellati |
| Sussidji Komunitarja | 6,5 | 5,6 | Titolu I Persunal | 2,8 | 2,7 | 2,6 | 0,1 | 0,1 | 0,2 | 0,1 | 0,1 | 3,0 | 2,9 | 2,7 | 0,1 | 0,2 |
| Dħul ieħor | 0,1 | 0,2 | Titolu II Amministrazzjoni | 0,6 | 0,5 | 0,4 | 0,1 | 0,1 | 0,1 | 0,0 | 0,0 | 0,6 | 0,6 | 0,4 | 0,1 | 0,1 |
| | | | Titolu III Attivitajiet ta' Xogħol | 3,2 | 2,8 | 1,7 | 1,2 | 0,4 | 1,2 | 1,0 | 0,2 | 4,4 | 4,0 | 2,7 | 1,2 | 0,5 |
| **Total** | 6,6 | 5,8 | **Total** | 6,6 | 6,0 | 4,7 | 1,3 | 0,6 | 1,5 | 1,2 | 0,3 | 8,1 | 7,5 | 5,9 | 1,3 | 0,9 |

*NB:* Differenzi fit-totali huma kawża ta' l-effetti taż-żieda sa l-eqreb numru sħiħ.

*Sors:* Informazzjoni mogħtija miċ-Ċentru. Dawn it-tabelli jagħtu sommarju ta' l-informazzjoni mogħtija miċ-Ċentru fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji tiegħu.

*Tabella 3*

**Ċentru Ewropew tal-Monitoraġġ għall-Fenomeni Razzisti u Ksenofobi — Kont tad-dħul u n-nefqa għas-snin finanzjarji 2003 u 2002**

*(1 000 euro)*

| | 2003 | 2002 |
|---|---|---|
| **Dħul** | | |
| Sussidji Komunitarji | 7 318 | 4 320 |
| Sussidji oħra | 374 | |
| Dħul finanzjarju | 21 | 43 |
| Dħul PHARE | 676 | |
| **Dħul totali (a)** | **8 389** | **4 363** |
| **Nefqa** | | |
| *Persunal — Titolu I tal-baġit* | | |
| Ħlasijiet | 2 618 | 2 416 |
| Approprjazzjonijiet trasferiti | 64 | 187 |
| *Amministrazzjoni — Titolu II tal-baġit* | | |
| Ħlasijiet | 412 | 377 |
| Approprjazzjonijiet trasferiti | 51 | 60 |
| *Attivitajiet ta' xogħol — Titolu III tal-baġit* | | |
| Ħlasijiet | 1 678 | 1 686 |
| Approprjazzjonijiet trasferiti | 1 162 | 1 234 |
| *Nefqa PHARE* | | |
| Ħlasijiet | 377 | |
| Approprjazzjonijiet trasferiti | 694 | |
| **Nefqa totali (b)** | **7 055** | **5 960** |
| **Kwantita' maħduma għas-sena finanzjarja (a – b)** | **1 334** | **– 1 597** |
| Bilanċ trasferit mis-sena finanzjarja ta' qabel | – 1 579 | – 8 |
| Approprjazzjonijiet trasferiti, kanċellati | 301 | **52** |
| Approprjazzjonijiet għall-użu mill-ġdid mis-sena finanzjarja ta' qabel, mhux użati | 38 | 151 |
| Differenzi fir-rata ta' kambju | 5 | 2 |
| Ammonti rifużi lill-Kummissjoni | | – 179 |
| **Bilanċ għas-sena finanzjarja** | **98** | **– 1 579** |

*NB:* Differenzi fit-totali huma kawża ta' l-effetti taż-żieda sa l-eqreb numru sħiħ.
*Sors:* Informazzjoni mogħtija miċ-Ċentru. Dawn it-tabelli jagħtu sommarju ta' l-informazzjoni mogħtija miċ-Ċentru fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji tiegħu.

*Tabella 4*

**Ċentru Ewropew tal-Monitoraġġ għall-Fenomeni Razzisti u Ksenofobi — Karta ta' bilanċ fil-31 ta' Diċembru 2003 u fil-31 ta' Diċembru 2002**

*(1 000 euro)*

| Assi | 2003 | 2002 | Dejn | 2003 | 2002 |
|---|---|---|---|---|---|
| **Assi fissi** | | | **Kapital proprju** | | |
| *Software* tal-kompjuter | 72 | 70 | Kapital proprju | 108 | 183 |
| Tagħmir tal-kompjuter | 148 | 140 | Bilanċ għas-sena finanzjarja | 98 | – 1 579 |
| Tagħmir u għamara | 250 | 235 | *Subtotal* | *207* | *– 1 396* |
| Deprezzament | – 362 | – 262 | **Dejn kurrenti** | | |
| *Subtotal* | *108* | *183* | Trasferimenti awtomatiċi | 1 277 | 1 482 |
| **Assi kurrenti** | | | Kontijiet varji li jridu jithallsu | 275 | 225 |
| Sussidji Komunitarji | 23 | 13 | VAT il jrid jithallas | 454 | 507 |
| Avvanzi | 0 | 1 | Dejn PHARE | 694 | |
| Kontijiet varji riċevibbli | 77 | 66 | *Subtotal* | *2 700* | *2 214* |
| VAT rekuperabbli | 456 | 541 | | | |
| Sussidju PHARE | 169 | 0 | | | |
| *Subtotal* | *725* | *621* | | | |
| **Kontijiet ta' flus** | | | **Kontijiet transitorji u kontijiet ta' aġġustament** | | |
| Kontijiet bankarji | 2 073 | 113 | Sommom li jridu jerġgħu jiġu wżati | | 99 |
| *Subtotal* | *2 073* | *113* | *Subtotal* | *0* | *99* |
| **Total** | **2 906** | **917** | **Total** | **2 906** | **917** |

*NB:* Differenzi fit-totali huma kawża ta' l-effetti taż-żieda sa l-eqreb numru sħiħ.
*Sors:* Informazzjoni mogħtija miċ-Ċentru. Dawn it-tabelli jagħtu sommarju ta' l-informazzjoni mogħtija miċ-Ċentru fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji tiegħu.

**RISPOSTI TAĊ-ĊENTRU**

7. Numru ta' l-Osservazzjoni Fl-2003 l-esekuzzjoni tal-baġit u l-implimentazzjoni tal-Programm ta' Ħidma kienu għal darb'oħra influenzati negattivament mill-livell baxx ta' l-approprijazzjonijiet tal-pagament li għandu l-EUMC f'Lulju ta' l-2003, il-EUMC talab għal aktar approprijazzjonijiet tal-pagament li kienu finalment riċevuti biss f'Diċembru ta' l-2003. Il-EUMC jixtieq ukoll jisħaq fuq il-fatt li f'xi Stati Membri l-informazzjoni uffiċċjali wżata fin-networks RAXEN mhix ippubblikata qabel Settembru. Minkejja dan kollu, il-livell ta' l-ammont trasferit għas-sena finanzjarja ta' wara naqas meta mqabbel mas-sena 2002, hekk kif inhu indikat mill-Qorti. Il-EUMC se jkompli bl-isforzi tiegħu sabiex ikompli jtejjeb is-sitwazzjoni.

8. Il-EUMC jaqbel ma' l-osservazzjonijiet magħmula mill-Qorti u adotta miżuri approprijati fis-sena 2003 sabiex ma jħallix li dan jiġri fil-futur.

9. Il-EUMC iddeċċieda biex ma jippubblikax il-baġit PHARE tiegħu ġewwa il-baġit ta' emenda għaliex il-proġett għandu x'jaqsam ma' Stati mhux Membri, u għalhekk ma kienx jaqa' taħt il-mandat tal-EUMC hekk kif inhu definit fir-regolazzjoni bażika tiegħu. Madanakollu, skond l-osservazzjoni tal-Qorti, il-EUMC inkluda l-baġit tal-proġett PHARE fil-baġit ta' emenda tiegħu tas-sena 2004.

10. u 11. Il-EUMC jaqbel ma' l-osservazzjonijiet magħmula mill-Qorti u ħa xi miżuri sabiex itejjeb il-kontrolli fuq il-kreazzjoni ta' l-ordnijiet ta' rkupru.

12. L-EUMC reġa' kkalkola u ppreżenta mill-ġdid it-talba tiegħu għar-rimbors ta' l-ammont ta' € 333 474 f'VAT li għada trid titħllas, li l-awtoritajiet Awstrijaki kienu ħallsu f'Ġunju 2004. Dwar it-€ 78 000, il-EUMC emendat konsegwentament il-kontijiet tagħha. Il-VAT qed tiġi bħalissa analizzata regolarment.

13. IL-EUMC jaqbel ma' l-osservazzjonijiet tal-Qorti u għalhekk saħħaħ il-kontrolli interni permezz ta' l-introduzzjoni ta' helpdesk u aktar taħriġ. Il-EUMC jixtieq jiġbed l-attenzjoni dwar il-fatt li kienet ġiet ippjanata sejħa għal-offerti għas-sena 2003 imma din ma setgħetx tiġi implimentata minħabba n-nuqqas ta' riżorsi umani (ara t-tweġiba għall-punt 14). Il-EUMC fetaħ sejħa għall-offerti fl-2004 għall-kuntratt ta' qafas għall-organizzazzjoni tal-laqgħat. Il-kumpannija li rebħet l-offerta hija l-istess kumpanija li kienet użata matul is-sena 2003. Il-fatt li din il-kumpannija ġiet magħżula skond il-proċeduri korretti ta' l-akkwist fis-snin ta' qabel l-2003, skond il-EUMC, jindika li ma kienx hemm l-ebda riperkussjoni finanzjarji konkreta.

14. IL-kompetizzjonijiet interni m'humiex qed jiksru r-regolazzjonijiet tal-persunal. Meta ġie kkunsidrat id-daqs żgħir ta' l-EUMC u n-nuqqas ta' postijiet permanenti, ittieħdet għalhekk deċiżjoni sabiex jimtlew il-postijiet vojta temporanji permezz ta' kompetizzjoni interna u b'hekk jagħtu lill-impjegati ċertu tip ta' prospettiva għall-karriera kif ukoll sabiex jimtlew żewġ pożizzjonijiet prinċipali kemm jista' jkun malajr. Madanakollu, l-EUMC iddeċiedit li fil-ġejjieni l-kompetizzjonijiet interni se jsiru biss jekk ikun hemm garanzija ta' ċertu livell ta' kompetizzjoni.

# RAPPORT

## fuq il-kontijiet annwali ta' l-Uffiċċju tal-Komunità għall-Varjetajiet ta' Pjanti għas-sena finanzjarja 2003 flimkien mar-risposti ta' l-Uffiċċju

### WERREJ


| | *Paragrafi* | *Paġna* |
|---|---|---|
| INTRODUZZJONI | 1 | 100 |
| L-OPINJONI TAL-QORTI | 2-5 | 100 |
| OSSERVAZZJONIJIET | 6-10 | 100 |
| Tabelli 1 sa 4 | | 101 |
| **Ir-risposti ta' l-Uffiċċju** | | 105 |

**INTRODUZZJONI**

1. L-Uffiċċju tal-Komunità għall-Varjetajiet ta' Pjanti, (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Uffiċċju") kien stabbilit bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2100/94 tas-27 ta' Lulju 1994 (1). L-iskop prinċipali tiegħu huma li jirreġistra u jeżamina applikazzjonijiet għall-għotja ta' drittijiet ta' proprjetà industrijali tal-Komunità għall-varjetajiet ta' pjanti u jassigura li l-eżamijiet tekniċi neċessarji huma mwettqa minn uffiċċji kompetenti fl-Istati Membri. *Tabella 1* tiġbor fil-qosor il-poteri u r-responsabbiltajiet ta' l-Uffiċċju fuq il-bażi ta' informazzjoni mogħtija minnu.

**L-OPINJONI TAL-QORTI**

2. Din l-opinjoni hija indirizzata lill-Kunsill ta' l-amministrazzjoni ta' l-Uffiċċju, skond l-Artikolu 111, paragrafu 2 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2100/94.

3. Il-Qorti eżaminat il-kontijiet annwali ta' l-Uffiċċju għas-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2003. Skond l-Artikolu 110 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) nru 2100/94, il-baġit ta' l-Uffiċċju ġie implimentat taħt ir-responsabiltà tal-president ta' l-Uffiċċju. Din ir-responsabiltà tinkludi t-tfassil u l-preżentazzjoni tal-kontijiet (2), skond id-dispożizzjonijiet finanzjarji interni adottati fuq il-bażi ta' l-Artikolu 112 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2100/94. Il-Qorti hija meħtieġa teżamina dawn il-kontijiet taħt l-Artikolu 248 tat-Trattat li jistabblixxi l-Komunità Ewropea.

4. Il-Qorti wettqet il-verifika tagħha skond il-politika u l-istandards tal-verifika, li huma adattati minn standards internazzjonali ġeneralment aċċettati sabiex jirriflettu n-natura speċifika tal-kuntest tal-Komunità. Il-Qorti applikat testijiet bħal dawn fuq ir-reġistri tal-kontijiet u applikat proċeduri oħra li hija kkunsidrat neċessarji fiċ-ċirkustanzi.

5. Għaldaqstant il-Qorti kisbet assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet annwali għas-sena li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2003 huma ta' min joqgħod fuqhom u li t-transazzjonijiet ta' bażi, fit-totalità tagħhom huma legali u regolari. Il-kontenut ta' l-osservazzjonijiet li ġejjin ma jpoġġix f'diskussjoni l-opinjoni ta' verifika espressa mill-Qorti f'dan ir-Rapport.

**OSSERVAZZJONIJIET**

6. L-implimetazzjoni ta' l-approprjazzjonijiet għas-sena finanzjarja 2003 u ta' l-approprjazzjonijiet miġjuba 'l quddiem mis-sena ta' qabel hi murija fit-*Tabella 2*. Il-kont tad-dħul u n-nefqa u l-karta tal-bilanċ ippubblikati mill-Uffiċċju għas-sena finanzjarja 2003 huma murija fil-qosor fit-*Tabelli 3 u 4*.

7. L-Artikolu 8 tar-Regolament il-ġdid ta' l-Uffiċċju jistipula li l-baġit għandu jkun fih approprjazzjonijiet diverenzjati, li jiddistingwu minn approprjazzjoni ta' impenn u approprjazzjoni ta' ħlas. Għalkemm il-baġit ta' l-2003 kien adottat qabel ir-regoli l-ġodda u fih biss approprjazzjonijiet li mhumiex diverenzjati, fiż-żmien ta' l-għeluq tal-kontijiet l-Uffiċċju kkunsidra l-approprjazzjonijiet li jaqgħu taħt it-Titolu III, li jiffinanzja l-operazzjonijiet tiegħu, bħala li għandhom jiġu diverenzjati. Sabiex jimxi hekk, l-Uffiċċju missu adotta baġit li jemenda li jiddistingwi, b'kummenti xierqa, bejn approprjazzjonijiet ta' impenji u approprjazzjonijiet ta' ħlas. Dan ma kienx il-każ.

8. Il-Karta ta' bilanċ turi somma li mhiex irkuprata ta' 216 048 euro ta' VAT mħallsa bejn l-1997 u l-2001. Parti kbira minn din is-somma (206 553 euro) tista' tkun attribwita għat-talbiet għall-pagament mill-ġdid li ġew irrifjutati mill-awtoritajiet Franċiżi.

9. L-artikolu 42 (1)(e) tar- Regolament Finanzjarju ta' l-Uffiċċju jistipula li l-uffiċjal tal-kontijiet għandu jivvalida s-sistemi mniżżla mill-uffiċjal li jawtorizza biex jagħti jew jiġġustifika informazzjoni fuq il-kontijiet. Din il-validazzjoni għada ma saretx.

10. Is-sistema tal-kontijiet ta' l-Uffiċċju hija magħmula minn tlett sistemi kompjuterizzati, waħda għall-amministrazzjoni ta' l-applikazzjonijiet għall-għotja tad-drittijiet tal-Komunità tal-varjetajiet ta' pjanti (PVR), waħda għall-kontijiet tal-baġit u waħda għall-kontijiet ġenerali (SI2). L-Uffiċċju missu jaħdem sabiex jintegra dawn is-sistemi, sabiex jitneħħew ħafna żbalji minuri li joħorġu mill-użu ta' proċeduri li m'għandhomx x'jaqsmu mal-kontijiet li jimmultiplikaw in-numru ta' operazzjonijiet għall-ksib ta' informazzjoni.

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Qorti ta' l-Awdituri fil-Lussemburgu fil-laqgħat tal-Qorti tad-29 u tat-30 ta' Settembru 2004.

*Għall-Qorti ta' l-Awdituri*
Juan Manuel FABRA VALLÉS
*President*

---

(1) ĠU L 227, ta' l-1.9.1994, pġ. 27.

(2) Kif meħtieġ taħt l-Artikolu 111, paragrafu 2 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2100/94, il-kontijiet finali tad-dħul u l-infiq kollu ta' l-Uffiċċju għas-sena finanzjarja 2003 tlestew fil-25 ta' Marzu 2004 u kienu mibgħuta lill-Qorti ta' l-Awdituri. Il-Qorti rċeviethom fl-24 ta' Settembru 2004. Verżjoni mqassra tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji hija ppreżentata fit-tabelli annessi ma' dan ir-rapport.

*Tabella 1*

**Uffiċċju tal-Komunità għall-Varjetajiet ta' Pjanti (Angers)**

<table>
<tr><th>Oqsma tal-kompetenzi tal-Komunità li johorġu mit-Trattat</th><th colspan="2">Kompetenzi ta' l-Uffiċċju kif definiti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2100/94 tas-27 ta' Lulju 1994</th><th>Tmexxija tajba</th><th>Riżorsi disponibbli għall-Aġenzija<br>(data għall-2002)</th><th>Prodotti u servizzi provduti fl-2003<br>(data għall-2002)</th></tr>
<tr><td>Moviment ħieles tal-merkanizija<br><br>Projbizzjonijiet u restrizzjonijiet iġġustifikati fuq il-bażi tal-protezzjoni ta' proprjetà industrijali u kummerċjali m'għandhomx jikkostitwixxu mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja jew restrizzjoni moħbija fil-kummerċ bejn l-Istati Membri<br><br>(Estratt mill-Artikolu 30 tat-Trattat)</td><td>Objettivi<br><br>Li japplika s-sistema ta' drittijiet tal-Komunità tal-varjetajiet ta' pjanti bħala l-forma unika u esklussiva ta' protezzjoni tal-Komunità għall-varjetajiet ta' pjanti</td><td>Funzjonijiet<br><br>— Li jirreġistra u jeżamina l-applikazzjoinijiet għad-drittijiet tal-Komunità tal-varjetajiet ta' pjanti<br>— Li jiddeċiedi jekk jagħtix drittijiet tal-Komunità tal-varjetajiet ta' pjanti<br>— Li jiżgura li eżamijiet tekniċi neċessarji huma mwettqa mill-Uffiċċji kompetenti fl-Istati Membri<br>— Li jitlob ħlas<br>— Li jeżamina d-denominazzjonijiet tal-varjetà proposti<br>— Li jżomm reġistru ta' l-applikazzjonijiet li saru u tad-drittijiet mogħtija</td><td>1 Kunsill Amministrattiv<br><br>Komposizzjoni<br>— Rappreżentant wieħed minn kull Stat Membru<br>— Rappreżentant wieħed tal-Kummissjoni u l-alternati tagħhom<br>Funzjonijiet<br>— Li jfassal ir-regoli li jirregolaw il-metodi ta' xogħol ta' l-Uffiċċju<br>— Li jaġixxi bħala l-awtorità tal-baġit<br>— Li jissorvelja l-programm ta' xogħol u metodi ta' xogħol<br>2 President ta' l-Uffiċċju<br>Maħtur mill-Kunsill minn lista ta' kandidati li jkunu proposti mill-Kummissjoni wara li tkun akkwistat l-opinjoni tal-Kunsill Amministrattiv<br>3 Bord ta' l-Appell<br>jiddeċiedi appelli fuq deċiżjonijiet fuq id-drittijiet tal-varjetajiet ta' pjanti<br>4 Verifika mill-Kummissjoni<br>Il-Kummissjoni tikkontrolla l-legalità tal-badġit ta' l-Uffiċċju u dawk l-atti tal-President li dwarhom il-legalità mhiex ikkontrollata minn korp ieħor<br>5 Verifika Esterna<br>Il-Qorti ta' l-Awdituri<br>6 Awtorità ta' approvazzjoni<br>Il-Kunsill Amministrattiv</td><td>Baġit finali:<br><br>11,1 miljun euro (10,5 miljun euro)<br>Kontribuzzjoni tal-Komunità: 0 % (0 %)<br>Numru tal-persunal fil-31 ta' Diċembru 2003:<br>Numru ta' postijiet fil-pjan ta' stabbiliment: 35 (33)<br>Postijiet meħuda: 34 (28)<br>1 (2) postijiet oħra (kuntratti awżiljari, esperti nazzjonali ssekkondati, staff lokali, staff temporanju)<br>Persunal totali: 35 (30)<br>Assenjati d-dmirijiet li ġejjin:<br>— operazzjonali: 13 (10)<br>— amministattivi: 16 (15)<br>— mhallta: 6 (5)</td><td>Applikazzjonijiet moqrija: 2 516 (2 223)<br><br>Eżamijiet esterni tekniċi:<br>1 929 (1 295)<br>Drittijiet mogħtija:<br>1 869 (1 704)<br>Drittijiet komunitarji fis-seħħ fil-31/12/2003: 8 764<br>(fil- 31/12/2002: 7 800)</td></tr>
</table>

*Sors:* Informazzjoni mogħtija mill-Uffiċċju.

*Tabella 2*

**L-Uffiċċju tal-Komunità għall-Varjetajiet ta' Pjanti — Implimetazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2003**

*(miljun euro)*

| Dħul | | | Nefqa | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Sors tad-dħul | Dħul reġistrat fil-baġit finali għas-sena finanzjarja | Dħul miġbur | Allokazzjoni ta' nefqa | Approprjazzjonijiet fil-baġit finali | | | | | Approprjazzjonijiet trasferiti mis-sena finanzjarja ta' qabel | | | Approprjazzjonijiet disponibbli (baġit 2003 u s-sena finanzjarja 2002) | | | | |
| | | | | reġis-trati | impen-jati | mħallsa | trasfe-riti | kan-ċellati | impenji pen-denti | mħallsa | kanċel-lati | appro-prjazz-jonijiet | impen-jati | mħallsa | trasfe-riti | kanċellati |
| Dħul proprju | 7,4 | 8,2 | Titolu I Staff | 3,6 | 3,5 | 3,2 | 0,1 | 0,2 | 0,0 | 0,0 | 0,0 | 3,6 | 3,5 | 3,3 | 0,1 | 0,2 |
| Dħul amminis-trattiv | 0,2 | 0,0 | Titolu II Amministrazzjoni | 1,0 | 0,8 | 0,6 | 0,2 | 0,2 | 0,2 | 0,1 | 0,0 | 1,2 | 1,0 | 0,7 | 0,2 | 0,3 |
| Dħul ieħor | 0,0 | 0,1 | Titolu III Nefqa ta' xogħol | 6,6 | 6,1 | 1,2 | 4,9 | 0,5 | 3,7 | 1,3 | 0,2 | 10,3 | 9,8 | 2,5 | 4,9 | 0,7 |
| Dħul finanzjarju | 0,4 | 0,4 | | | | | | | | | | | | | | |
| Bilanċ tal-baġit mis-sena finan-zjarja ta' qabel | 3,2 | 0,0 | | | | | | | | | | | | | | |
| **Total** | 11,1 | 8,8 | **Total** | 11,1 | 10,4 | 5,0 | 5,2 | 1,0 | 3,9 | 1,5 | 0,2 | 15,0 | 14,3 | 6,5 | 5,2 | 1,2 |

*NB:* It-totali jistgħu jkun fihom differenzi minħabba l-effett ta' aġġustamenti.

*Sors:* Informazzjoni provduta mill-Uffiċċju. Dawn it-tabelli jiġbru fil-qosor l-informazzjoni mogħtija mill-Uffiċċju fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji tiegħu.

*Tabella 3*

**L-Uffiċċju tal-Komunità għall-Varjetajiet ta' Pjanti — Kontijiet tad-dħul u n-nefqa għas-snin finanzjarji 2003 u 2002**

*(1 000 euro)*

| | 2003 | 2002 |
|---|---|---|
| **Dħul** | | |
| Dħul proprju | 8 199 | 8 564 |
| Dħul ieħor | 156 | 61 |
| Dħul finanzjarju | 401 | 615 |
| **Total tad-dħul (a)** | **8 757** | **9 240** |
| **Nefqa** | | |
| *Staff — Titolu I tal-baġit* | | |
| Pagamenti | 3 245 | 2 807 |
| Approprjazzjonijiet miġjuba 'l quddiem | 98 | 26 |
| *Amministrazzjoni — Titolu II tal-baġit* | | |
| Pagamenti | 583 | 570 |
| Approprjazzjonijiet miġjuba 'l quddiem | 195 | 163 |
| *Nefqa tax-xogħol — Titolu III tal-baġit* | | |
| Pagamenti | 1 179 | 975 |
| Approprjazzjonijiet miġjuba 'l quddiem | 4 863 | 3 699 |
| **Total tan-nefqa (b)** | **10 164** | **8 239** |
| **Kwantitajiet maħduma għas-sena finanzjarja (a – b)** | **– 1 407** | **1 001** |
| Bilanċ miġjub 'il quddiem mis-sena finanzjarja ta' qabel | 13 977 | 11 029 |
| Approprjazzjonijiet miġjuba 'l quddiem u kkanċellati | 249 | 1 949 |
| Differenzi fir-rata ta' kambju | 0 | – 3 |
| Provvediment għall-futur | 5 | 0 |
| **Balanċ għas-sena finanzjarja** | **12 825** | **13 977** |

*NB:* It-totali jistgħu jkun fihom differenzi minħabba l-effett ta' aġġustamenti.

*Sors:* Informazzjoni provduta mill-Uffiċċju. Dawn it-tabelli jiġbru fil-qosor l-informazzjoni mogħtija mill-Uffiċċju fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji tiegħu.

*Tabella 4*

**L-Uffiċċju tal-Komunità għall-Varjetajiet ta' Pjanti — Karta ta' bilanċ fil-31 ta' Diċembru 2003 u fil-31 ta' Diċembru 2002**

*(1 000 euro)*

| Attiv | 2003 | 2002 | Passiv | 2003 | 2002 |
|---|---|---|---|---|---|
| **Assi fissi** | | | **Kapital fiss** | | |
| Software tal-kompjuter | 78 | 68 | Kapital proprju | 2 538 | 2 503 |
| Bini | 2 427 | 2 404 | | | |
| Tagħmir tal-kompjuter | 219 | 229 | Riservi | 13 977 | 11 029 |
| Tagħmir u għamara | 161 | 140 | Bilanċ għas-sena finanzjarja | – 1 153 | 2 948 |
| Deprezzament | – 345 | – 338 | *Total parzjali* | *15 363* | *16 480* |
| | | | **Passiv kurrenti** | | |
| *Total parzjali* | *2 538* | *2 503* | Impenji pendenti fir-rigward tat-trasferimenti mill-2002 | 2 145 | 0 |
| **Indemnitajiet u garanziji** | **3** | **0** | Trasferimenti awtomatiċi | 5 156 | 3 887 |
| **Assi kurrenti** | | | Fornituri | 1 | 160 |
| Ordnijiet ta' rkupru | 3 | 51 | Avvanzi mill-kijenti | 194 | 366 |
| Kontijiet diversi riċevibbli | 29 | 24 | Vat li trid titħallas | 216 | 216 |
| Vat li trid tiġi rkuprata | 371 | 384 | Tnaqqis mis-salarji | 9 | 32 |
| *Total parzjali* | *403* | *459* | *Total parzjali* | *7 721* | *4 661* |
| **Kontijiet ta' flus kontanti** | | | | | |
| Banek | 20 065 | 18 103 | | | |
| Kont Imprest | 75 | 75 | | | |
| *Total parzjali* | *20 140* | *18 178* | | | |
| **Total** | **23 084** | **21 141** | **Total** | **23 084** | **21 141** |

*NB:* It-totali jistgħu jkun fihom differenzi minhabba l-effett ta' aġġustamenti.

*Sors:* Informazzjoni provduta mill-Uffiċċju. Dawn it-tabelli jiġbru fil-qosor l-informazzjoni mogħtija mill-Uffiċċju fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji tiegħu.

## RISPOSTI TA' L-UFFIĊĊJU

7. L-għażla tal-kliem użat fl-Artikolu 8 tar-Regolament Finanzjarju l-ġdid tagħti l-impressjoni li ladarba r-Regolament il-ġdid daħal fis-seħħ fis-16 ta' Settembru 2003, approprjazzjonijiet taħt Titolu III jistgħu *de facto* jiġu kkunsidrati bħala ddivrenzjati. L-Uffiċċju jikkunsidra illi l-adozzjoni tal-baġit għall-2004 mill-awtorità ta' l-estimi, li kien jinkludi approprjazzjonijiet ddivrenzjati b' kont meħud ta' l-impenni preċedenti li għad iridu jiġu mħallsa, jagħmel tajjeb għall-fatt li m'hemmx baġit li jemenda.

8. L-Uffiċċju se jippreżenta talba ġdida għar-rimbors ta' EUR 206 553 li għadhom ma ġewx imħallsa. Għal dak li għandu x'jaqsam mad-9 495 EUR li jifdlu, se tittieħed deċiżjoni qabel l-aħħar tas-sena.

9. Din il-konferma ta' validità qed tiġi finalizzata.

10. L-Uffiċċju qed iħares lejn titjib fl-integrazzjoni tas-sistemi tal-kompjuters tiegħu. Ġew stabbiliti diġà ċerti elementi, bħal: it-transfer awtomatiku ta' noti ta' debitu u kreditu ta' klijenti, transfer awtomatiku ta' *data* ta' klijenti u fornituri u transfers awtomatiċi ta' fatturi ta' fornituri.

# RAPPORT

## fuq il-kontijiet annwali ta' l-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern għas-sena finanzjarja 2003 flimkien mar-risposti ta' l-Uffiċċju

### WERREJ


| | *Paragrafi* | *Paġna* |
|---|---|---|
| INTRODUZZJONI | 1 | 107 |
| L-OPINJONI TAL-QORTI | 2-5 | 107 |
| OSSERVAZZJONIJIET | 6-10 | 107 |
| Tabelli 1-4 | | 108 |
| **Ir-risposti ta' l-Uffiċċju** | | 112 |

**INTRODUZZJONI**

1. L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "l-Uffiċċju" kien imwaqqaf bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94 (1) ta' l-20 ta' Diċembru 1993. Il-mandat tiegħu hu li jimplimenta l-leġiżlazzjoni tal-Komunità fuq marki u diżinji, li jagħti lill-intrapriżi protezzjoni uniformi fiż-żona ta' l-Unjoni kollha. Ir-responsabbilitajiet u l-attivitajiet ta' l-Uffiċċju huma mqassra fit-*Tabella 1* fuq il-bażi ta' l-informazzjoni mogħtija mill-Uffiċċju.

**L-OPINJONI TAL-QORTI**

2. Din l-opinjoni hija indirizzata lill-kumitat tal-baġit ta' l-Uffiċċju, skond l-Artikolu 137, paragrafu 2, tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94 (1).

3. Il-Qorti eżaminat il-kontijiet annwali ta' l-Uffiċċju għas-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2003. Skond l-Artikolu 119, paragrafu 2 (ċ) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94, il-baġit ta' l-Uffiċċju ġie implimentat taħt ir-responsabbiltà tal-President ta' l-Uffiċċju. Din ir-responsabiltà tinkludi t-tfassil u l-preżentazzjoni tal-kontijiet (2), skond id-dispożizzjonijiet finanzjarji interni fuq il-bażi ta' l-Artikolu 138 tar-Regolament tal-Kunsill (KE). Il-Qorti hija meħtieġa li teżamina dawn il-kontijiet skond l-Artikolu 248 tat-Trattat li jistabblixxi l-Komunità Ewropea.

4. Il-Qorti wettqet il-verifika tagħha skond il-politika u l-istandards ta' verifiki tagħha, li huma adattati minn standards internazzjonali ġeneralment aċċettati sabiex jirriflettu n-natura speċifika tal-kuntest tal-Komunità. Hija eżaminat id-dokumenti tal-kontijiet u applikat il-proċeduri tal-verifika li kkunsidrat neċessarji f'dan il-kuntest.

5. Għaldaqstat il-Qorti kisbet assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet annwali għas-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru huma ta' min joqgħod fuqhom u li t-transazzjonijiet ta' bażi fit-totalità tagħhom huma legali u regolari. Il-kontenut ta' l-osservazzjonijiet li ġejjin ma jpoġġix f'diskussjoni l-opinjoni li tesprimi l-Qorti f'dan ir-rapport.

**OSSERVAZZJONIJIET**

6. L-implimentazzjoni ta' l-approprjazzjonijiet għas-sena finazjarja 2003 u ta' l-approprjazzjonijiet miġjuba 'l quddiem mis-sena finanzjarja ta' qabel huma mniżżla fit-*Tabella 2*. Il-kont tad-dħul u l-infiq u l-karta tal-bilanċ ta' l-Uffiċċju għas-sena finanzjarja 2003 huma miġbura fil-qosor fit-*Tabelli 3 u 4*.

7. Il-valur totali ta' l-approprjazzjonijet miġjuba 'l quddiem kien ta' 18,3 miljun euro. Iktar attenzjoni għandha tingħata għall-valutazzjoni ta' jekk it-tiġdid huwa vera neċessarju. Testijiet li saru fuq kampjun ta' 35 % ta' dan l-ammont wera tiġdid mhux ġustifikat ta' madwar 586 000 euro, 350 000 euro għal rapporti ta' tfittxjia u 236 000 euro għal attivitajiet ta' taħriġ professjonali.

8. Numru kbir ta' tiġdid jikkorrispondi għall-impenji provviżorji, il-bilanċ mhux użat li huwa miġjub 'il quddiem fit-totalità tiegħu fl-aħħar tas-sena, anki meta l-bilanċ kollu m'għandux x'jaqsam m'obbligi kontrattwali. Din is-sitwazzjoni hija rregolari

9. Liċenzji tal-kompjuter u *software* mhumiex inklużi taħt l-assi fissi, b'kontravenzjoni għar-Regolament fuq l-inventarju (3). Mill-31 ta' Diċembru 2003, ġie stmat li jista' jkun għandhom valur li jasal sa 700 000 euro.

10. Minkejja l-osservazzjonijiet preċedenti tal-Qorti (4), l-Uffiċċju għadu m'għamilx reviżjoni tas-sistema ta' l-inventarju tiegħu: id-doveri mhux definiti sew u għad m'hemmx taħriġ biżżejjed ta' l-istaff. Huwa diffiċli li zzomm l-inventarju sew f'dawn iċ-ċirkustanzi. Per eżempju, oġġetti ta' tagħmir tal-kompjuters u għamara b'valur ta' madwar 500 000 Euro fil-kontijiet ma setgħux jiġu allokati meta sar inventarju fiżiku.

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Qorti ta' l-Awdituri fil-Lussemburgu fil-laqgħat tad-29 u tat-30 ta' Settembru 2004.

*Għall-Qorti Ewropea ta' l-Awdituri*
Juan Manuel FABRA VALLÉS
*Il-President*

(1) ĠU L 11, ta' l-14.1.1994.

(2) Kif meħtieġ taħt l-Artikolu tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 40/94, il-kontijiet finali tad-dħul u l-infiq kollu ta' l-Uffiċċju għas-sena finanzjarja 2003 tlestew fit-28 ta' Frar 2004 u kienu mibgħuta lill-Qorti ta' l-Awdituri. Il-Qorti rċeviethom fl-24 ta' Settembru 2004. Verżjoni mqassra tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji hija ppreżentata fit-tabelli annessi ma' dan ir-rapport.

(3) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2909/2000 tad-29 ta' Diċembru 2000 (ĠU L 336, tat-30.12.2000, pġ. 75).

(4) Paragrafu 13 tar-rapport fuq is-sena finanzjarja 2002 (ĠU Ċ 319, tat-30.12.2003, pġ. 84).

*Tabella 1*

**Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni tas-Suq Intern (Alicante)**

| Żoni ta' kompetenzi tal-Komunità li joħorġu mit-Trattat | Kompetenzi taċ-Ċentru kif imfisser fir-Regolament tal-Parlament u tal-Kunsill — Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94 ta' l-20 ta' Diċembru 1993 | | Kontroll | Riżorsi disponibbli għall-Uffiċċju fl-2003 (*figuri ta' l-2002*) | Prodotti u servizzi pprovduti fl-2003 |
|---|---|---|---|---|---|
| **Moviment liberu tal-merkanzija**<br><br>Projbizzjonijiet jew restrizzjonijiet ġustifikati fuq il-bażi tal-protezzjoni ta' proprjetà industrijali jew kummerċjali m'għandhomx jikkostitwixxu la mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja u lanqas restrizzjoni moħbija tal-kummerċ bejn l-Istati Membri. (*Artikolu 30 tat-Trattat*)<br><br>Restrizzjonijiet fuq il-libertà li jiġu provduti servizzi fil-Komunità huma projbiti fir-rigward ta' ċittadini ta' Stati Membri li jkunu stabbiliti fi Stat tal-Komunità li ma jkunx dak tal-persuna li lilha jingħataw is-servizzi. (*Artikolu 49 tat-Trattat*) | **Miri**<br><br>Li jimplimenta l-leġiżlazzjoni tal-Komunità fuq trade marks u disinji, li jagħtu lill-intrapriżi protezzjoni uniformi fiż-żona kollha ta' l-Unjoni | **Funzjonijiet**<br><br>— Li jirċievi u jdaħħal applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni<br>— Li jeżamina l-kondizzjonijiet għad-dħul fir-Reġistru u l-kompatibilità mal-leġiżlazzjoni tal-Komunità<br>— li jfittex f'uffiċċji ta' proprjetà industrijali ta' l-Istati Membri għal trademarks nazzjonali li ġa jeżistu<br>— Li jippubblika l-applikazzjonijiet<br>— Li jeżamina kull oppożizzjoni minn partijiet terzi<br>— Li jirreġistra jew ma jaċċettax l-applikazzjonijiet<br>— li jeżamina l-applikazzjonijiet għar-revoka jew l-invalidità<br>— Li jittrattaw l-appelli kontra d-deċiżjonijiet | 1 **Bord Amministrattiv**<br><br>*Kompożizzjoni*<br>— rappreżentant minn kull Stat Membru<br>— rappreżentant mill-Kummissjoni<br>*Funzjoni*<br>— Li jikkonsulta l-President fuq affarijiet li għalihom l-Uffiċċju huwa responsabbli li jipprepara listi ta' kandidanti (Artikolu 120) għall-President, Viċi-President u chairman u membri tal-Bord ta' l-Appell<br>2 **President ta' l-Uffiċċju**<br>Maħtur mill-Kunsill minn lista ta' mill-iktar tlett kandidati li tkun preparata mill-Bord Amministrattiv<br>3 **Kumitat tal-Baġit**<br>*Komposizzjoni*<br>Rappreżentant wieħed minn kull Stat Membru u rappreżentant wieħed tal-Kummissjoni u l-alternati tagħhom<br>*Funzjoni*<br>li jadotta l-*baġit* u r-regolament finanzjarju, jagħti l-approvazzjoni lill-President u jiddetermina l-ispiża tar-rapporti ta' tfittxija<br>4 **Deċiżjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-proċedura**<br>Deċiżjonijiet huma meħuda minn:<br>a) l-Eżaminaturi<br>b) id-Diviżjonijiet ta' l-Oppożizzjoni<br>c) l-Amministrazzjoni ta' Trade Marks u d-Diviżjoni Legali<br>d) id-Diviżjoni tal-Kanċellamenti<br>e) il-Bordijiet ta' l-Appell<br>5 **Verifika esterna**<br>Il-Qorti Ewropea ta' l-Awdituri<br>6 **Awtorità ta' approvazzjoni**<br>Il-Kumitat tal-*Baġit* ta' l-Uffiċċju | **Baġit finali**<br><br>157 miljun euro (*155 miljun euro*) Kontribuzzjoni tal-Komunità: 0 % (*0 %*)<br>**Numru ta' impjegati sa l-31 ta' Diċembru 2003:**<br>Numru ta' postijiet fil-pjan ta' stabbiliment 675 (*675*)<br>Postijiet ġa meħuda 650 (*633*)<br>+ 31 impjegati oħra (kuntratti awżiljarji, espert nazzjonali issekondati, persunal lokali, persunal temporarju)<br>*Persunal totali*: 681 (*)<br>Assenjati għad-dmirijiet li ġejjin<br>— operazzjonali 423 (*)<br>— amministrattivi 245 (*)<br>— imħallta 13 (*)<br>(*): figuri mhux disponibbli għall-2002 | **Trade marks**<br><br>Numru ta' applikazzjonijiet 57 637<br>Numru ta' reġistrazzjonijiet: 34 290<br>Numru ta' każijiet ta' oppożizzjoni: 9 929<br>Numru ta' każijiet lesti: 9 396<br>Appelli lill-Bordijiet ta' l-Appell: 719<br>Ħin medju għar-reġistrazzjoni(barra l-oppożizzjoni u l-appell)<br>— qabel il-pubblikazzjoni: 12-il xahar<br>— bejn il-pubblikazzjoni u r-reġistrazzjoni: 6-il xahar<br>*Disinji*<br>Disinji rċevuti: 37 084<br>Disinji reġistrati: 24 801 |

*Sors*: Informazzjoni mogħtija mill-Uffiċċju.

*Tabella 2*

**L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern — Implimetazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2003**

*(miljun euro)*

| Dhul | | | Nefqa | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Sors tad-dhul | Dhul reġistrat fil-baġit finali għas-sena finanzjarja | Dhul miġbur | Allokazzjoni ta' nefqa | Approprjazzjonijiet fil-baġit finali | | | | | Approprjazzjonijiet trasferiti mis-sena finanzjarja ta' qabel | | | Approprjazzjonijiet disponibbli (baġit 2003 u s-sena finanzjarja 2002) | | | | |
| | | | | reġis-trati | impen-jati | mħallsa | trasfe-riti | kan-ċellati | Impenji pen-denti | mħallsa | kan-ċellati | appro-prjazz-jonijiet | impen-jati | mħallsa | trasfe-riti | kanċellati |
| Drittijiet | 101,4 | 105,6 | Titolu I Staff | 52,4 | 48,6 | 47,4 | 1,2 | 3,8 | 0,9 | 0,7 | 0,2 | 53,3 | 49,5 | 48,1 | 1,2 | 4,0 |
| Dhul ieħor | 4,3 | 4,9 | Titolu II Amministrazzjoni | 26,1 | 24,3 | 16,4 | 7,9 | 1,8 | 9,7 | 9,3 | 0,4 | 35,8 | 34,0 | 25,7 | 7,9 | 2,2 |
| Kwantitajiet maħ-duma mis-sena finanzjarja ta' qabel | 51,7 | 55,4 | Titolu III Nefqa ta' xogħol | 27,2 | 23,4 | 14,1 | 9,3 | 3,8 | 8,7 | 7,8 | 0,9 | 35,9 | 32,1 | 21,9 | 9,3 | 4,7 |
| | | | Titolu X Reservi | 51,7 | 0,0 | 0,0 | 0,0 | 51,7 | 0,0 | 0,0 | 0,0 | 51,7 | 0,0 | 0,0 | 0,0 | 51,7 |
| **Total** | 157,4 | 165,9 | **Total** | 157,4 | 96,3 | 77,9 | 18,4 | 61,1 | 19,3 | 17,8 | 1,5 | 176,7 | 115,6 | 95,7 | 18,4 | 62,6 |

*NB:* It-totali jistgħu jkun fihom differenzi minħabba aġġustamenti.

*Sors:* Informazzjoni ta' l-Uffiċċju. Dawn it-tabelli jiġbru fil-qosor l-informazzjoni mogħtija mill-Uffiċċju fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji tiegħu.

*Tabella 3*

**L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern — Kontjiet għas-snin finanzjarji 2003 u 2002**

*(1 000 euro)*

| | 2003 | 2002 |
|---|---|---|
| **Dħul** | | |
| Dħul proprju | 107 056 | 97 329 |
| Dħul finanzjarju | 3 460 | 3 141 |
| **Dħul totali (a)** | **110 516** | **100 470** |
| **Infiq tal-Dbadġit għas-sena finanzjarja** | | |
| *Staff — Titolu I tal-baġit* | | |
| Pagamenti | 47 416 | 46 106 |
| Approprjazzjonijiet miġjuba 'l quddiem | 1 168 | 934 |
| *Amministrazzjoni — Titolu II tal-baġit* | | |
| Pagamenti | 16 366 | 15 095 |
| Approprjazzjonijiet miġjuba 'l quddiem | 7 891 | 9 718 |
| *Nefqa ta' xogħol — Titolu III tal-baġit* | | |
| Pagamenti | 14 137 | 16 431 |
| Approprjazzjonijiet miġjuba 'l quddiem | 9 262 | 8 651 |
| **Nefqa totali (b)** | **96 240** | **96 934** |
| **Kwantitajiet maħduma għas-sena finanzjarja (a – b)** | **14 276** | **3 536** |
| Nfiq/provvedimenti oħra għas-sena | | |
| **Provvediment għan-nefqa ta' proċedura** | **1 094** | **– 1 363** |
| **Total Parzjali** | **1 094** | **– 1 363** |
| Bilanċ miġjub 'il quddiem mis-sena finanzjarja ta' qabel | 55 368 | 51 349 |
| Approprjazzjonijiet miġjuba 'l quddiem u kanċellati | 1 506 | 1 817 |
| Sommom għal użu mill-ġdid mis-sena finanzjarja ta' qabel li mhumiex użati | 115 | 11 |
| Provvediment għan-nefqa ta' proċedura mis-snin finanzjarja | 0 | 0 |
| Differenzi fil-kambju u dħul straordinarju | – 6 | 17 |
| **Bilanċ għas-sena finanzjarja** | **72 353** | **55 368** |

*NB:* It-totali jistgħu jkun fihom differenzi minħabba aġġustamenti.
*Sors:* Informazzjoni ta' l-Uffiċċju. Dawn it-tabelli jiġbru fil-qosor l-informazzjoni mogħtija mill-Uffiċċju fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji tiegħu.

*Tabella 4*

**L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern — Karta ta' bilanċ fil-31 ta' Diċembru 2003 u fil-31 ta' Diċembru 2002**

*(1 000 euro)*

| Attiv | 2003 | 2002 | Passiv | 2003 | 2002 |
|---|---|---|---|---|---|
| **Assi fissi** | | | **Kapital fiss** | | |
| Bini | 26 747 | 26 286 | Kapital proprju | 27 921 | 28 065 |
| Tagħmir u għamara | 3 828 | 3 783 | Bilanċ għas-sena finanzjarja | 72 353 | 55 368 |
| Tagħmir tat-trasport | 115 | 111 | *Total Parzjali* | *100 274* | *83 433* |
| Tagħmir tal-kompjuters | 11 241 | 9 636 | **Debituri għal żmien twil** | | |
| Assi mhux tanġibbli | 24 | 24 | Kredituri għal żmien twil | 24 | 23 |
| Deprezzament | – 14 035 | – 11 775 | *Total Parzjali* | *24* | *23* |
| *Total Parzjali* | *27 920* | *28 065* | **Passiv kurrenti** | | |
| **Assi kurrenti** | | | Trasferiment ta' approprjazzjonijiet awtomatiċi | 18 322 | 19 303 |
| Fornituri u missjonijiet | 200 | 167 | Avvanzi minn klijenti | 29 395 | 22 289 |
| Kontijiet diversi oħra riċevibbli | 107 | 89 | Ammonti pendenti | 51 | 14 |
| *Total Parzjali* | *307* | *256* | Kontijiet diversi li għandhom jitħallsu | 757 | 664 |
| **Kontijiet ta' flus kontanti** | | | Provvediment għal infiq fuq proċedura | 13 644 | 14 738 |
| Kontijiet tal-bank | 134 239 | 112 256 | *Total Parzjali* | *62 169* | *57 008* |
| Flus kontanti | 1 | 2 | **Kontijiet diversi** | | |
| *Total Parzjali* | *134 240* | *112 258* | Dħul li għandu jintuża | 0 | 115 |
| | | | *Total Parzjali* | *0* | *115* |
| **Total** | **162 467** | **140 579** | **Total** | **162 467** | **140 579** |

*NB:* It-totali jistgħu jkun fihom differenzi minħabba aġġustamenti.
*Sors:* Informazzjoni ta' l-Uffiċċju. Dawn it-tabelli jiġbru fil-qosor l-informazzjoni mogħtija mill-Uffiċċju fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji tiegħu.

## RISPOSTI TA' L-UFFIĊĊJU

7. Għal dak li għandu x'jaqsam mar-rapporti tar-riċerka, it-titjib ta' l-applikazzjoni informatika wżata għall-ġestjoni, it-tneħħija mill-1 ta' Jannar 2004 ta' l-aġġustamenti manwali kif ukoll it-twaqqif ta' l-ingaġġi speċifiċi għal kull wieħed mill-uffiċċji nazzjonali kunċernati jikontribwixxu sabiex issir evalwazzjoni aħjar tal-krediti li jridu jiġu rrapportati Għal dak li għandu x'jaqsam mat-taħriġ, mill-2004, se jkun hemm żewġ eżerċizzji ta' analiżi sabiex jissodisfaw il-bżonnijiet ta' l-ingaġġi: waħda f'Awissu u l-oħra f'Diċembru. Sa minn issa, qed ikun hemm ħelsien mill-impenji hekk meta ssir l-eżekuzzjoni ta' l-azzjonijiet.

8. L-Uffiċċju jieħu nota ta' din l-osseravazzjoni u jieħu l-miżuri neċessarji sabiex inaqqas il-krediti rrapportati li jikkorispondu ma' l-ingaġġi provviżorji.

9. L-Uffiċċju janalizza l-kuntratti kollha kunċernati sabiex jiddetermina l-ammont eżatt li għandu jirreġistra bħala immobilizzazzjoni intanġibbli skond ir-Regolament tal-Kummissjoni (EC) n° 2909/2000.

10. Mill-2003, l-Uffiċċju kien ħa xi miżuri sabiex itejjeb il-kundizzjoni ta' l-inventarju tiegħu, speċjalment il-ġbir ta' l-inventarju f'servizz uniku, l-allinjament tat-terminoliġija fuq dik tal-Kummissjoni, ir-reviżjoni tat-tpoġġija tat-tikketti u t-tneħħija tal-klassifikazzjoni tal-propjetà. Għal dak li għandu x'jaqsam mad-definizzjoni tar-risponsabiltajiet u tat-taħriġ, l-Uffiċċju qiegħed bħalissa jirrevedi r-regolament ta' l-inventarju u l-proċessi bażiċi tiegħu kif ukoll jistabilixxi xi istruzzjonijiet bil-miktub għat-twettiq tal-verifikazzjonijiet fiżiċi